# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2 \ Lm 0.86c

April 2008 * LEHEN L-GĦAWDXIN GĦAL 63 SENA * Nru. 897




## Rebbiegħa Għawdxija




# Għadek m'abbonajtx?




# GĦAL



# FIX-XAHAR!

**Ktieb Rigal!**




*Rakkomandat mill-Isqof Mario Grech*

Dan il-ktieb ġdid u famuż jingħata B'XEJN lil dawk kollha li jħallsu €20 bħala Abbonati Benefatturi.

## IL-ĦAJJA f'Għawdex

MINJIERA TA'
TAGĦRIF U TAGĦLIM
dwar Għawdex u l-Għawdxin

*Meta tabbona tkun qed tieħu r-rivista bil-posta u b'nofs il-prezz li tiswa' (€2 il-kopja). Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2008, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla din il-formola jew agħmel kopja tagħha u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew 'money order' ta' 10 Ewro lill-*

**Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",**
**Lumen Christi Media Centre,**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria VCT 2579, Għawdex.**

---

Isem ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________

*Nixtieq: Nabbona (ġdid)* ☐ jew *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2008* ☐

☐ €10 Abbonament Regolari FIRMA ______________________________

☐ € 20 Abbonament Benefattur / Ktieb Rigal 2008

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 897***
***April 2008***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 2579**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:*** **gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 (Lm 4.30)**
**Benefattur: €20 (Lm 8.60)**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Kummentarju (2) • 16
Għawdex fil-Ġurnali • 18
Attwalità • 19
L-Intervista • 20
Impressjonijiet (5) • 22
Letteratura Għawdxija • 24
Kotba minn Għawdex • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
Il-Misteru tal-Knisja (13) • 28
Snajja Qodma (9) • 30
Tieqa fuq l-Ambjent (4) • 32
Leħen il-Missjunarji Għawdxin (4) • 34
Għawdex Qabel ir-Ritratti (4) • 36
Għawdex 300 sena ilu (163) • 37
Passiġġata Biblika (35) • 38
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin:
Munxar • 40
Xhieda Nisranija • 42
Apprezzament (1) • 43
Apprezzament (2) • 44
Play - Forum (1) • 45
Ibża' għal Saħħtek • 47
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49
Imkejjen Għawdxin (9) • 50

**Ritratti:** *Hajr lil Joe Zammit, Alvin Scicluna, Max Xuereb, John Cordina, Paul Buttigieg, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *"Springtime at Ħondoq" (2007) - Lynda Caton Roseblade*




# *Dir-Rebbiegħa... ibża' għaliha!*

*Tgħid għad tasal ir-rebbiegħa u l-Għawdxin ma jagħrfuhiex? "Tgħaġġibhiex!" nisimgħek tgħidli...*

*Jien ngħidlek li t-tehdida hi kemm minn barra u kemm minn ġewwa. Minn barra hemm il-periklu tal-**global warming**. Mad-dinja kollha, in-natura qegħdin nerdgħuha b'mod u b'rata li ma jagħtuhiex ċans tirriġenera ruħha. Hawn min isostni li l-akbar tehdida li magħha llum il-bniedem qed iħabbat wiċċu, mihiex it-terroriżmu iżda hija t-tibdil fil-klima. Jista' jkun li, għada pitgħada, ulied uliedna jkollhom jgħixu, mhux fit-temp ħlejju li nafu aħna, iżda fi klima sħuna bħal dik tal-Magħreb. F'dan ix-xenarju, l-effetti negattivi fuq il-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin, kif ukoll fuq il-pajsaġġ tagħna, jkunu diżastrużi.*

*Għalhekk, il-ħarsien tal-ħolqien huwa llum dmir morali għal kull wieħed u waħda minna – għalina li wkoll inqbadna fil-ġirja sfrenata u stonata għall-eżaltazzjoni tal-livell ta' l-għajxien b'disprezz għall-kwalità tal-ħajja. Fuq skala dinjija, ċ-ċokon ta' pajjiżna jista' jidher li jiskużana minn kull responsabbiltà, iżda huwa appuntu dan iċ-ċokon li jista' jikkawżalna l-akbar ħsara. Fiċ-ċokon ta' gżiritna, kull metru kwadru ta' art huwa prezzjuż. Għandna pajsaġġ li jsaħħar imma għax drajnieh, nieħduh **for granted** u nikkalpestawh. Nassedjawh bil-ġebla tal-franka – li ukoll fiha nfisha hija riżors prezzjuż – u bil-konkrit. Jekk fil-ħamsa u għoxrin sena li ġejjin nibqgħu nibnu bir-rata li biha tellagħjna l-bini f'dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena, ir-rebbiegħa għal uliedna ma tkunx bħal din li nafu aħna, u li x'uħud fostna, bħall-barranin li jżuruna, jammiraw.*

*Ix-xagħri li neqirdu, ħadd ma jerġa' jġibu lura. Jekk darba kien hawn f'Malta t-Teatru Rjal, ġawhra arkitettonika, u l-gwerra ġarrfitu, għadna, sittin sena wara, nistgħu nerġgħu nibnuh mill-ġdid, kif kien jew aħjar. Iżda mhux hekk fin-natura. Jekk **habitat** jinqered, xejn u ħadd ma jista' jerġa' jrawwem il-flora u l-fawna li jintilfu. B'xorti tajba, f'diversi nħawi t'Għawdex, għadhom jinstabu speċi endemiċi. Jaqblilna nħarsuhom!*

*L-umanità teħtieġ rivoluzzjoni ta' mentalità u azzjoni favur is-sostennibbiltà. Aħna msejħin biex nipparteċipaw f'din ir-rivoluzzjoni b'għaqal u b'urġenza. Ir-rappreżentanti tagħna fil-fora internazzjonali għandhom jipperċiedu din il-kawża. Imbagħad fi gżiritna, ilkoll kemm aħna għandna nidraw ngħixu f'qafas ta' ġustizzja soċjali fejn jitrażżnu l-kumditajiet żejda tagħna biex ma nippreġudikawx il-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri.*

**Joseph W. Psaila**




***Festa tad-Duluri***

Nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Marzu, saret it-tifkira ta' Marija Addolorata. F'diversi parroċċi saret purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri jew ċelebrazzjonijiet oħrajn b'rabta ma' din it-tifkira. Fir-Rabat, Mons. Isqof Mario Grech mexxa quddiesa quddiem il-knisja ta' San Ġakbu minn fejn imbagħad ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa devota ta' Marija Addolorata, akkumpanjata wkoll mill-Fratellanza antika tad-Duluri. Mons. Isqof tkellem dwar id-duluri ta' Marija hija u tħaddan illum lil kull bniedem li bħal Kristu huwa vittma. Huwa semma b'mod speċjali żewġ pjagi tas-soċjetà tagħna llum; id-droga u l-injoranza reliġjuża.

***Ħadd il-Palm***

Nhar Ħadd il-Palm, 16 ta' Marzu, Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali fil-Katidral flimkien mar-Reverendu Kapitlu. Fil-liturġija li tagħti bidu għall-Ġimgħa Mqaddsa, saret il-purċissjoni lejn il-knisja bit-tberik tal-palm u tal-friegħi taż-żebbuġ u nqara l-Vanġelu tad-daħla trijonfali ta' Ġesù f'Ġerusalemm. Imbagħad matul il-quddiesa nqara' r-rakkont tal-Passjoni tal-Mulej minn San Mattew.




***Via Sagra Djoċesana***

Nhar Ħadd il-Palm, saret il-*Via Crucis* Djoċesana fuq l-għolja t'Għammar li fiha ħadu sehem diversi lajċi u saċerdoti flimkien ma' Mons. Isqof. Din il-mixja simbolika, fi kliem l-Isqof stess, hija espressjoni tal-mixja tal-bniedem wara Kristu, liema mixja m'għandhiex tibqa' biss fuq livell esterjuri, imma għandha wkoll isseħħ fil-persuna, b'mod interjuri, billi l-ħajja tal-bniedem titfassal fuq il-valuri tal-Vanġelu.

***Saċerdoti***

Nhar is-Sibt 23 ta' Frar, sar nofs ta' nhar ta' spiritwalità għas-saċerdoti fiċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat. Dan il-mument ta' talb u riflessjoni tmexxa minn Fr. Dione Cutajar.

Nhar it-Tlieta 26 ta' Frar sar il-funeral ta' Mons. Anton Grech Vella, mir-Rabat, kanoniku teżorier tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ martri. Flimkien ma' għadd sabiħ ta' saċerdoti u lajċi nsara, Mons. Isqof mexxa l-quddiesa tal-funeral ta' Dun Anton, li fiha ngħatat l-aħħar tislima lil dan is-saċerdot.

Nhar l-Erbgħa 5 ta' Marzu, ngħatat l-aħħar tislima lil Mons. Salvino Scicluna, mill-parroċċa tal-Katidral, li miet it-Tnejn 3 ta' Marzu, fl-għomor ta' 78 sena. Mons. Scicluna twieled fl-4 ta' Diċembru 1930, u kien ordnat saċerdot fid-9 ta' April 1955. Hu għadda ħafna snin jagħti s-servizz tiegħu ġewwa Ruma jaħdem fil-Vigarjat ta' l-istess belt.



Dun Brian Mejlak ġie maħtur bħala l-kappillan il-ġdid tal-Parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir, f'Kerċem. Dan tħabbar nhar il-Ħadd 2 ta' Marzu, mill-Isqof Mario Grech fil-jum li fih l-istess parroċċa kienet qed tiċċelebra l-festa ta' San Girgor il-Kbir. Dun Brian għandu 36 sena u huwa min-Nadur. Mis-7 ta' Jannar huwa kien Amministratur Parrokkjali ta' din il-komunità.



Dun Fabio Attard, Salesjan, ġie maħtur il-Kunsillier il-ġdid għall-Pastorali maż-Żgħażagħ tas-Soċjetà Salesjana. Huwa twieled ir-Rabat, Għawdex fit-23 ta' Marzu 1959 u ġie ordnat saċerdot fl-4 ta' Lulju 1987. Fost ħafna ħidmiet oħra, fl-2005 Fr Fabio Attard waqqaf l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, li tiegħu għadu d-direttur.

***COMECE***

Bejn il-5 u s-7 ta' Marzu, l-Isqof Mario Grech irrappreżenta lill-Konferenza Episkopali Maltija fl-Assemblea Plenarja tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-Konferenzi ta' l-Isqfijiet tal-Komunità Ewropea. Is-suġġett tal-laqgħa kien; "Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-ħarsien tal-ħolqien – l-inkarnazzjoni tal-ġid komuni fil-*policies* ta' l-Unjoni Ewropea fis-seklu 21". Mons. Isqof kien akkumpanjat minn Mons. Ġużeppi Farrugia, President tal-Kummissjoni 'Il-Knisja f'Malta u fl-Ewropa'.

***It-Tridu ta' l-Għid***

Il-komunità kollha nisranija fid-Djoċesi tagħna flimkien mal-Knisja Universali, ċċelebrat il-misteru tat-tbatija, mewt u qawmien tal-Mulej, bejn l-20 u t-23 ta' Marzu. Nhar Ħamis ix-Xirka filgħodu, saret il-quddiesa taż-Żejt tal-Griżmi fil-Katidral, li fiha ġew imbierka ż-żjut mqaddsa li mbagħad jintużaw fiċ-ċelebrazzjonijiet tas-sagramenti tal-Griżma tal-Morda, tal-Magħmudija, tal-Konfirmazzjoni u ta' l-Ordni Sagri. Is-saċerdoti tad-djoċesi flimkien ma' l-Isqof ġeddew il-wegħdiet saċerdotali tagħhom li kienu



għamlu fil-jum ta' l-Ordinazzjoni. Wara, diversi saċerdoti, ngħaqdu flimkien għal ikla fis-Seminarju f'dan il-jum speċjali għalihom.

Filgħaxija fil-knejjes tagħna, saret it-tifkira sollenni ta' l-Aħħar Ikla tal-Mulej; it-twaqqif ta' l-Ewkaristija u l-Ordni Sagri. Fiha sar ukoll il-ġest tal-ħasil tar-riġlejn mis-saċerdot lil xi membri tal-komunità. Fl-aħħar tal-quddiesa saret il-purċissjoni li fiha l-Ewkaristija Mqaddsa ġiet meħuda fl-Artal tar-Ripożizzjoni, fejn titħalla għall-adorazzjoni ta' kulħadd.



Bħalma hi drawwa popolari fil-gżejjer tagħna, l-Ħamis filgħaxija u l-Ġimgħa filgħodu saru s-Seba' Viżti f'diversi knejjes, b'devozzjoni lejn Ġesù Ewkaristija.



Fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira, jum ta' sawm u astinenza, saret il-funzjoni sollenni tal-Passjoni tal-Mulej u l-adorazzjoni tas-Salib, li fiha jinqara r-rakkont tal-Passjoni, ssir l-Adorazzjoni tas-Salib u mbagħad wara jsir it-Tqarbin.

Filgħaxija mbagħad f'diversi parroċċi saru manisfestazzjonijiet pubbliċi marbuta ma' dawn it-tifkiriet għeżież, bħall-purċissjoni bl-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Via Sagra fit-toroq.

Nhar Sibt il-Għid filgħaxija saret iċ-ċelebrazzjoni sollenni tal-Vġili ta' l-Għid, liturġija maqsuma f'4 partijiet prinċipali; il-mixgħela tad-dawl mill-blandun, sinjal ta' Kristu Rxoxt u l-kant ta' l-Exultet; il-Liturġija tal-Kelma, b'seba' qari; l-liturġija marbuta mas-Sagrament tal-Magħmudija; u l-Liturġija Ewkaristika.



Imbagħad, nhar Ħadd il-Għid, saret ċelebrazzjoni pontifikali li fiha tfakkar il Qawmien mill mewt ta' Ġesù. F'ħafna parroċċi saret ukoll il-purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt.

F'dawn il-funzjonijiet Mons. Isqof Mario Grech dejjem wassal il-messaġġ tiegħu fl-omelija, marbut mat-tifkira ċċelebrata, liema omeliji jistgħu jinstabu fuq il-*website* tad-djoċesi ***www.gozodiocese.org***


**Auto Electrician/Electronics**
**Auto Mechanic**
repairs cars and commercial vehicles
Introduced the latest technology on
**Computer Controlled Systems**

An **auto diagnostic computer** and a **hand held oscilloscope scanner** are the solution for today's car repair. They are used for **European**, **American**, **Asian** and **Japanese** cars.



Systems that can be tested:

Engine Electronics
ABS, Traction Control, ESP
Gearbox Electronics
Transmission Electronics
Suspension Electronics
Power steering/drive by wire
Codes Reading / Erase
A/C System
Body Computer
Immobilizers
Interiors Control
Key Programming
Service Reset
Airbags

A detailed list of the errors detected, test results and interventions carried out will be shown to the customer.

**So come directly to the right MECHANIC / ELECTRICIAN - well qualified and experienced - and you will save time and money.**

**Call on, or make an appointment with:**
**Wayde Camilleri** *Tal-Guzi*
**7905 2531 / 2155 2300 (Garage) / 2156 5820 (Home)**
**Garage situated at Fatima Street, Nadur, Gozo.**

# *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*
# "Nirċievu u nagħtu l-maħfra"
# *- Il-Ħniena Divina u l-Paċi ta' l-Għid*



**Għeżież Ħuti fi Kristu,**

**Fil-bidu tar-Randan li għadda staqsejtkom xi tridu u x'qegħdin tfittxu fil-ħajja; ħeġġiġtkom biex tħallu l-Kelma t'Alla tkellimkom u ddawwalkom fuq dak li jiġri madwarna u ġo fina biex tiskopru x'qed tistennew mill-ħajja. Issa li qegħdin niċċelebraw l-Għid tal-Mulej, xi tweġiba rnexxilkom issibu għal dawn il-mistoqsijiet?**

L-Evanġelju li tħabbrilna dalgħodu (Ġw 20,19-31) jgħidilna li d-dixxipli wkoll kellhom bħal dawn il-mistoqsijiet f'qalbhom. Il-fatt li "kienu mbeżżgħa mil-Lhud bil-bibien magħluqa" (Ġw 20,19) jindika li kienu għadhom ma jafux x'qed jistennew mill-ħajja. Imma mbagħad Ġesù Rxoxt ġie f'nofshom u wriehom il-pjagi ta' jdejh u ta' ġenbu, jiġifieri s-sinjali tal-passjoni doloruża li ħalliet dawn il-marki fil-ġisem tiegħu anke wara l-Qawmien. Dawk l-istess pjagi glorjużi li tmint'ijiem wara Ġesù stieden lil Tumas biex iqiegħed subgħajh fuqhom, juru l-Ħniena Divina li llum qegħdin nagħmlulha festa.

Santa Fawstina tikteb fid-djarju tagħha li darba Ġesù qalilha li **"l-bnedmin ma jsibux paċi qabel ma jduru b'fiduċja lejn il-Ħniena Divina"** (n.132). Dan seħħ lid-dixxipli li, wara li kellhom din id-dehra tal-Ħniena Divina, rebħu l-biża' u sabu motiv qawwi biex jgħixu l-ħajja fil-milja tagħha. Dan huwa li għandu bżonn il-bniedem tal-lum: illi, mgħobbi b'piżijiet materjali, morali u spiritwali, **jagħraf jikkontempla l-Ħniena Divina biex fiha jsib l-għajnuna u l-motivi biex jgħix fil-paċi miegħu nnifsu, ma' Alla u ma' l-oħrajn.**

Ġesù mhux biss jirrivela lid-dixxipli l-ħniena tiegħu bla tarf, imma jagħmilhom "ministri tal-Ħniena Divina". Infatti jgħidilhom: "Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom. Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma." (Ġw 20,21-23)

**Il-maħfra tad-dnubiet hija espressjoni qawwija ta' kif il-bniedem jagħmel esperjenza tal-ħniena t'Alla.** Min minna huwa bla dnub? Jew min fostna huwa daqshekk perfett li ma jistax jiżbalja? Kif jikteb Missierna San Pawl: "Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja". (Rum 5,20) Għax jekk id-dgħufija umana taf tfixkilna u tagħmel il-ħsara, Alla, li jara l-qalb niedma u sinċiera tal-bniedem (ara Salm 51,8.19), aktar isawwab imħabbtu fuq dik il-persuna. Huwa fatt li aħna dak li aħna mhux bil-ħila tagħna nfusna, imma bil-qawwa tal-grazzja t'Alla! It-tabib ma jeħtieġuhx dawk li huma b'saħħithom, imma l-morda. (ara Mt 9,12-13)

**Aħna mhux biss nirċievu din il-maħfra, imma bħala "ministri tal-Ħniena Divina" aħna fid-dmir li noffru din il-maħfra lil ħaddieħor.**

Il-maħfra mhix l-uniku mod kif nistgħu nwettqu dan il-ministeru tal-Ħniena Divina. L-imħabba li ssir servizz ta' qadi lejn il-bniedem fil-bżonn hi espressjoni ta' din il-Ħniena Divina. Għalhekk **huwa dmir tagħna li nsostnu dawk il-ħidmiet pastorali favur il-foqra u l-batuti ta' żmienna. Fost dawn hemm it-tfal bla familja jew li għandhom xi problema, bħal dawk li l-Knisja tilqa' fid-Djar tat-Tfal immexxija minnha; hemm il-persuni b'diżabbiltà; hemm il-vittmi tad-droga u tax-xorb; hemm l-anzjani, speċjalment dawk minsija mill-familji tagħhom. Dawn l-opri tal-ħniena huma teżor għall-Knisja tagħna, għax joffrulna l-okkażjoni biex nuru ħniena ma' min huwa fil-bżonn.** Dawk kollha, saċerdoti, sorijiet u lajċi fil-Knisja lokali, li direttament jew indirettament qed jikkontribwixxu f'dan il-qasam tal-karità, jistħoqqilhom kliem ta' apprezzament u kull sapport.

F'dan iż-żmien ta' tħejjija għall-festa ta' Pentekoste, li ġġib fi tmiem il-mixja ta' l-Għid, **inħeġġiġkom titolbu lill-Ispirtu s-Santu jieqaf mal-Knisja f'Għawdex biex ma tibżax issejjaħ fuqha l-Ħniena Divina u tkun hija stess ministru u xhud ta' din il-ħniena.**

Nitlob fuqkom il-barka u l-ħniena infinita ta' Alla.
Mogħtija mill-Kurja ta' l-Isqof, illum, it-Tlieta ta' l-Ottava ta' l-Għid, 25 ta' Marzu 2008.

Mons Salv Debrincat — *Kanċellier*

+ Mario Grech — *Isqof għall-qadi tagħkom*

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

Kummentarju (1)

# Insaħħu l-Familja, mhux inkissruha..!



*kitba ta'* **DUN RENATO BORG**

**Huma ħafna dawk li jitkellmu dwar il-fenomenu tas-separazzjonijiet u d-divorzju. Anke pajjiżna mhux eċċezzjoni għaliex il-problema kulma tmur qeda dejjem tikber u sfortunament qed taħkem ukoll lill-koppji miżżewġin tagħna. Dan l-aħħar iltqajt ma' ktieb interessanti ta' waħda avukatessa mill-Amerika, ktieb li jġib l-isem *"The Divorce Lawyers' Guide to staying married"*.** L-avukatessa Wendy Jaffe, il-qasam speċjalizzat tagħha huwa dak li jittratta kif wieħed iġib id-divorzju u għall-ewwel jista' jidher daqsxejn kontradittorju kif avukatessa li taħdem biex iġġib id-divorzju bejn koppja miżżewġa tista' tasal biex tagħti l-pariri lill-miżżewġin kif għandhom isaħħu r-relazzjoni ta' bejniethom propju biex ma jaslux biex jisseparaw jew jiddivorzjaw. Wendy tagħmilha ċara li l-ktieb m'huwiex frott unikament ta' dak li rat u semgħet hi biss matul ix-xogħol tagħha kemm meta ħadmet fil-liġi tal-familja kif ukoll bħala avukatessa iżda kif tistqarr hi, il-ktieb huwa bbażat fuq 100 konverżazzjonijiet li hija għamlet lill-aqwa 100 avukat madwar l-Amerika kollha li jaħdmu f'dan il-qasam. Kif tgħid hi stess hija staqsiethom "X'inhuma l-kawżi prinċipali tad-divorzju?" Mit-tweġibiet li hija rċievet Wendy waslet għall-konklużjoni li **hemm disa' sintomi jew kawżi komuni li jistgħu jwasslu biex koppja tissepara jew biex żwieġ ifalli.**

Nistgħu ngħidu li dan l-artiklu jixtieq jgħin lill-miżżewġin isaħħu r-relazzjonijiet ta' bejniethom u jsalvaw ir-relazzjoni tagħhom billi jitgħallmu minn dawk ta' qabilhom li diġà għaddew minn din l-esperjenza qarsa.

### *L-iktar żewġ kawżi komuni*

Wendy tgħid li **l-iktar żewġ kawżi komuni li jistgħu jwasslu għas-separazzjoni huma dawk tas-sesswalità u tal-flus.** Dawn mhux biss huma komuni iżda wkoll ħafna drabi huma mifhuma ħażin.

Dwar *il-problema tas-sess* fil-koppja hija tagħmilha ċara, li hawn mhix tirreferi għall-problemi żgħar li fuqhom jista' ma jkunx hemm dejjem qbil fil-koppja. Dak li ħareġ ċar mill-avukati intervistati u t-tweġibiet li taw kienu żewġ problemi li huma iktar profondi u li propju jheddu l-istess relazzjoni tal-koppja. Min-naħa l-waħda hemm koppji li jkollhom problema kbira biex jikkomunikaw u jesprimu mħabbithom permezz tas-sesswalità, tant li jkun hemm koppji li jdumu diversi xhur jekk mhux ukoll snin ma jersqu lejn xulxin. F'dan il-każ jirriżulta li dawk il-koppji li m'għandhomx relazzjonijiet sesswali bejniethom jew inkella fejn dawn ir-relazzjonijiet huma minimi ħafna hemm periklu li l-għaqda ta' bejniethom tiddgħajjef.

Però l-istess studju jkompli juri **li n-nies jeħtieġ li jkunu iktar konxji mill-effetti negattivi tal-pornografija fuq l-internet.** L-avukati josservaw li iktar ma jgħaddi ż-żmien huma qegħdin jaraw in-numru jikber ta' rġiel li qegħdin isiru *addict* għall-pornografija fuq l-internet. Huwa veru li l-pornografija ilha teżisti iżda qabel kienet ferm iktar diffiċli biex issib tixtri r-rivista, kont trid taħbiha u tkun dejjem inkwetat li xi ħadd jista' jsibha. Mhux hekk illum, tant saret ħaġa faċli, biżżejjed tuża l-komputer ta' darek u jkollok aċċess minn fuq l-internet għal kull kwalità ta' pornografija. **Il-pornografija mhux talli ma tgħinx biex issaħħaħ ir-relazzjoni sesswali bejn il-koppja, għall-kuntrarju l-pornografija ta' kull għamla toħloq ostakli fir-relazzjonijiet sesswali bejn il-miżżewġin.** Fejn il-persuna ssir tassew *addict* ġie li ma tkunx iktar kapaċi tidħol f'relazzjoni sesswali mal-persuna li tħobb.

Rigward *l-infedeltà* fiż-żwieġ Wendy Jaffe tosserva li l-infedeltà mhux dejjem twassal għas-separazzjoni jew għad-divorzju, tant hu hekk li f'ħafna każi hija l-parti ħatja ta' infedeltà li tiftaħ l-applikazzjoni għad-divorzju u mhux il-parti innoċenti. **Wieħed jista' jevità li l-infedeltà tkun kawża tad-divorzju jew separazzjoni jekk it-tnejn flimkien (il-miżżewġin) jinżlu fil-qalba tal-problema biex jaraw għaliex setgħet isseħħ din l-infedeltà, ovvjament jeħtieġu l-għajnuna ta' xi persuna kwalifikata biex jaslu għal dan.** Mhix ħaġa faċli iżda hija ħaġa possibbli u wieħed irid ikun lest li jidħol għal din il-biċċa xogħol iebsa biex isalva ż-żwieġ tiegħu.

*Il-flus* huma waħda mill-kawżi ewlieni tas-separazzjonijiet. Hawn il-problema mhix tant jekk koppja hix sinjura jew fqira, jiġifieri l-problema mhix fil-flus fihom infushom; l-*issue* hija meta wieħed jew waħda li "tonfoq", tiżżewweġ wieħed jew waħda li "tfaddal". Fl-għerusija ħafna drabi l-fatt li jkunu differenti fil-mod ta' kif jużaw flushom, jaħsbu li hija ħaġa sabiħa u li tista' tgħinhom it-tnejn biex jikbru. Iżda il-mod ta' kif nużaw flusna, ħafna drabi huwa marbut ħaġa waħda mal-mod ta' kif kbirna u l-istil ta' ħajja li fassalna u hija ħaġa ħafna iebsa jekk mhux ukoll impossibbli li wieħed jinbidel. **Aħna għandna**

**sentimenti qawwija dwar kif għandhom jintefqu l-flus jew fuq xhiex għandhom jintefqu u kemm għandhom jintefqu. Għalhekk meta fiż-żwieġ għandek sieħeb li jħobb jonfoq u ieħor li jħobb ifaddal faċli li jinqala' l-inkwiet bejniethom.** Dwar il-flus wieħed josserva wkoll li meta fiż-żwieġ ikun hemm dħul kbir ta' flus jew għal kuntrarju jitbaxxa ħafna d-dħul tagħhom hemm periklu kbir li ż-żwieġ jasal biex jitfarrak għax ma jkunx jiflaħ għal dik il-bidla qawwija, fil-pożittiv jew fin-negattiv, li tiġi fuqu.

***L-imħabba hija importanti iżda mhix kollox***

Kawża oħra tad-divorzju hija meta wieħed mill-imsieħba jekk mhux it-tnejn ikollhom ***aspettativi li m'humiex realistiċi***. Tistagħġeb kif anke fi żminijietna m'humiex ftit dawk li jidħlu għall-ħajja miżżewġa b'ideat ta' fantasija dwar iż-żwieġ, minn għalihom kulma trid u għandek bżonn hija l-imħabba. Huwa veru li l-imħabba hija importanti u għalhekk tnejn jagħżlu li jkunu ta' xulxin għal dejjem għax ikunu jinħabbu. Iżda l-imħabba mhix kollox u hemm ħafna aspettativi li m'humiex realistiċi ta' nies li għandhom din il-viżjoni. Insomma ż-żwieġ qatt ma huwa xi film ta' Walt Disney. **Meta l-bniedem ikollu aspettativi li ma jkunux realistiċi qatt mhu sejjer ikun kuntent fl-istat li jkun u ħafna drabi jwaħħal fl-oħrajn jew fis-sitwazzjonijiet ta' madwaru u ma jasalx biex jgħaraf li l-problema ġejja minnu. Għaldaqstant huwa tajjeb li f'kull ħaġa li nagħmlu jew nidħlu fiha jkollna dejjem saqajna fl-art.**

Ir-raba' sintomu tat-tifrik taż-żwieġ hija ***l-problema tal-komunikazzjoni***. Kif tosserva Wendy Jaffe din hija xi ħaġa li kulħadd isemmiha iżda forsi dak li ma tantx jiġi mogħti konsiderazzjoni hija x'qegħdin nifhmu b'komunikazzjoni u meta eżatt il-komunikazzjoni bejn tnejn ma tibqax iktar possibbli. Importanti ħafna li sa mill-għerusija s-sieħba jipprovaw jaħdmu flimkien biex itejbu u jibnu bejniethom komunikazzjoni li tgħinhom tassew jikbru flimkien. **Komunikazzjoni ma tfissirx biss il-kapaċità li tesprimi ruħek iżda tfisser ukoll il-kapaċità li tkun taf tisma' lill-ħaddieħor. Għalhekk mal-kliem u l-lingwaġġ tal-ġisem hu meħtieġ ukoll is-silenzju bejn l-erba' ħitan ta' darna, silenzju li jgħinna nisimgħu l-weġgħat tal-qalb ta' dawk ta' madwarna li ebda kelma ma hija kapaċi tesprimi.** Forsi hawn ta' min isemmi l-komunikazzjoni ma' Alla għaliex **il-bniedem li jaf jikkomunika ma' Alla jaf jikkomunika ma' ħutu l-bnedmin.**

***Kawżi oħra ta' firdiet***

Kawża oħra li twassal biex iddgħajjef ir-relazzjoni tal-koppja hija meta wieħed iħossu ***kkontrollat***. Illum, mhux biss fil-familja, iżda wkoll madwarna nintebħu li huma ħafna l-affarijiet u l-mezzi li b'xi mod qegħdin jikkontrollaw lil ħajjitna. Però **meta persuna tħossha li hija kkontrollata mill-persuna li hija tħobb allura l-frustrazzjoni tkun ikbar għaliex tonqos il-fiduċja li għandu jkun hemm bejn tnejn li tassew iħobbu lil xulxin.** Wendy Jaffe tosserva ukoll li dan il-kontroll jista' jintrebaħ iktar ma jkun hemm bilanċ bejn il-poter, bejn l-imsieħbin fiż-żwieġ. Meta jinħoloq xi żbilanċ fil-poter jew fit-tmexxija tal-familja dan ma jgħinx biex tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-koppja.

Is-sitt sintomu li minnu titkellem Wendy Jaffe huwa dak li hija ssejjaħlu ***"sfidi mentali u 'addictions' fiżiċi"***, dawn jinkludu bħal mard mentali, depressjoni u diżordnijiet oħra mentali jew *addictions* fiżiċi. Dawn huma waħda mill-kawżi ewlenin tad-divorzju fl-Amerika, tant li tgħid li fl-Amerika għandna sigriet kbir ta' kemm hawn nies li għandhom problemi mentali u kemm hemm nies li qegħdin fuq id-*drugs* u xi drabi dawn huma marbutin flimkien. F'dan ir-rigward hija inkluża wkoll il-problema tal-alkoħol. Għaldaqstant **huwa importanti ħafna li min ikun ser jidħol għaż-żwieġ irid ikun sinċier mas-sieħeb jew sieħba tiegħu dwar xi problemi li jkun għadda minnhom jew jekk kellux xi mard mentali jew jekk kienx fuq xi għamla ta' drogi.** Barra minn hekk, ikun meħtieġ li meta tinħoloq xi problema importanti tintalab mill-ewwel konsulenza professjonali biex il-problema ma tkomplix tiggrava ruħha.

**Kawża oħra tad-divorzju, huwa *l-istess divorzju*. Meta wieħed jgħaddi mill-ewwel divorzji ġie li jidħol għat-tieni, għat-tielet jew ir-raba' żwieġ.** Ovvjament hawn Jaffe qed titkellem mis-sitwazzjoni Amerikana fejn id-divorzju huwa permess mil-liġi. Però importanti li wieħed jinnota li **dawk li jkunu diġà għaddew minn divorzju, hemm probabbiltà kbira li jerġgħu jgħaddu minn divorzji oħra.** Dan għaliex, kif josservaw ħafna avukati, dak li aħna nżommu bħala ovvju, jiġifieri li wieħed jitgħallem mill-esperjenza tiegħu fil-fatt mhu ovvju xejn għaliex **ħafna drabi wieħed ma jitgħallem qatt u jerġa' jirrepeti l-istess żbalji ta' qabel.**

It-tmien kawża li twassal biex b'xi mod jew ieħor tiddgħajjef ir-rabta tal-koppja hija meta t-tnejn flok jikbru flimkien jibdew jikbru mbegħdin minn xulxin, dik li Wendy Jaffe issejjaħ *"growing apart"*. Dan jiġri b'mod partikolari meta l-mara jew ir-raġel **jitfgħu l-attenzjoni tagħhom kollha fuq uliedhom u ma jinvestux fuq ir-relazzjoni ta' bejniethom,** ħafna drabi mank jibqagħlhom ħin għal xulxin. Importanti li l-ġenituri jgħarfu li r-relazzjoni ta' bejniethom hija waħda mill-aspetti l-iktar importanti biex uliedhom jikbru aħjar. Dan il- *"growing apart"* jista' jseħħ ukoll meta **bejn iż-żewġ imsieħba jkun hemm għanijiet u valuri kompletament differenti minn xulxin** kif ukoll meta jkollhom *hobbies* u interessi opposti għal xulxin.

L-aħħar kawża li twassal ħafna biex jisseparaw hija sempliċement ***in-nuqqas ta' impenn***. Dan jidher l-iktar f'dawk il-kawżi fejn ma jkunx hemm kawża vera u reali. Tnejn jaslu biex iħallu lil xulxin minħabba n-nuqqas ta' impenn lejn dak li daħlu għalih. Jispiċċaw li għal kwalunkwe ħaġa, anke dik l-iktar banali, jsibu skuża biex jonqsu mill-kelma li taw u jibdew avventura oħra li bħal ta' qabilha ma tantx ikollha futur.

**Huwa veru li ħafna drabi l-kawżi jistgħu jkunu iktar komplikati u huwa veru wkoll li mhux dejjem huma marbuta ma' kawża unika.** Iżda jien nemmen li dan l-istudju ta' din l-avukatessa jista' jgħin lil ħafna miżżewġin biex ma jħallux li xi waħda minn dawn is-sintomi tidħol fil-ħajja miżżewġa tagħhom; u fejn hemm xi preżenza ta' xi kawża minn dawn li semmejna, jagħrfu jieħdu dawk ir-rimedji meħtieġa biex jeliminawha. **Dan l-artiklu jista' jiftaħ għajnejn dawk il-koppji li qegħdin iħejju ruħhom għaż-żwieġ biex l-għerusija jeħduha iktar b'impenn u serjetà ħalli jeliminaw kemm jista' jkun minn qabel xi wħud mill-kawżi li diġà jkunu preżenti fl-għerusija.**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Imfakkar Jum il-Fundatur tal-Moviment Dinji ta' l-Iskawz*

Ta' kull sena, il-Moviment Dinji ta' l-*iScouts* jiċċelebra għeluq snin il-Fundatur tiegħu, Lord Robert Baden-Powell. Il-*Victoria Scout Group* fakkar din l-okkażjoni billi organizza diversi attivitajiet. Peress li din is-sena l-*iscouting* f'Malta jagħlaq mitt sena, dawn l-attivitajiet taw bidu għall-programm li l-*Group* għandu mħejji għal din is-sena.



*Il-Victoria Scout Group fi triqtu lejn il-knisja ta' San Franġisk waqt il-parata ta' Jum il-Fundatur.*

Il-membri tat-tlett sezzjonijiet differenti tal-*Group,* nhar is-Sibt, 23 ta' Frar, iltaqgħu fil-kwartieri tal-*Group* biex jieħdu sehem f'attività flimkien. Din l-attività sejħulha *"il-party"* għad-unur ta' Lord Baden-Powell. Kien hemm madwar mitt tifel mal-*leaders* tagħhom u dawn inqasmu fi tmien timijiet. Ġo kull *team* kien hemm *Venture Scouts* (ta' bejn 15 u 17-il sena), *Scouts* (ta' bejn 11 u 15-il sena) u *Cub Scouts* (ta' bejn 8 u 11-il sena). Kull tim kien mitlub jagħmel diversi affarijiet. Riedu jirrispondu mistoqsijiet fuq il-Fundatur u fuq l-istorja ta' l-iskawting fid-dinja, li s-sena l-oħra ċċelebra l-mitt sena mit-twaqqif tiegħu. Ħadu sehem f'*campfire* u kienu l-protagonisti f'tifkira ta' l-assedju ta' Mafeking, assedju li permezz tiegħu s-suldat Baden-Powell sar eroj nazzjonali fl-Ingilterra. Kienu mitluba juru ħiliet ta' l-iskawz, kull wieħed skond l-età tiegħu. Ixxabtu, tkaxkru, ibbilanċjaw ruħhom u raw kif għamlu biex jgħaddu minn korsa t'ostakli mħejjija għalihom. Fl-aħħar kellhom jibdlu lill-*leader* ta' kull tim fil-persuna ta' Baden-Powell billi jikkrejaw ħwejjeg u fattizzi minn biċċiet ta' karti, kartonċin, kolla, u żebgħa. Kull tim kien f'tellieqa kontra l-ħin biex jipprova jlesti dawn il-provi kollha u fil-kwartieri kien hemm moviment kontinwu ta' tfal telgħin u neżlin, deħlin f'kamra u ħerġin minn oħra, jidħku, jitkellmu, jiġru, jiddiskutu u jieħdu gost kemm jifilħu. Xħin kulħadd lesta l-provi kollha, inġabru l-punti u saru jafu liema tim kien ir-rebbieħ. Il-membri ta' dan it-tim rċevew il-medalji li kien ħaqqhom.



*Iċ-ċerimonja tal-investizzjoni tal-Cub Scout Benjamin Grech flimkien mal-leaders tal-Pack tiegħu, Helen Cini fuq ix-xellug, Mary Rose Pace fin-nofs u l-Group Scout Leader Lorrie Saliba.*

Imbagħad l-għada l-Ħadd 24 ta' Frar, saret iċ-*church parade* u quddiesa fil-knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex. Bil-bnadar tal-*Group* fuq quddiem, il-membri mmarċjaw mill-kwartieri sal-knisja fejn sabu jistennewhom il-membri tal-Kunsill u numru sabiħ ta' ġenituri u *supporters*. Fil-bidu tal-quddiesa, il-kappillan tal-*Group*, Mons. Joseph Farrugia laqgħa lil żewġ mistiedna tal-*Group*, Brian Beck, li hu ċ-*chairman* tal-*Fellowship* ta' Brownsea Island (il-gżira fejn Baden-Powell żamm l-ewwel kamp fl-istorja ta' l-*iscouting*) u lil Peter Neville, *Scouter* ieħor Ingliż. Laqgħa wkoll lil-*leaders* u l-membri tax-Xagħra *Scout Group*, grupp ġdid ta' l-*Iscouts* li se jitwaqqaf dalwaqt fil-gżira għawdxija. Matul il-quddiesa, il-membri ġeddew il-Wegħda tagħhom.

Wara l-quddiesa, ittieħdu xi ritratti ta' l-okkażjoni. Imbagħad fuq iz-zuntier tal-knisja saret iċ-ċerimonja ta' l-investizzjoni ta' disa' *Cub Scouts* ġodda fiż-żewġ *Packs tal-Group*. L-attività ta' din l-għodwa ntemmet bl-għajta tipika tal-*Group*.



*Ritratt ta' l-okkażjoni li ttieħed quddiem il-knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.*

## Mejda ta' l-Appostli u Wirja Reliġjuża fiż-Żebbuġ


*Dettalji mill-"Passjoni 2008"*

Is-Soċjetà Filarmonika Santa Marija Żebbuġ , nhar il-Ħadd 16 ta Marzu, fetħet għall-pubbliku mejda ta' l-appostli u wirja sagra-reliġjuża bl-isem ta' "Il-Passjoni". Il-wirja saret fil-każin tal-banda, fi Triq il-Knisja, Żebbuġ.

Il-Passjoni kienet tikkonsisti fost l-oħrajn f'mejda ta' l-appostli mlibbsa bin-newl, xogħol minsuġ mill-qotton li r-raħħala Żebbuġin kienu tant popolari għalih. Wieħed seta' jifli ukoll pitturi oriġinali fuq it-tila b'temi reliġjużi, xogħol artisti Żebbuġin; xogħol fil-fuħħar u wirja ta' statwetti, santi antiki u xbiegħat marbutin mal-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. F'din il-wirja ġew esebiti ukoll 13-il *Hamper*, li rrappreżentaw it-12-il appostlu u lil Ġesù Kristu. Dawn ingħataw b'xejn lill-familji Żebbuġin f'lotterija, b'biljetti li tqassmu f'kull dar, b'apprezzament lejn l-għajnuna tagħhom matul is-sena lis-Soċjetà Filarmonika Santa Marija.


*Diversi Xogħlijiet reliġjużi fuq it-tila esebiti minn diversi artisti Żebbuġin fosthom Mario Cassar, Vitor Cini u Maryrose Saliba.*


*Il-Mejda ta' l-Appostli fost il-biċċiet tan-Newl u xogħlijiet fil-fuħħar.*

Il-Passjoni tbierket mid-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà l-Kanonku Carmelo Cini.

Il-wirja baqgħet miftuħa kuljum matul il-Ġimgħa Mqaddsa.

## Jiltaqgħu wara 23 sena li ħallew l-iskola


*Grupp ta' ex-studenti bniet waqt re-union fix-Xlendi*

Biex ifakkru għeluq it-23 sena ta' meta bħala studenti tal-ħames sena ħallew l-iskola Sekondarja tal-Bniet fir-Rabat, Għawdex, madwar 30 studenta, nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Frar, iltaqgħu mill-ġdid biex flimkien iġeddu dawk il-memorji sbieħ ta' meta kienu għadhom fuq il-bank ta' l-iskola.

Josephine Camilleri, mir-Rabat, Għawdex, waħda minn dawn it-tfajliet qaltilna illi issa li kulħadd qabad it-triq tiegħu, ħasbu li tkun ħaġa sabiħa li jagħmlu *re-union*.

Kienet ikla b'atmosfera ta' ferħ fir-*restaurant* De'Manuel, fix-Xlendi, żiedet tgħidilna Josephine . Waqt din l-attività ngabru wkoll xi ritratti tad-diversi attivitajiet li kienu jsiru fi żmienhom, meta dawn kienu għadhom fuq il-bankijiet ta' l-iskola, u li qanqlulhom memorji sbieħ li ma jintesewx, memorji ta' għaqda u ħbiberija vera.

## Kunċerti tal-"Chorus Urbanus" max-"Sheffield University Wind Orchestra"



Matul il-Ġimgħa Mqaddsa, il-*Chorus Urbanus* ħa sehem f'kunċerti max-*Sheffield University Wind Orchestra* li kienet qed tagħmel żjara f Malta. Din iż-żjara kienet organizzata mill-*Mediterrean Institute* ta' l-Università ta' Malta u saru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill tal-Kultura f'Għawdex, il-Patrijiet Agostinjani tal-Belt Victoria u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Parroċċa ta' Bormla f'Malta.

L-ewwel kunċert sar fil-knisja ta' Sant' Wistin tal-Belt Victoria nhar it-Tnejn, 17 ta' Marzu. L-orkestra, taħt id-direzzjoni ta' Anthony Houghton daqqet *Fanfare for the Common Man* ta' Aaron Copland, *Overture for Harmonie Op. 24* ta' Felix Mendelssohn, *Passacaglia* ta' Tim Jackson, *Hymn to the Fallen* ta' John Williams, *Time Remembered* ta' Philip Sparke u *The Forest of Arden* ta' George Lloyd. Il-*Chorus Urbanus*, taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea kanta *O Salutaris Hostia* ta' John Galea, *Vexilla Regis, Anon, Crux Fidelis* ta' John Galea, *Improperia*

ta' John Galea u akkumpanja lill-orkestra fil-*Hymn to the Fallen*. Mal-*Chorus Urbanus* ħadu sehem Yvonne Galea, Sopran, u Noel Galea, Baxx. *Compere* tas-serata kien il-Kav. Joe M. Attard.

Nhar it-Tlieta, 18 ta' Marzu , il-*Chorus Urbanus* mar Malta biex ingħaqad ma' l-orkestra fil-Parroċċa ta' Bormla fejn ta serata oħra max-*Sheffield University Wind Orchestra*. Il-programm kien maqsum fi tnejn kif kien f'Għawdex. F'din l-okkażjoni l-orkestra daqqet *Fanfare for the Common Man* ta' Aaron Copland, *Bright Spirit* ta' Judith Bingham, *Hymn to the Fallen* ta' John Williams, *Toccata Marziale* ta' Vaughan Williams, *Chorale Prelude* ta' Cesar Franck, *If With All Your Hearts* and *Lord of Abraham* minn *Elijah* ta' Felix Mendelssohn u *The Shadow of Golgotha* ta' Wouter Lenaerts.



*Dehra ġenerali waqt il-Kunċerti tal-Chorus Urbanus max-Sheffield University Wind Orchestra.*

*Chorus Urbanus* irrepeta l-kunċert li kien għamel f'Għawdex u akkumpanja lill-orkestra fil-*Hymn to the Fallen*. Il-kunċert sar quddiem knisja mimlija b'nies attenti għal dak li kienu qed jisimgħu. Fost il-mistednin kien hemm il-Kapitlu ta' Bormla, l-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonnici, President Emeritus ta' Malta u bosta mistednin oħra. Kollha kellhom kliem ta' ħajr għall-kunċert, għall-orkestra kif ukoll għall-*Chorus Urbanus*. Fiż-żewġ okkażjonijiet kien hemm bdil ta' rigali bejn is-surmastrijiet fost l-applawsi ta' dawk li kienu preżenti.

## Iċ-Ċelebrazzjoni "Is-Siegħa ta' l-Omm"- Marija Xandàra tat-Tama



*Nisa jistennew sabiex jitilgħu jidilku l-affarijiet sagri bil-fwejjaħ.*

Nhar Sibt il-Għid, it-22 ta' Marzu, filgħodu, fis-Santwarju Ta' Pinu, Mons. Isqof Mario Grech mexxa "Is-Siegħa ta' l-Omm" - ċelebrazzjoni Marjana.

L-insara akkumpanjaw bit-talb lil Marija, Omm il-Knisja, li f'dan il-jum għexet l-akbar prova tal-fidi u tar-rabta tagħha ma' Alla.



*Mons. Isqof Mario Grech jagħmel it-Talba ta' Għeluq iċ-Ċelebrazzjoni.*

Din iċ-ċelebrazzjoni Marjana, "Is-Siegħa ta' l-Omm", ġiet miktuba minn P. Ermano M. Toniolo osm. It-talb huwa spirat mit-tradizzjoni tal-Liturġija Latina u dik Biżantina. Ilha ssir ġewwa Ruma sa mis-sena 1982. Fuq xewqa tal-Papa Ġwanni Pawlu II kienet ġiet iċċelebrata ġewwa l-Bażilika tal-Vatikan darbtejn waqt li ta' kull sena tiġi ċċelebrata fil-Bażilika Marjana ta' Santa Maria Maggiore ġewwa Ruma. Ġiet iċċelebrata għall-ewwel darba fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu f'Għawdex minn Mons. Isqof Mario Grech, nhar il-15 t'April, 2006. It-traduzzjoni fil-lingwa Maltija saret minn Dun Gerard Buhagiar. Iċ-ċelebrazzjoni ssir Sibt il-Għid filgħodu, biex hekk ma ttellifx mill-importanza kbira li għandha l-Velja ta' Għid il-Kbir.

F'post prominenti tpoġġiet ix-Xbieha tad-Duluri b'musbieħ jixgħel biż-żejt li jfakkar fl-istennija tax-xebbiet għaqlin li bl-imsiebaħ mixgħula stennew il-Għarus.

Marija Attard, Direttriċi tad-Dar Ġużeppa Debono, Dar għat-tfajliet ommijiet, animat iċ-ċelebrazzjoni. Ġuża Formosa qrat l-ewwel lezzjoni. Dun Daniel Xerri, Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, qara l-Vanġelu. Ħa sehem ukoll fil-qari Dun Eddie Vella.



*Ġuża Formosa waqt il-qari tal-lezzjoni.*



*Dun Daniel Xerri, Rettur tas-Seminarju jaqra l-Vanġelu.*



*Marija Attard, tidher tanima ċ-Ċelebrazzjoni Marjana.*

Lejn tmiem din iċ-ċelebrazzjoni numru ta' nisa dilku bil-fwejjaħ is-Sedja, l-Ambone, l-Artal u postijiet oħra Sagri, bi preparazzjoni għall-Velja tal-Għid. Bħalma n-nisa li kienu dixxipli ta' Ġesù marru ħdejn il-qabar bil-fwejjaħ, anke dawn in-nisa li jagħtu servizz regolari fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, komplew dan il-ġest biex imbagħad jilqgħu lill-Għarus Ġesù li qam mill-Imwiet, Kristu Rxoxt fil-Velja Qaddisa ta' l-Għid.

## *Kollezzjoni ta' pittura minn Żewġ Artisti Għawdxin*



Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, nhar is-Sibt 22 ta' Marzu inawgurat wirja kollettiva ġewwa *Gallery Art...e*, fir-Rabat, Għawdex. Il-kollezzjoni ta' tnax il-biċċa pittura ġew ippreżentati minn żewġ artisti Għawdxin li huma diġa' stabbiliti. Dawn huma, Christopher Saliba u Mario Cassar, miż-Żebbuġ, Għawdex. Il-wirja, hekk intitolata *"selection d.o.c."*, kienet tinkludi diversi xogħlijiet b'temi astratti kif ukoll xeni ambjentali, fosthom il-Fontana wara x-xita; Pjazza Reġina u l-Belt Valletta. Din il-wirja baqgħet miftuħa għall-pubbliku sa nhar is-Sibt 12 t'April.

*Il-Ministru Debono tidher tifli x-xogħlijiet murija lilha mill-artisti żgħażagħ Christopher Saliba u Mario Cassar*

## *Wirja dwar il-Ġimgħa Mqaddsa fir-Rabat*





L-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira Għawdex, tellgħet wirja dwar il-Ġimgħa Mqaddsa, f'waħda mis-Swali tal-Wirjiet fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

Fil-Wirja li nfetħet uffiċjalment nhar is-Sibt 16 ta' Frar miċ-*Chairman* tal-Kunsill tal-Kultura, Vincent Grech u tbierket minn Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, wieħed seta' jara numru ta' inċiżjonijiet ta' George Cassar ; it-trasport għad-difna ta' Joe Cutajar Zahra; kartolini filateliki li jġibu fuqhom xogħlijiet ta' artisti għawdxin, fosthom ta' Joe Camilleri, Joseph Cauchi, Joe Cutajar Zahra u Frank Cassar; statwi; niċċa tar-Redentur kif kienet ma' faċċata ta' dar fl-antik ġewwa Għawdex, ta' Jamie Camilleri; mudelli ta' Sepulkri, fosthom wieħed ta' Anthony Farrugia; xogħol tat-terrakotta, fosthom anġli, maħdumin b'sengħa kbira minn Joe Camilleri min-Nadur; *Ecce Homo* ta' Pio Borg; l-abbozz ta' l-istatwa tad-Duluri li tinsab fil-knisja ta' San Ġakbu fir-Rabat, Għawdex, liema abbozz illum jinsab għand Antonio Portelli; abbozzi ta' statwi u l-Monument ta' Kristu mejjet, dan ta' l-aħħar, xogħol Francis Mizzi minn Kerċem.

Koppja żagħżugħa, mill-Gran Brittania, u li kienet għadha kif xtrat dar f'Santa Luċija, Għawdex, Dominic Dore u Zoe Scott Dore, li kienet qed iżżur il-Wirja, nhar it-Tnejn 18 ta' Frar, ikkummentatilna hekk " *A wonderful collection of pieces that have been carefully crafted. We would thouroghly recommend people to come and see the exhibition.* "

## *Il-Fiera ta' l-Għadira f'Kerċem*



*Il-pubbliku preżenti għall-Fiera tradizzjonali tal-Għadira.*



*Il-gost tat-tfal iduru fuq il-ponijiet.*

Nhar il-Ħadd 30 ta' Marzu, kmieni wara nofsinhar, sriebet ta' karrozzi dehru jersqu lejn ir-raħal ta' Kerċem għall-Fiera Tradizzjonali ta' l-Għadira ta' San Raflu. F'ċertu ħinijiet tant kien kbir l-ammont ta' karrozzi, li t-traffiku wasal sal-inħawi magħrufa bħala "tal-vapur".

L-attivitajiet marbuta mal-fiera kienu jikkonsistu fi *stands* b'lotteriji f'rigali għad-dar, gidien u ħrief, pjanti, ikel u xorb u logħob varjat għat-tfal u kbar. Kien hemm ukoll il-park ta' divertiment għat-tfal, b'*kidi-rides*, *merry-go round*, *bouncing castle* u żewġ ponijiet li jdawru t-tfal. L-irġiel u ż-żgħażagħ sabu attrazzjoni kbira permezz ta' sparatura fuq il-plattini li ġibdet konkorrenza qawwija.

## *Ċerimonja kommemorattiva ta' "Jum il-Ħelsien"*

L-Uffiċċju tal-Kultura f'Għawdex, nhar it-Tnejn 31 ta' Marzu, filgħodu, organizza ċerimonja kommemorattiva fi Pjazza Indipendenza jew kif inhi magħrufa aħjar bħala Pjazza t-Tokk, fl-okkażjoni tad-29 Anniversarju ta' Jum il-Ħelsien.

Il-Banda tal-Pulizija taħt id-direzzjoni tas-Surmast tagħha, l-Ispettur anzjan Anthony Cassar, għamlet marċ minn Pjazza Savina sa Pjazza Indipendenza r-Rabat. Wara l-wasla ta' Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, il-Banda esegwiet

silta mużikali, *One moment in time*. Dan kien segwit minn ċerimonja ta' tqegħid ta' bukkett fjuri mill-Ministru Debono, quddiem l-irħama li tikkommemora dan l-avveniment ta' l-1979. Il-programm f'Għawdex intemm bid-daqq ta' l-Innu Nazzjonali u b'marċ mill-Banda tal-Pulizija tul Triq ir-Repubblika.

Preżenti kien hemm ukoll, apparti l-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u r-raġel tagħha Anthony; l-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Anton Tabone; is-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Avukat Chris Said u l-membri parlamentari Frederick Azzopardi u Justyn Caruana.



*Il-Banda tal-Pulizija mat-tluq tagħha minn Pjazza Savina lejn Pjazza Indipendenza.*




*L-irħama kommemorattiva ta' Jum il-Ħelsien li hemm mal-faċċata tal-Banca Giuratale, fir-Rabat, Għawdex.*



*Id-dħul tal-Banda tal-Pulizija fi Pjazza Indipendenza.*



*Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, hekk kif poġġiet il-bukkett tal-ward taħt l-irħama kommemorattiva. Jidhru wkoll il-Pulizija , PC 42, Paul Said u PC 155, Charlton Xerri.*



*Mons. Isqof Mario Grech u l-iSpeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Anton Tabone jsegwu b'attenzjoni ċ-ċerimonja.*



*One moment in time - Jidhru mix-xellug għal-lemin, is-Surġent John Cassar fuq id-drums, il-Pulizija Jean Karl Grech (guitar) u Johnatan Pace fuq is-sintinajser.*



*Il-Banda tal-Pulizija fi triqtha lura, minn Triq ir-Repubblika.*

## *"Seħer il-Punent" fil-Għarb*



Tmiem il-ġimgħa, 28-30 ta' Marzu, fir-raħal pittoresk tal-Għarb ittella' it-tieni edizzjoni tal-Festival ta' Arti, Kultura, Mużika u Patrimonju, "Seħer il-Punent". L-għan ewlieni ta' dan il-Festival huwa li jesponi l-kultura u tradizzjonijiet tal-Għarb kif ukoll biex jiġbed it-turiżmu lejn Għawdex f'perjodu meta t-turiżmu jkun xi ftit batut.

Il-Festival ġie nawgurat il-Ġimgħa 28 ta' Marzu filgħaxija mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono li akkumpanjata mis-Sindku tal-Lokalità tal-Għarb, David Apap żaret id-diversi eżebizzjonijiet li ttellgħu apposta għal dan il-Festival u li kienu jinkludu wirja ta' arti fejn diversi artisti għawdxin esibew il-pitturi tagħhom, wirja ta' statwi sagri, *live painters* kif ukoll esibizzjonijiet ta' diversi snajja u artiġanat bħal bizzilla, fuħħar, induratura, nases, *mosaic* u skultura fil-ġebel. Il-Ministru żaret ukoll id-diversi *stages* li fuqhom itella' spettaklu ta' talent imżewwaq bi żfin, kant u mużika minn artisti Għawdxin u Maltin. Il-Ministru Debono kellha kliem ta' tifħir għal din l-inizjattiva tal-Kunsill Lokali Għarb meta fuq l-*istage* prinċipali iddikjarat il-Festival uffiċjalment miftuħ.



Il-Festival fetaħ b'marċi brijużi mill-Banda Mużikali Viżitazzjoni matul it-toroq prinċipali. Il-kantant u preżentatur popolari J Anvil mexxa s-serata fuq l-*istage* prinċipali fejn minkejja l-kundizzjonijiet tat-temp xorta waħda kien hemm konkorrenza tajba minn viżitaturi Għawdxin, Maltin u barranin li flimkien mat-tiżjin tal-bandalori u d-dawl tal-fjakkoli ħolqu atmosfera ta' festa. L-attrazzjoni prinċipali tal-Ġimgħa kien kunċert għall-familja kollha minn Spiteri Lucas Band bis-sehem ta' diversi kantanti u l-kummidjant popolari Augusto Cardinale. Is-serata għalqet bi spettaklu ta' logħob tan-nar.



Il-Festival kompla s-Sibt filgħodu permezz ta' *re-enactments* ta' ġrajjiet storiċi fosthom il-Qiegħa u *tours* gwidati madwar iċ-ċentru storiku tar-raħal, il-villaġġ tas-Snajja ta' Dbieġi u d-diversi mużewijiet li wieħed isib ġewwa l-Għarb fosthom il-Mużewijiet ta' Karmni Grima u Frenċ ta' l-Għarb u l-Għarb *Folklore Museum*. Is-Sibt filgħaxija ttellgħet it-tieni serata tal-Festival b'divertiment għall-familja kollha u tliet spettakli fuq tliet palkijiet differenti. Fost il-mistiedna speċjali s-Sibt filgħaxija kien hemm Joe Demicoli, Freddie Portelli kif ukoll mill-Ingilterra l-aqwa *Tribute Band* tal-U2 iz-ZU2.

Il-Ħadd filgħodu saret mattinata folkloristika fil-Pjazza Żjara tal-Madonna mżewqa b'*re-enactments*, daqq u żfin folkloristiku u t-tberik tal-annimali. Komplew ukoll matul il-jum tal-Ħadd it-*tours* gwidati madwar iċ-ċentru storiku tal-Għarb. Filgħaxija l-ispettaklu finali ta' "Seħer il-Punent" kien jinkludi kant u żfin modern u folkloristiku kif ukoll *line dancing, rock bands, 'Rondo Veneziano'*, ir-rebbieħ tal-*Junior Song For Europe - Cute* kif ukoll il-*Big Band Brothers* flimkien mal-Finalisti tal-*Maltasong for Europe 2008*, Klinsman Coleiro, Petra Zammit, Eleonor Cassar, Rosman Pace, Claudia Faniello u r-rebbieħa tal-*Maltsong for Europe 2008* Morena. Is-serata ntemmet bi spettaklu ta' logħob tan-nar.



Matul it-tliet ijiem tal-Festival wieħed kien isib ukoll varjetà ta' ikel u xorb, bejgħ ta' prodotti tipiċi inkluż prodotti tal-ġobon u nbid lokali. Ma naqsitx lanqas ir-rokna b'divertiment għat-tfal li kienet tinkludi *Bouncing Castle*, logħob mill-*Playmobil* u show minn Ronald Mc Donald. Il-Mużewijiet u postijiet ta' interess fosthom il-Knisja Parrokkjali, l-Għarb Folklore Museum u *Ta' Dbieġi Crafts Village* estendew il-ħinijiet tal-ftuħ tagħhom u kienu miftuħa sa tard. It-toroq prinċipali ġew imżejna bl-armar tal-festa u z-zuntier tal-knisja kif ukoll diversi djar u galleriji antiki fil-pjazza kienu mżejna b'arranġamenti ta' fjuri mill-kampanja.

**RIFLESSI** — *Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard*

# F'WIED IL-LUNZJATA FIL-25 TA' MARZU

Hekk kif wieħed iħalli l-knisja u l-kunvent tal-Patrijiet Agostinjani fir-Rabat, u jħalli warajh ukoll l-Oratorju Don Bosco, mill-ewwel jaqbad in-niżla bejn ħitan tas-sejjieħ li twasslu lejn il-Wied tal-Lunzjata li jiġi taħt ir-riħ ir-raħal ta' Kerċem. F'dan l-imkien issaltan il-ħemda u tidher l-id setgħana tal-Ħolqien li toffri s-sbuħija tan-Natura fl-aqwa tagħha.

Dan il-Wied ta ismu lill-Kappella qadima li tiddomina dan il-post li jsaħħar, iddedikata lit-Tħabbira ta' l-Anġlu Gabrijel lill-Madonna. Il-Madonna hija dik il-krejatura li ġiet imħabbra (*annunziata*) li kellha ssir Omm il-Feddej. Biż-żmien, il-kelma 'annunziata' saret u daret għall-kelma "Lunzjata" u baqgħet ġejja sallum. Naħseb li ġara l-istess lill-kelmiet bil-Latin li kien qal Pilatu dwar Ġesù wara li dan kien ġie fflaġellat u muri lill-poplu "Ecce Homo". Illum din ix-xbieha ta' Kristu tant daret u nbidlet fil-kliem li saret "L-Aċċjomu"!

Intant il-festa f'din il-kappella tal-Lunzjata ssir fil-25 ta' Marzu, propju disa' xhur qabel it-Twelid tat-tarbija Ġesù (il-Milied). Dokumenti qodma juru li din il-kappella ċkejkna kienet diġà teżisti fl-1347. Stemma jew aħjar l-arma tal-familja li kienet tidher fil-faċċata, kienet tgħid li l-kappella kienet benefiċċju rjali mwaqqaf mis-Sinjura Sibilla d'Aragona. Billi meta mietet din is-Sinjura ma kellhiex tfal, il-kappella waqgħet f'idejn l-Istat u r-Rettur allura kien jintagħżel mill-Viċi Re ta' Sqallija u wara mill-Gran Mastri.

Il-bini u l-forma tal-Kappella tal-lum imorru lura lejn it-18-il seklu, għalkemm wara t-Tieni Gwerra Dinjija, parti mill-faċċata u s-sagristija kienu reġgħu nbnew. Uħud jaħsbu li xi għerien li nsibu wara din il-kappella kienu xi darba katakombi nsara. Il-pittura tat-titular hija xogħol Fra Luca Garnier ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Skrizzjoni fuq irħama li għadha tidher fuq il-faċċata tal-kappella bil-kelmiet *'Non Gode l'Immunità Ecclesiastica'*, tixhed li din il-kappella ma kenitx tgawdi d-dritt bħalma kienu jgawdu oħrajn, jiġifieri li l-liġi jew l-Awtorità Ċivili ma kellha l-ebda dritt fuq min ifittex kenn f'kappelli bħal dawn. Ta' min jgħid hawnhekk li l-Gvernatur Sir Frederick Ponsonby (1827-1836) kien neħħa dan id-dritt fl-1828.





Matul Marzu, naturalment din il-Kappella tkun it-tokk ta' tant Għawdxin li l-ewwel iżuruha fil-festa ta' San Ġużepp, fid-19 tax-xahar u mbagħad fil-jiem ta' wara li jwasslu għall-festa tat-tifkira tat-Tħabbira ta' l-Anġlu Gabrijel lil Sidtna Marija fil-25 ta' Marzu, meta jinżel hawnhekk ukoll biex jiffunzjona l-Isqof Djoċesan. Illum nistgħu ngħidu li din il-kappella qadima tinsab armata sew u għandha diversi benefatturi kif ukoll Rettur ħabrieki li dejjem sejjer jistinka biex joffri servizz u jżomm il-kappella fi stat tajjeb. Insibu hawnhekk żewġ statwi sbieħ, waħda ta' San Ġużepp u oħra ta' l-anġlu qed iħabbar lill-Madonna li kellha ssir Omm Alla.

Wied il-Lunzjata huwa mżejjen bi ħdura mhux komuni u r-raba saqwi u kkurat li nsibu hawn ma ssibux ta' spiss fl-inħawi oħra ta' gżiritna.

Iktar 'l isfel mill-kappella niltaqgħu wkoll ma' għajn qadima li kienet inbniet minn Ercole Martino Testaferrata, wieħed mir-retturi tal-kappella fi żmien il-Gran Mastru Ramon Perellos fl-1698. L-għajn toffri ilma ġieri u sabiħ li minnu ta' spiss tara n-nies u tfal ixarrbu wiċċhom u jixorbu.

Dan il-wied li jibqa' sejjer sal-bajja tax-Xlendi kien imfittex sew fi żmien il-Gran Mastri għall-kaċċa. Illum ukoll għadek tilmaħ tajr u għasafar jittajru b'mod speċjali fix-xhur sbieħ t'April u Mejju meta l-arja tkun mimlija bl-għana ħelu tal-bilbla w l-ispunsun li għandhom id-dritt jgħixu daqs il-kelb, il-qattus jew kwalunkwe' kreatura oħra tal-ħolqien. Fil-friegħi tas-siġar u z-zkuk imxerrda mal-wied isibu l-kenn tagħhom ukoll il-gamiem li jpassi mal-festa ta' San Ġorġ meta jingħad li tgħaddi l-ewwel passa.

Wied il-Lunzjata huwa wieħed minn dawk il-ftit widien li bihom għoġobha żżejjen lil Għawdex Ommna n-Natura, wied imfittex ħafna għal xi passiġġata u tislima żgħira lis-Sinjura tas-Sema. F'dan il-wied, il-bniedem isib il-mistrieħ tal-ġisem u tal-moħħ u bla ma jrid jerfa' ħsibijietu 'l fuq lejn Sid il-Ħolqien, għax kulfejn tirfes, kulfejn tmiss, kulfejn tħares, ifakkrek Fih. Jalla nibqgħu nibżgħu għalih u ngħożżu dak kollu li fih sabiex jibqa' jistħoqqlu l-isem li kienu tawh l-Għawdxin ta' dari, meta sejħulu l-*"Ġnien tar-Rabat"*!

B'dawn il-versi li ġejjin ried isellimlu darba fost l-oħrajn il-poeta l-Avukat Ġorġ Zammit, li issa m'għadux magħna:

*Is-sliem għalik! Minn ġenb għall-ieħor, l-għana*
*Jimla, jidwi, fin-nir tas-sema jdub;*
*Tgħanni n-nixxiegħa qalb il-qasab; jgħannu*
*L-għasafar u l-werżieq qalb il-ħarrub!*

*Kummentarju (2)*

# LEĦMET IR-REBBIEGĦA GĦAWDXIJA



*Ritratti ta'* Lynda Caton Roseblade

*Kitba ta'* CARM C. CACHIA

**X'nista' nikteb jien dwar ir-rebbiegħa li għadu ma nkitibx? Kemm qrajna dwar is-seħer ta' dan l-istaġun li jqajjem lin-natura min-nagħsa twila tax-xitwa! Il-bniedem ukoll, irid jew ma jridx, ikollu jitwaħħad ma' dan il-qawmien billi l-jum jitwal u jġiegħel lill-bniedem joħroġ minn ġol-qoxra li tkun daħħlitu fiha x-xitwa. Ir-rebbiegħa ssaħħar b'modi differenti u lili ssaħħarni wkoll. Dan l-istaġun narah jispikka fid-dehra, fil-ħoss, fir-riħa u saħansitra anke fit-togħma partikulari tiegħu. U terġa' u tgħid, mhux kull rebbiegħa hi l-istess. Ngħidu aħna, r-rebbiegħa Ingliża hi differenti mir-rebbiegħa fl-Eġittu jew fil-Ġermanja. Anke r-rebbiegħa tagħna, ir-rebbiegħa Għawdxija għandha l-aspetti li jagħżluha minn dik ta' postijiet oħra.**

L-ewwel ħaġa li taħbat ma' moħħi meta niftakar f'dan l-istaġun hi r-riħa tfuħ li jien nassoċja miegħu. Biżżejjed niftaħ tieqa jew noħroġ fi ġnien biex ninduna li l-istaġun tar-rebbiegħa hu fil-qrib. Il-pulmuni jinfetħu u nħossni nieħu r-ruħ. Hemm ir-riħa taċ-ċentifolju roża, tal-ġiżi u tal-buqari li niltaqgħu magħhom fil-ġonna u fil-btieħi tad-djar għawdxin. Hemm ir-riħa taż-żahar tal-larinġ u l-mandolin u tal-blanzuni tal-lewż u tat-tuffieħ ta' belludja. Fir-rebbiegħa s-siġar kollha jqumu mir-raqda twila tax-xitwa u qabel jilbsu bil-weraq ġdid u r-rimi tal-frajja', jimtlew biż-żahar ta' kull kulur li jimlew l-arja b'riħa li taqsamlek qalbek. Għal min imur xi mixja fil-kampanja, ngħidu aħna fuq il-blat f'Ta' Ċenċ jew fuq il-blat li minn Ta' Seguna jwasslek sax-Xlendi, ma jistax ma jinnutax ir-riħa tfuħ tas-sagħtar fl-aqwa tiegħu. Ma' dan insemmu r-riħa tal-plejju u tal-ward u xitel selvaġġ ieħor li jikber qalb l-għelieqi u fuq l-għoljiet u taħt l-irdumijiet tagħna.



Imbagħad hemm ir-riħa tfuħ tal-baħar. Biżżejjed tersaq lejn ix-xtajta tal-Qbajjar jew ta' Daħlet Qorrot wara xi maltempata minn dawk li jħobbu jagħmlu f'dawn ix-xhur. Ir-riħa ta' l-alka mxarrba tolqotlok imnifsejk meta tkun għadek mil 'il bogħod. Hemm ukoll ir-riħa tfuħ tal-ħamrija mxarrba wara xi ħalba xita. Ma ninsewx li f'dan l-istaġun mhux l-ewwel darba li jitla' l-ajru u jagħmel xi nofs ta' nhar traxxax ix-xita. Imma x-xita ħruġ Marzu dħul April tiswa karru deheb fin għall-bidwi Għawdxi, għax timlielu l-għelieqi bl-għelejjel.

U xi ngħidu għall-ħsejjes tar-Rebbiegħa? Semmejna x-xita u għalhekk insemmu t-tektik rqiq tax-xita rxiex mal-ħġieġ tat-tieqa. Kemm tieħu gost toqgħod wara xi tieqa bix-xita nieżla, ittektek donnha trid tidħol. U hemm il-ħoss tar-riħ, ivenven minn bejn il-wajers tad-dawl jew minn bejn ix-xquq tat-twieqi u jħaxwex qalb il-frieghi tas-siġar. Għax, Mejju mirjieħ jgħid il-Malti, u għalhekk ir-riħ ma jonqosx fir-rebbiegħa. Dan jaffettwa t-trasport bejn il-gżejjer, għalkemm illum il-vapur rari ma jaħdimx. Imma s-sajjied tax-Xlendi u ta' Marsalforn ikollu jibqa' d-dar.

Imbagħad hemm ukoll il-ħsejjes ta' l-ilma ġieri, hu u għaddej minn qalb il-qasab tal-wied. Jekk taqbeż qabża sal-Lunzjata jew sal-Wied tar-Ramla tisma' t-tħaxwix ta' l-ilma jgelgel waqt li jaqbeż u jiġri bejn il-ġebel u ħaxix li jikber fi triqtu. L-għammiel iċejjaq minn fuq xi fergħa waqt li l-bufula tgħajjat minn qalb il-folt tal-ħarrub li jħaddar dawn il-widien. Tisma' wkoll l-għana tal-bilbla li tasal f'pajjiżna ma' dħul April biex tbejjet fl-għelieqi li jinsabu bejn l-Għarb u San Dimitri. Din il-ħlejqa ċkejkna tfakkarni f'xi anġlu li jkanta bla jidher. L-għana tagħha jimla l-wileġ u l-għelieqi fejn ikun għadu kemm tħawwel it-tadam u tbejtet il-bħajra. Imma hi ma tidher imkien għaliex biex tgħanni



titla' tant fil-għoli li ma tibqax tidher mill-għajn għarriexa tal-bniedem. Donnu li l-bilbla lesta biex tferraħ lil ħaddieħor bla ma tistenna xejn lura u għalhekk inħossha toħloq fija sens ta' umiltà.

Imma l-isbaħ ħsejjes tar-rebbiegħa għalija huma dawk tad-daqq tal-qniepen li jħabbru l-Glorja nhar l-Għid il-Kbir. Donnhom jimpikaw bejniethom min għandu l-isbaħ leħen. F'Għawdex il-kampnari tal-knejjes tagħna għadhom ma ndifnux qalb mostri tal-konkrit u għalhekk il-leħen tal-qniepen għadu jidwi ċar u jintagħraf mill-bogħod. L-Għid hu l-festa ta' kulħadd u għalhekk il-knejjes kollha juru l-ferħ tagħhom bid-daqq tal-qniepen. Il-qniepen ta' kull knisja għandhom il-ħoss karatteristiku tagħhom u anke meta jdoqqu flimkien, mhux diffiċli li dak li jkun jagħraf leħen il-qniepen tal-Katidral minn dawk ta' San Ġorġ jew dawk tan-Nadur minn dawk tax-Xagħra. Ir-riħ jaffettwa wkoll għax iwassal aktar il-leħen tagħhom. Minn taċ-Ċawla fejn noqgħod jien, jinstemgħu dawk tat-Triq ta' l-Għajn meta jonfoħ il-punent, tal-Katidral fit-tramuntana, ta' San Franġisk meta jkun grigal u ta' Sannat fir-riħ isfel. Jogħġobni l-ħoss tagħhom anke meta jinstema' mill-bogħod, minn qalb ir-raba'. Mhux ta' b'xejn li l-ħoss melodjuż tagħhom saħħar ukoll lill-kompożitur Ingliż Albert W. Ketelbey li kiteb *Bells Across the Meadows* meta, bħala suldat, kien stazzjonat fil-gżira Għawdxija.

Għalija, r-rebbiegħa tagħna għandha t-togħma partikulari tagħha wkoll. Il-ħsieb tar-rebbiegħa jfakkarni fit-togħma ħelwa tan-naspla għawdxija li tikber fil-ġonna tagħna. Din hi l-ewwel frotta ta' l-istaġun u titfaċċa ma' l-aħħar ta' Frar jew il-bidu ta' Marzu. Tassew li aktar għandha għadam milli laham, imma l-ħlewwa tagħha ma jisboqha ħadd. Aktar ma l-kulur tagħha jkun isfar skur, aktar tkun ħelwa. U la qegħdin insemmu t-togħma ħelwa rridu nsemmu wkoll l-għasel għawdxi. L-għasel tan-Nadur, tal-Qala u ta' Kemmuna hu magħruf ma' kullimkien. Dan il-prodott tant hu tajjeb li jidħol f'ħafna ħlewwiet li taf tagħmel il-mara għawdxija, fosthom il-qagħaq ta' l-għasel u l-kwareżimal, il-ħelu ta' żmien ir-Randan.

Imbagħad xi ngħidu għat-togħma bnina ta' xi qassata jew xi torta tal-ġbejniet friski u tal-ful aħdar li jilħaq f'dan iż-żmien? Aħna l-Għawdxin ngħidulhom torot tal-ġobon bl-imżiewet. Mal-ġbejniet u l-imżiewet ġieli nżidu ż-żbib. F'dan l-istaġun il-ġbejniet ikunu l-itjeb għaliex in-ngħaġ jinħarġu jirgħu u jkunu mitmugħa ħaxix frisk aħdar, waqt li l-imżiewet ikunu bdew iħaxxnu u jimtlew, imma l-ful ta' ġo fihom ikun għadu ma xrafx. U ħalliha n-nanna Marinton tagħġinlek l-għaġina u tagħmillek il-qassatat. In-nies tax-Xagħra jsejħulhom qassatat tal-konkos. Dari dawn kienu jinħmew fil-fran tal-ħobż u għalhekk it-togħma kienet tkompli titjieb. Jingħad li jiġri hekk għax jieħdu t-togħma mill-ikel l-ieħor li jkun jinħema magħhom.

Iżda lil dan l-istaġun xejn ma jgħaddih għad-dehra tiegħu! Ir-rebbiegħa f'Għawdex tagħtina dehriet tal-kartolini. Hemm id-dehra ta' l-ilqugħ ta' l-ilma fil-widien ta' l-Għasri u ta' Marsalforn, bil-ħuttaf jittajjar fuqhom. Hemm id-dehra tal-għoljiet tal-Ħarrax u ta' Kuljat ħomor nar bil-warda tas-silla. Hemm id-dehra tal-baħar tal-qamħ u x-xgħir imewweġ fl-oqsma tar-raba' bħal Ġnien is-Sultan bejn ir-Rabat u ta' Sannat u Qasam San Ġorġ bejn ir-Rabat u Santa Luċija. Ma' dawn jimpikaw l-għelieqi maħduma li jitħejjew għall-wiċċ tas-sajf, bix-xitel tat-tadam li jħaddar qalb ħamrija maħruta friska. X'ma jfittxuhx lil Għawdex it-turisti li jżuruna! Biżżejjed titla' fuq Ta' Għammar jew Ta' Ġordan biex iġġib taħtek veduti mill-isbaħ, bil-baħar blu Mediterran bħala sfond. Min, imbagħad, jerħilha għal għonq it-triq f'mogħdija qalb ir-raba' ma jistax ma jinnutax il-kuluri sbieħ ta' dak li aħna nsejħulu ward selvaġġ: il-vjola tal-fidloqqom, l-isfar tal-lellux, ir-roża tal-papoċċi. U xi ngħidu għall-kuluri sbieħ u r-riħa tfuħ tal-fjuri tal-kappar li jixxabbat mas-sisien u mal-ħitan tas-sejjieħ!

Imma d-dehra tar-rebbiegħa ġieli titgħajjeb meta tagħmel xi ġurnata riħ xlokk, l-ajru jimtela ċlampu u umdità, u tagħmel ix-xita tal-ħamrija. Ngħidulu temp tal-gamiem, għaliex dari, meta kien ikun riħ isfel bix-xita għall-aħħar ta' April jew il-bidu ta' Mejju, kien iħobb ipassi l-gamiem u s-summien bil-qtajja'. Dan it-temp jaqtagħlek in-nifs u jġiblek uġigħ ta' ras.

Imma mumenti bħal dawn fl-istaġun tar-Rebbiegħa huma qosra u malajr jgħaddu, is-sħab itir, ix-xemx toħroġ tisreġ u Għawdex jerġa' juri ruħu mill-ġdid fil-glorja kollha tiegħu.



## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

**Fil-*mass meeting* taċ-ċelebrazzjonijiet tar-rebħa elettorali**
"Hemm ukoll Għawdex, gżira li għandha post importanti fil-programm elettorali u li hi l-ġojjell ta' dawn il-gżejjer. Se jittieħdu mill-bidu nett deċiżjonijiet fuq il-proġett ħalli l-gżira tagħmel il-qabżiet biex issir gżira ekoloġika li toffri esperjenza speċjali għall-Maltin u għall-barranin".

**Diskors tal-Prim Ministru**, *In-Nazzjon. 12 ta' Marzu 2008*

**L-Għawdxin fil-Kabinett tal-Ministri**
"Aspett pożittiv ta' dan il-kabinett f'dak li jirrigwarda lil Għawdex kien id-dħul ta' Chris Said bħala Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Ċertament li rari kien hemm żewġ Għawdxin fil-kabinett, għalkemm naħseb li fil-passat kien hemm il-każ ta' Anton Tabone u Ċensinu zijuh (illum President Emeritu) madwar l-istess mejda."

**Asterisk**, *Il-ĠENSillum, 15 ta' Marzu 2008*

**Responsabbiltà u deċiżjoni ta' Ministru**
"Fil-kummenti tagħha lil In-Nazzjon, il-Ministru Giovanna Debono qalet li tinsab sodisfatta ħafna li reġgħet ingħatat il-kariga ta'Ministru responsabbli mill-gżira Għawdxija liema responsabbiltà qed taċċettaha mill-qalb u tinsab deċiża li bħalma għamlet fl-għaxar snin li għaddew, anke issa terġa' timpennja ruħha b'mod sħiħ u b'mod qawwi b'lealtà lejn il-poplu Għawdxi u l-gżira Għawdxija."

**Rapport:** *In-Nazzjon, 13 ta' Marzu 2008*

**Sodisfazzjon għall-fiduċja li ntweriet fih**
"Chris Said, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni qal li hu ta' sodisfazzjon kbir għax għadu kif kien elett fil-Parlament jumejn ilu u mhix xi ħaġa komuni li xi ħadd li jkun elett għall-ewwel darba jingħata kariga fl-amministrazzjoni. Hu qal li dan is-Segretarjat jaqa' taħt il-Prim Ministru u dan hu sinjal ta' fiduċja mill-Prim Ministru li se jkun qed jaħdem tant fil-qrib miegħu. Hu qal li qed iħares 'il quddiem li jaħdem għall-ġid tal-pajjiż".

**Rapport:** *In-Nazzjon, 13 ta' Marzu 2008*

**Pont bejn Malta u Għawdex?**
*"Should a bridge be constructed between Malta and Gozo? Yes! Communication and transportation between the two islands is essential. Gozo has lost out tremendously due to the fact that for several years the ferry was the only means of transport. My party is committed to upgrading the necessary infrastructure, which will permit various modes of transport based on long-term strategic plan."*

*Intervista lil* **Anton Refalo M.P.** *minn Ariadne Massa, The Times, 5th March 2008*

**Meta se nibdew napprezzaw l-ambjent?**
Jekk hemm ħaġa li aħna l-Għawdxin għadna ma bdejniex napprezzaw biżżejjed huwa l-ambjent. Dan ġara għax fi gżiritna hawn ħafna li jimpurtahom biss biex iħaxxnu bwiethom u dak li n-natura tatna biex ingawduh iridu jisfruttawh."

**Justyne Caruana M.P.** *l-Orizzont, 27 ta' Marzu 2008*

**Id-Dwejra, ġejja u sejra!**
*"The Dwejra Heritage Park project was not an easy project to handle, I confess. The area is filled with stakeholders, many of whom are in continuous conflict with one another. One has to keep in mind that already two other attempts had been made to get EU funding to save Dwejra – and failed! Nature Trust (Malta) too had a try and did its best to present a good proposal to the EU and, our attempt being successful, we managed to secure a good grant."*

**Vincent Attard**, president of Nature Trust (Malta), *The Times, 14th March 2008*

**Dwejra saga: bla dawl u ilma!**
*"Dwejra may be paved with good intentions; yet it is still going to house a shanty town of boathouses, bars and restaurant, and diving equipment rent-out, probably requiring use of diesel generators for filling cylinders – all this with no connection to electricity or water supplies or to a sewage system".*

**Edward A. Mallia**, *The Times, 4th March 2008*

**Mill-istatistika qwar il-Qgħad**
*"Xgħajra (in Malta) – the locality with the greatest number of unemployed since 2003 – has ceded its top place in the jobless table to the Gozitan locality of Żebbuġ, although Gozo as a whole has registered a slight decline in the rate of unemployment from 744 to 706 in the past year".*

**James Debono**, *MaltaToday, 23rd March 2008*

**Għawdex deċiżiv fir-riżultat ta' l-Elezzjoni**
*"The Gozo vote was decisive in the last general election for the first time since Independence. Analysing the 10 general elections, one can easily come to this conclusion".*

**Carmel Grima**, *The Malta Independent, 16th March 2008*



ATTWALITÀ

# Għawdex: Lejn is-Sena 2015

## *X'ser tfisser din il-viżjoni għall-Għawdxin?*



*Notamenti ta'* **Saviour Grech**

L-Elezzjoni Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2008 ġiet u marret. Il-poplu Malti u Għawdxi għamel l-għażla tiegħu. L-istorbju u t-tqanqil assoċjati ma' kampanja elettorali, speċjalment dik marbuta ma' elezzjoni ġenerali, issa għaddew. Iċ-ċelebrazzjonijiet tar-rebħa mill-partitarji tal-partit rebbieħ għaddew ukoll. Kif ngħidu, kollox għadda b'wiċċ il-ġid u l-ħajja reġgħet qabdet ir-ritmu normali tagħha. Il-Partit Nazzjonalista reġa' kiseb il-gvern u Dr. Gonzi reġa' nħatar Prim Ministru tal-pajjiż. Wara l-ħatra tal-Kabinett issa jonqos biss li jitlaqqa' l-Parlament, biex b'hekk jingħata bidu għat-twettiq tal-program leġislattiv tal-gvern il-ġdid. Naħseb li jkun xieraq li f'dan l-ewwel artiklu tiegħi wara l-aħħar elezzjoni ġenerali nagħti ħarsa ħafifa lejn l-għanijiet prinċipali proposti għal Għawdex għal din il-leġislatura, u nagħmel xi kummenti.

B'mod ġenerali, il-programm elettorali mressaq mill-Partit Nazzjonalista, li issa li dan rebaħ l-elezzjoni se servi bħala bażi għall-programm tal-gvern il-ġdid, jitkellem dwar dik li qed tissejjaħ il-viżjoni 2015. Fi kliem ieħor il-viżjoni ta' fejn hu mixtieq li l-pajjiż jasal sas-sena 2015. F'dan ir-rigward, fl-istess programm elettorali, il-Partit Nazzjonalista ddikjara li l-viżjoni tiegħu sa fejn irid iwassal lill-pajjiż sas-sena 2015, tgħodd għal Għawdex ukoll. Barra minnhekk iddikjara li jrid "jagħti spazju speċjali għal Għawdex, gżira reġjun, sabiex" jingħelbu "l-isfidi partikolari tagħha u biex jgħinu l-Għawdxin igawdu minn sehem sħiħ fis-suċċess tal-pajjiż kollu"; dan għaliex kif ikompli jgħid l-istess programm elettorali "il-PN fil-gvern dejjem apprezza u għaraf il-karattru uniku u l-vantaġġ komparattiv ta' din il-gżira reġjun".

F'dan l-isfond, il-programm elettorali jsemmi erba' għanijiet prinċipali fejn irid jwassal lil Għawdex. L-istess programm elettorali jipproponi tmienja u għoxrin miżura speċifika għal Għawdex biex bit-twettiq tagħhom jintlaħqu dawn l-imsemmija erba' għanijiet.

***Ħolqien ta' iktar postijiet tax-xogħol f'Għawdex***

L-ewwel għan fir-rigward t'Għawdex, kif imniżżel fl-imsemmi programm elettorali hu: li jkompli jinħolqu iktar opportunitajiet ta' xogħol f'Għawdex. Kienet deċiżjoni tajba li l-ħolqien ta' iktar opportunitajiet ta' xogħol f'Għawdex stess jitpoġġa bħala l-ewwel mira fir-rigward ta' fejn jidħol Għawdex. Issa wieħed jawgura li t-twettiq ta' din il-wegħda tkun fost l-ewwel prijoritajiet tal-gvern il-ġdid. Is-sitwazzjoni ta'l-impjiegi f'Għawdex mhix daqshekk sabiħa. Fl-aħħar xhur qabel l-elezzjoni ġenerali ttieħdu diversi miżuri biex il-qagħda ta'l-impjiegi f'Għawdex titjieb. Dawn il-miżuri kellhom effett tajjeb għaliex inħolqu għadd sabiħ ta' postijiet tax-xogħol ġodda, u diversi Għawdxin sabu mpjieg ġdid f'Għawdex stess. Iżda dan ma kienx biżżejjed, għax fil-waqt li n-numru ta' nies qegħda li qed jirreġistraw għax-xogħol f'Malta naqas b'mod qawwi, dak f'Għawdex baqa' jiżdied. Iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qed ikun diffiċli li persuna ssib impieg f'Għawdex stess. Dan mhux sew. L-ewwelnett mhux possibli għal kulħadd li joqgħod jaqsam kuljum lejn Malta biex ifittex xogħol. U t-tieni lanqas ma hu ta' ġid għall-pajjiż li biex wieħed jsib xogħol irid bilfors jitlaq lejn Malta. In-nuqqas ta' impjiegi f'Għawdex qed joħloq fenomenu ta' migrazzjoni interna, li b'riżultat tagħha għadd ikbar ta' żgħażagħ Għawdxin jispiċċaw jissetiljaw f'Malta. Diġà qed jiġi innotat il-fenomenu li l-popolazzjoni f'Għawdex qed tixjieħ. Wieħed jawgura li d-diversi miżuri elenkati fil-programm elettorali f'dan ir-rigward jiġu mwettqa fl-iqsar żmien possibbli biex titbiddel ir-rotta li jidher li ħadet is-sitwazzjoni tal-impiegi f'Għawdex.

***Għawdex: gżira ekoloġika - mudell ta' żvilupp sostenibbli - gżira organika***

It-tieni, it-tielet u r-raba' għanijiet għal Għawdex, kif proposti fl-imsemmi programm elettorali, ġew marbuta b'mod iktar dirett mal-viżjoni li ser twassalna sas-sena 2015. Hawn qed nirriferi għall-għan li Għawdex jiġi żviluppat fi gżira ekoloġika; l-għan li Għawdex ikun mudell ta' żvilupp sostenibbli u l-għan li Għawdex isir gżira organika fil-qasam ta'l-agrikultura. Li dawn l-għanijiet donnhom inġabru flimkien jagħmel sens, għax biex ngħid hekk imorru flimkien. Jekk qed nimmiraw li nagħmlu minn Għawdex gżira ekoloġika, żgur li kull żvilupp li jsir fih irid ikun sostenibbli. U l-idea li l-agrikultura f'Għawdex tkun waħda fejn jintużaw metodi organiċi taqbel perfettament ma'l-idea ta' Eko-Għawdex.

Din l-idea ta' Għawdex bħala gżira ekoloġika ingħatat importanza kbira waqt il-kampanja elettorali. Kien evidenti li Partit Nazzjonalista kien qed juża din il-wegħda bħala xhieda tal-kredenzjali ambjentali tiegħu. Donnu li l-udjenza ma kienetx biss dik Għawdxija iżda kien hemm udjenza ferm ikbar. Ma jidhirlix li għall-Għawdxin din l-idea ta' gżira ekoloġika kienet xi ħaġa li kienu qed jaspiraw għaliha. Mhux għax l-ambjent ma jinteressax lill-Għawdxin, iżda għax fejn ikun hemm nuqqas ta' xogħol u attività ekonomika l-attenzjoni tan-nies tkun iffokata iktar fuq problemi li għandhom x'jaqsmu mal-ħobża ta' kuljum. Forsi lanqas ma ġie spjegat li proposti marbuta ma'l-ambjent jistgħu joħolqu għadd ta' xogħlijiet ġodda. Nisperaw li issa li għaddiet il-kampanja elettorali l-implimentazzjoni tal-wegħda ta' gżira ekoloġika tkun il-mutur biex permezz tagħha jinħoloq iktar xogħol f'Għawdex u tingħata imbuttatura ġdida lill-ekonomija f'Għawdex.

***Bħal dejjem il-problema ser tkun dwar kif se jinżamm bilanċ ġust bejn il-bżonnijiet differenti ta' Għawdex u l-Għawdxin; dwar kif ser jinstab il-bilanċ bejn il-bżonn li jsir żvilupp u l-bżonn li l-ambjent jiġi ppreservat kemm jista' jkun. Żgur li jekk jinżamm bilanċ sew, it-twettiq ta' l-erba' għanijiet proposti għal Għawdex jistgħu jħallu ġid kbir. Jistgħu jagħtu ħajja ekonomika ġdida lill-gżira Għawdxija. Iżda għalina l-Għawdxin, il-proposti marbuta ma' l-idea ta' gżira ekoloġika jagħmlu sens biss, jekk l-implimentazzjoni tagħhom twassal biex jinħoloq għadd dejjem ikbar ta' opportunitajiet ta' xogħol għall-Għawdxin f'Għawdex stess.***

# Kantanta Għawdxija għall-Festival ta' l-Ewropa

# "MORENA"



*Il-Kav. Joe M. Attard jintervista lil Morena, sive Margaret Camilleri Fenech minn Sannat*

L-INTERVISTA

***Għażiża Margaret, żgur li hekk jafuk in-nies ta' Sannat fejn twelidt u kbirt. Iżda llum l-isem Morena huwa fuq fomm kulħadd. X'gagħlek tieħu dan l-isem u x'tifsira għandu?***

Jien kont inkanta fil-lukandi u xi turisti li kienu jiġu jarawni nkanta ma kinux jemmnu li jien Għawdxija, forsi minħabba l-fattizzi tiegħi, u bdew isejħuli "Morena" li huwa isem Spanjol li jfisser 'tfajla samra'. Fl-2006 meta ħadt sehem fil-*Malta Song for Europe* għall-ewwel darba bi dwett ma' Paul Giordimaina ddeċidejt li Morena jsir l-i*stage name* tiegħi.

***X'kienet id-deċiżjoni li ħajritek tibda tkanta? Qatt kont f'xi kor?***

Minn mindu kont ċkejkna dejjem inkanta quddiem il-mera bil-lasta ta' l-ixkupa taparsi l-*microphone*. Jien għandi ħuti ferm ikbar minni u minn dejjem kienu jeħduni magħhom fil-kor li kienu jkantaw fih huma. Infatti ta' xi ħames snin kont diġà nkanta f'kor.

***Illum fejn tgħix u x'inhuwa x-xogħol tiegħek?***

Jiena ngħix ta' Sannat u naħdem bħala '*facilitator*' fl-iskola tal-Konservatorju ta' l-Isqof fir-Rabat Għawdex.

***Fi gżira ċkejkna bħal tagħna mhux la kemm tgħix mill-mużika biss, iżda naf li int regolarment tkanta ma' grupp popolari Għawdxi. Qed ngħid sewwa?***

Iva jien kont inkanta mal-grupp *"Spectrum"*; iżda issa ser nagħlaq kważi sentejn li m'għadnix inkanta magħhom għalkemm xorta baqagħli xi okkażjonijiet fejn ser inkun akkumpanjata minnhom.

***Kien hemm xi kantanti li mpressjonawk u forsi xtaqt tkun bħalhom?***

Jien nisma' ħafna mużika differenti iżda qatt ma kelli xi idolu partikulari f'dan il-qasam.

***Nifhem li din mhix l-ewwel darba li int ħadt sehem fis-Song for Europe! Xi tgħidli dwar il-kanzunetta li biha rbaħt il-Festival?***

Din kienet it-tieni darba għalija f'dan il-festival imma l-ewwel darba bħala solista. "Vodka" hija kanzunetta bil-kliem ta' Gerard James Borg u mużika ta' Philip Vella. Hija kanzunetta li nkitbet għalija u nista' ngħid li mill-ewwel iġġennint fuqha. Fil-kanzunetta jiena spija li rnexxieli niddeċifra kodiċi sigriet li huwa "Vodka".

***Kont taħseb li jirnexxilek tiġi l-ewwel?***

Naħseb li kull min jipparteċipa joħlom li jiġi l-ewwel. Jiena kont wiċċ ġdid f'dan il-festival. Kont diġà ferħana ħafna li għaddewli żewġ kanzunetti għall-finali. Minn dejjem emmint fis-*song* imma żammejt saqajja ma' l-art għax Malta diffiċilment jirbaħ xi ħadd ġdid!

***X'kienu r-reazzjonijiet tiegħek hekk kif tħabbar ir-riżultat?***

Tant kont ferħana li sinċerament ma stajtx nemmen li kont qed nisma'. Qalbi bdiet tħabbat għaxra għaxra (mhux sitta sitta!) u l-emozzjonijiet li ħassejt dak il-ħin huma diffiċli ħafna biex nesprimihom bil-kliem.

***Ħalli issa nitfgħu ħarsitna lejn il-jiem li ġejjin.Fiex qed tkun tikkonsisti t-tħejjija li trid twasslek biex tkanta fis-sessjoni ta' qabel il-finali?***

It-tħejjija sabiex inkanta fis-sessjoni ta' qabel il-finali tikkonsisti f'ħafna affarijiet; nibda billi nsemmi l-*promotion* li għamilt ġewwa l-Ukraina u l-Latvia. Sar ukoll il-*video* tal-kanzunetta "Vodka" li mhux biss ser jibda jintwera f'Malta iżda anke' f'diversi pajjiżi fl-Ewropa. Saru diversi *meetings* mal-Kumitat tal-*Malta Song*, l-istilista Ernest Camilleri *"Amour"*, l-awtur u l-kompożitur sabiex jiġi deċiż x'ħa jsir fis-serata, kif ser tkun id-dehra tiegħi u ħafna affarijiet oħra. Ċertament l-aktar ħaġa importanti minn dan kollu li semmejt hija l-vuċi u jien bqajt għaddejja bil-lezzjonijiet

tal-vuċi ma' l-għalliema tiegħi, is-sopran Giorġina Gauci, li tiġi oħti.

***Taħseb li tgħaddi għall-finali?***

Jiena nixtieq ngħaddi għal Finali. Naf li huwa diffiċli ħafna imma jiena ser nagħmel l-almu tiegħi kollu u mbagħad inħalli f'idejn il-Bambin.

***Inti llum mara miżżewġa. Issib ħin biex toqgħod fil-kwiet ta' darek taqsam kelmtejn ma' żewġek waqt li tinsab għaddejja b'din il-preparazzjoni kollha?***

Iva nsib ħin. Għalija huwa importanti ħafna li jkolli ħin anke mal-familja tiegħi.

***Għandek xi aspirazzjonijiet fil-ħajja?***

Naħseb kull kantant/a għandu xi aspirazzjoni fil-ħajja, anke' jien, imma nippreferi nimxi pass pass u ngħix ġurnata b'ġurnata.

***Għadek żgħira, imma diġà ksibt esperjenza fil-qasam mużikali. X'parir tagħti lil min jixtieq jibda jkanta?***

Inħossni għadni żgħira biex nagħti xi parir lil xi ħadd imma min-naqra esperjenza li għandi fil-qasam mużikali, lil min jixtieq jibda jkanta, ngħidlu biex l-ewwel ħaġa jieħu ħsieb il-vuċi u jieħu l-lezzjonijiet tal-vuċi; it-tieni jrid ikun lest li jagħmel xi sagrifiċċju; u t-tielet ma tridx taqta' qalbek ma' l-ewwel diffikultà li jkollok. F'kelma waħda jrid ikollok il-kuraġġ u jekk ikun mn'Alla kollox iseħħ!

***Agħtini messaġġ qasir biex inwasslu lill-qarrejja ta' "Il-Ħajja f'Għawdex".***

Messaġġ qasir li nixtieq nagħti lill-qarrejja ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" huwa wieħed ta' radd il-ħajr mill-qalb talli emmintu fil-kanzunetta tiegħi u tajtuni l-opportunità sabiex inkun l-ambaxxatriċi ta' Malta u Għawdex ġewwa Belgrade. Grazzi ħafna!





**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Ħinijiet tal-ftuħ: 10.00am - 1.00pm; 6.00 - 9.00pm*

*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*





IMPRESSJONIJIET DWAR GĦAWDEX (5)





# BIL-MAGNA TAR-RITRATTI FIL-PAJSAĠĠ GĦAWDXI

*kitba ta'* LYNDA CATON ROSEBLADE

**Ilni nżur lill-Gżejjer Maltin għal dawn l-aħħar disgħa u tletin sena. In-namra tiegħi għal dan il-post li jsaħħar tnisslet meta kont għandi tfajla. Kont noqgħod il-Mellieħa u billi nħobb ngħum u niskija fil-baħar, l-Armier u Paradise Bay kienu jiġbduni. Fil-bogħod kont nara lil Għawdex jongħos ġo misteru.**

Bejn iż-żjarat tiegħi hawnhekk, kont nivvjaġġa mad-dinja ma' żewġi Peter, u kont ixxortjata li stajt inżur ħafna pajjiżi li laqqmuni fin-namra ta' l-arti u partikolarment tal-fotografija.

F'waħda mill-impenji tiegħi fil-fotografija hawn Malta, iltqajt ma' raġel xwejjaħ li qalli, "Jaqbillek tiġbed ir-ritratti 'l hinn mill-baħar". Xħin weġibtu li ġà kont mort l-Italja u kelli ritratti t'hemmhekk li huma għal qalbi, hu fil-pront fisser ruħu, "Lil hinn mill-baħar," qalli, "qed nirreferi għal Għawdex." Kien kliem li biddilli ħajti. Ipperswadejt lil żewġi biex jaqsam miegħi s'Għawdex. *"More of the same,"* kien qalli, imma xi ftit kontra qalbu ġie jakkumpanjani. Dorna l-gżira, u filgħaxija bqajna hawn għal-lejl, u bqajna hawn għall-jum u l-lejl ta' wara, u ta' wara wkoll. Dan ġara ħafna żmien ilu, qabel daħal it-telefon ċellulari, u ħbiebna fil-Mellieħa, xħin għal tlitt ijiem ma dehrniex, bdew jinkwetaw.

Morna lura Malta u mbagħad lejn darna fir-Renju Unit, imma Għawdex kien daħal f'qalbna darba għal dejjem. Minn dakinhar, xejn ma baqa' jżommna biex insibu l-jiem għal żjara s'Għawdex sabiex nesploraw din ir-rokna ta' paċi u sliem.

Ma' l-età, jiena bdejt insir nagħraf dejjem iżjed lin-natura u napprezza s-sbuħija u l-ispirtu tal-postijiet għawdxin. Il-pjaċir tiegħi, fl-erba' staġuni, hu li niġbed ir-ritratti 'l hawn u 'l hemm fil-gżira, speċjalment fil-kampanja.

M'għandniex xi ngħidu, ir-rebbiegħa u l-ħarifa huma l-favoriti tiegħi. Nerħilha bil-mixi għaliex dan hu l-aħjar mod kif tara l-gżira fis-sbuħija naturali tagħha.

Il-postijiet prinċipali għat-turisti huma biżżejjed dokumentati fil-kartolini, imma jiena dejjem infittex passaġġi u rkejjen moħbija, u qatt ma ħriġt diżappuntata. Kultant, l-istess ħbieb tiegħi Għawdxin jistaqsuni mnejn ġibthom il-veduti, għax ma jirnexxilhomx jagħrfu l-lok fir-ritratt.

Matul is-snin rajt ħafna bidliet madwarna. Dejjem nieħu pjaċir nassisti għall-impennji min-nies biex isebbħu l-



ambjent, bħalma hu l-każ ta' Wied il-Mielaħ, rokna għal qalbi ħafna. Il-Kunsill Lokali ta' l-Għarb ħaqqu prosit għar-restawr li għamel f'dan il-wied.

Inqatta' ħin twil fil-widien li jinżlu ma' l-isdra tan-Nadur, fejn ukoll twettaq xogħol tajjeb biex jitħares ix-xagħri u l-pajsaġġ. Mġarr ix-Xini ukoll hu wied fejn spiss immur. Jogħġbuni s-sisien għoljin madwaru, u l-blat aħrax.

Illum aħna rtirajna mix-xogħol u qegħdin noqogħdu l-Qala. Nieħu pjaċir indur ma' l-inħawi fejn għamilna ħafna ħbieb li edukawna fid-drawwiet tar-raħal. Żewġi għadu kultant iqatta' xi żmien l-Ingilterra, għaliex ma jistax jinqata' mill-vizzju tax-xogħol malajr bħali. Jien qatt ma kelli għalfejn ikun hemm xi ħadd biex jipperswadini. Illum jiena nħossni Għawdxija, u ferħana b'dan!

In-namra għall-għawm għadni nħossha wisq. Għaldaqstant, malli tisħon ftit il-klima, ninżel Ħondoq ir-Rummien u hemm inqatta' l-ġurnata kollha...imma l-magna tiegħi tar-ritratti qatt ma tkun il-bogħod. Il-Ħondoq inħobbu u nittama li qatt ma jitlef is-sbuħija naturali tiegħu ; imma din hi għażla f'idejn l-Għawdxin. Jew f'idejn il-MEPA?

Nittama li Għawdex iħares u jżomm l-oriġinalità tiegħu għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni. Jiena hawn se noqgħod sakemm tħalluni u nagħti s-sehem ċkejken tiegħi biex ngħin. Nispera, fl-aħħarnett, li r-ritratti li jien ġbidt għal din il-ħarġa tar-Rivista, jintgħoġbu, bħalma Għawdex jogħġob lili.






# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

LETTERATURA GĦAWDXIJA — *Poeżiji*

## L-GĦODWA GĦAWDXIJA

*minn* **Carm C. Cachia**

Fis-salm ta' sbieħ il-jum
ix-xemx titbissem,
Antif'na jintonaw ir-raġġi sielma,
Tal-bejt ikanta.
L-għoljiet ixiddu ċ-ċpar ta' għodwa ġdida
u jibki l-weraq.
Il-ward miblul fid-deheb qed jiddiskuti
b'rasu baxxuta
il-kelma misterjuża ta' kull żiffa,
kull nifs li jgħaddi.
Il-mewġ ħosbien li jżur kull waqt lix-xtajta
qawsalla jpinġi,
versett divin maħżuż fuq tila ġdida,
Vanġelu ta' kulur
minn id l-Imgħallem.

## ĦSIBIJIET F'GĦODWA TAR-REBBIEGĦA

*minn* **Carm C. Cachia**

*(Rebħet ir-raba' post fil-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Maltija - 12 ta' Diċembru 1996)*

Ir-Rebbiegħa hi. . .
In-nibbiet ġdid jitmattar ġol-ħamrija
u l-ward li jidħak bejn il-weraq tari;
festuni n-nwar li jżejnu zkuk għarwiena,
xtieli ħosbiena jibku nida safi,
għakrux li jtawwal għonqu biex jiskopri
u brimba tinseġ velu f'kantuniera;
naħal kurjuż jittawwal ġo kull warda
w għasfur storbjuż li jaħseb li l-ġnien tiegħu;
raba' li jgħolli wiċċu lejn sem' ikħal
u xemx tħares kuntenta fuq xogħol għaqli.

Ir-Rebbiegħa hi . . .
Natura mżejna donnha lesta għall-festa
u l-bniedem wara tieqa jixxennaqha.

## REBBIEGĦA ĠDIDA

*minn* **Francis Sultana**

Ja Sultana tan-Natura,
lill-ħolqien twelldu mill-ġdid,
fik is-sħana tax-xemx toktor,
ħa jitnissel bik mitt ġid;
tifraħ l-art, jifirħu l-bhejjem,
fqir għen ruħu, tpaxxa s-sid.

Kien hemm żmien, f'għanqbut tgeżwirna,
kulma 'ttina le nistmaw,
siġra tħaddar, pjanta twarrad,
f'darna 'kk mhix, nistradikaw;
għasfur, tajra le nħalluhom
f'xagħri jnaqqru, nammiraw.

Imma llum b'Artna fl-Ewropa,
konxji sirna tal-ambjent,
il-ħsarat nixtieqU nsewwu,
mhux b'xi ħakka t'għajn, f'mument;
tinsiex li għaddejna s-sekli
norqdu, nqumu f'dal-kurrent.

Mela, kmanda tan-Natura,
iftaħhomlna l-mogħdijiet,
ifirxilna twapet ħodor,
ħa ngħidu s-Sultana ġiet;
tatna ħdanha fejn nimirħu,
ġo ħoġorha ngawdu l-kwiet.

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

KOTBA

Minn Għawdex

# "NATURE IN GOZO"

**Borg J. John, Lanfranco Edwin, Sultana Joe, BirdLife Malta, 2007, 176 pp., €19.**




Dan il-ktieb tal-*BirdLife*, Malta huwa analiżi tas-sakra tal-ħolqien fuq wiċċ dil-gżejra. Huwa għanja lix-xagħri u lill-pajsaġġ Għawdxi, kull paġna strofa ta' lwien tad-diversità meraviljuża li għandna madwarna u li ninjorawha għax drajniha, jekk mhux ukoll neqirduha fin-nuqqas tagħna ta' għarfien u ta' apprezzament. Dan il-ktieb jixpruna lil kulmin jieħdu f'idejh biex jagħraf u japprezza l-ambjent naturali Għawdxi, fil-flora u fil-fawna tiegħu, qabel ma jkun tard wisq.

Minn xi ftit eluf ta' speċi ta' pjanti u annimali li hawn f'Għawdex, l-awturi għamlu għażla u ffokaw fuq 161 pjanta u 122 annimal. Kull speċi hi deskritta fid-dettall u kull deskrizzjoni hija msieħba ma' ritratt bil-kulur miġbud b'ħila u namra. Jingħataw ukoll għal kull speċi, l-isem bl-Ingliż u bil-Malti, u l-isem xjentifiku binomjali li l-ewwel juri l-ġeneru u t-tieni l-ispeċi. Is-sottospeċi huma nominati f'sura trinomjali.

X'uħud mill-pjanti klassifikati fil-ktieb huma komuni fostna, bħal per eżempju , il-"buttuniera" u l-"fidloqqom" (p.46); oħrajn huma endemiċi bħal "widnet il-baħar" (p.40), li hija l-pjanta nazzjonali ta' Malta, u bħas-"sempreviva t'Għawdex" (p.42). Pjanti oħrajn jikbru f'lok partikolari, bħaċ-"ċentwarja tan-nuffara" (p.40) skoperta fis-sena 2001 minn Rita Buttiġieġ. Ħafna mid-deskrizzjonijiet fil-ktieb jagħtu wkoll tagħrif meta l-pjanta kienet deskritta l-ewwel darba u minn min. Hekk per eżempju, il-"broxka tat-tafal" (p.62) kienet skoperta mill-ġdid minn Timothy Tabone wara li ma kenitx dehret aktar sa mis-sena 1915. Insibu wkoll tagħrif fil-qosor dwar il-kwalitajiet mediċinali tal-pjanti, bħal l-"għerq sinjur" (p.56) u "xpakkapietra" (p.60). Interessanti huma wkoll xi noti storiċi u folkloristiċi.

Daqstant ieħor hija interessanti t-taqsima dwar il-fawna. X'uħud mill-annimali deskritti, bħall-"ġurat tar-raba'", narawhom madwarna; ħafna oħrajn, bħaż-"żugraga ta' Għawdex" (P.104) jew il-"musbieħ il-lejl" (p.116), huma endemiċi. Fost dawk li jinstabu biss f'lok partikolari, hemm is-"sangisug iswed" (p.104) ta' Wied il-Lunzjata u l-"grillu tat-ramel" (p.110) fid-duna tar-Ramla. Kultant it-tagħrif mogħti jqanqal il-kurżità fil-qarrej. Ħafna jafu bis-superstizzjoni (u forsi jemmnuha) li l-"ħabbara" (p.118) hi l-baħrija tax-xorti t-tajba, iżda mhumiex ħafna dawk li jafu (u allaħares jemmnu) li l-"bomblu l-iswed" (p.124) iġib xorti ħażina. Kolonja tal-"kanġu ta' Filfla" (p.136), imsemmi fis-seklu tmintax minn Agius De Soldanis, kienet skoperta mill-ġdid f'Ta'Ċenċ fl-1994.

Kultant is-sinifikat ta' l-ismijiet bil-Malti jġiegħlek titbissem. Biex insemmi x'uħud : iċ-"ċentupied" (p.108) jissejjaħ "xini" għaliex jimxi b'mod koordinat u jużа saqajh twal bħal imqadef; id-"debba tax-xitan kbira" (p.112), - *praying mantis / mantis religiosa* - iżżomm saqajha ta' quddiem, imqass feroċi, ma' xulxin qisha qed titlob filwaqt li tkun qed tonsob il-priża. Wara t-tgħammir id-debba toqtol lir-raġel u tieklu. "Katarina-għolli-denbek" (p.114) hu isem ieħor interessanti... u addattat.

Dan il-ktieb hu att ta' fidi fin-natura mill-awturi u mill-fotografi. F'idejn it-tfal u l-istudenti huwa minjiera ta' tagħrif, tagħlim u riċerka, imma jista' jkun ukoll nebħa ta' imħabba lejn art twelidna. Il-kunsilli lokali għandhom jiflu dan il-ktieb biex jistudjaw aħjar il-lokalità tagħhom u jieħdu azzjoni ta' għożża fejn imisshom. Jalla dan il-ktieb ma jsir qatt rikordju imma jibqa' dejjem gwida attwali ta' dak li hu fost l-aqwa ġid ta' gżejritna. Dan il-ktieb jista' jinxtara mill-ħwienet tal-kotba kollha.

***Joseph W. Psaila***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

## Ħsibijiet għal Żmien il-Għid

# REBBIEGĦA SPIRITWALI

## 1 IL-ĦAŻEN QATT MA HU SER JIRBAĦ LIT-TAJJEB

(1) L-Għid mhux biss miraklu ta' l-imgħoddi, Iżda hu garanzija għall-futur.

(2) Wara l-Ġimgħa l-Kbira hemm Sibt il-Għid. Kristu kkonfermalna li :
- Il-Ħażen qatt ma hu ser jirbaħ
- Il-Ħażen jista' fil-futur ikollu xi rebħiet iżda l-battalja jitlifha żgur.

(3) Din hi l-lezzjoni kbira ta' l-Għid. Ma kienx Kristu li miet u tilef fuq is-Salib. Kienet il-mewt li mietet u tilfet.

(4) Il-Kristjaneżmu hu differenti mir-reliġjonijiet l-oħra kollha għax dejjem jibda b'telfa u bi fjask.

(5) Fil-Ġimgħa l-Kbira, il-Ħażen għamel l-almu tiegħu.
- Il-Ħażen ma' l-ewwel daqqa t'għajn għamel rebħa fuq Alla li hu Imħabba u Verità.
- Veru li l-Ħażen għandu s-siegħa tiegħu. Iżda mbagħad it-Tajjeb għandu wkoll il-ġurnata tar-rebħa.

*(l-Arċisqof Fulton Sheen)*

## 2 L-GĦID X'JIPPROVA?

L-Għid jipprova dan li ġej :

(1) Is-slaleb huma xi ħaġa ta' din id-dinja. Għalhekk jgħaddu. Imma Kristu rebaħ id-dinja. "Fid-dinja tbatu jkollkom. Imma kuraġġ. Jien rbaħt id-dinja." Kristu huwa Alla. Għalhekk jgħix għal dejjem.

(2) Is-Salib hu ta' l-injam...u ma jistax idum. Iżda l-kuruna li hu jwiegħed hija kuruna ta' glorja għal dejjem.

(3) Il-Ġimgħa l-Kbira ddum biss ġurnata waħda. Imma l-Għid idum għal dejjem.

*(Kardinal John J. Wriggt, "Words of Pain". Ignatius Press, San Francisco U.S.A.)*

## 3 IT-TAMA

1. It-Tama tfittex it-tajjeb fl-oħrajn – flok toqgħod ittaqtaq fuq il-ħażin fl-oħrajn.
2. It-Tama tiftaħ il-bibien - waqt li l-qtigħ ta' qalb jagħlaqhom.
3. It-Tama tiskopri x'jista' jsir – flok tgerger dwar dak li ma jistax isir.
4. It-Tama tixgħel sulfarina – flok tisħet id-dlam.
5. It-Tama tħares lejn il-problemi bħala opportunitajiet.
6. It-Tama tibqa' miexja 'l quddiem – flok tieqaf jew tirtira.
7. It-Tama tikkuntenta ruħha anki bi qligħ żgħir – għaliex kollox jibda b'pass żgħir.
8. It-Tama taċċetta li tiġi mifhuma ħażin – għax taf li dan hu l-prezz biex taqdi l-ġid komuni.
9. It-Tama lesta biex tidher qed titlef – għax taf li għandha garanzija li fl-aħħar mill-aħħar hi se tirbaħ.

*(Fr. James Keller, Fundatur tal-Moviment tal-Christophers fl-Istat Uniti, mill-ktieb "Words of Comfort" ta' Daniel P. Cronin)*

## 4 KIF TKUN OTTIMIST

- L-Ottimist hu hekk qalbieni li xejn ma jtellfu l-paċi ta' moħħu.
- L-Ottimist jitkellem biss ma' kulħadd dwar saħħa, ferħ u ġid.
- L-Ottimist iġiegħel lil ħbiebu jħossu li hemm xi ħaġa tajba f'kull wieħed minnhom.
- L-Ottimist jara t-tajjeb f'kulma jiġri madwaru, u mhux jara kollox ikrah.
- L-Ottimist jaħseb dejjem għall-aħjar u jittama dejjem għall-aħjar.
- L-Ottimist jifraħ bis-suċċessi ta' ħaddieħor daqskemm jifraħ bis-suċċessi tiegħu stess.
- L-Ottimist jinsa l-fjaski li jkun għamel fl-imgħoddi u jittama li għad jagħmel suċċessi fil-futur.
- L-Ottimist iżomm dejjem it-tbissima fuq xofftejh u jipprova jagħti tbissima lil kulmin jiltaqa' miegħu.
- L-Ottimist tant hu mehdi fuqu nnifsu biex jimxi 'l quddiem li m'għandux żmien x'jaħli biex joqgħod jikkritika lil ħaddieħor.
- L-Ottimist huwa għaqli biżżejjed biex ma jaħlix iż-żmien jinkwieta fix-xejn; huwa raġel biżżejjed biex ma jirrabjax għalxejn; huwa qalbieni biżżejjed biex ma jibżax mix-xejn; huwa ferrieħi biżżejjed biex ma jħallix l-inkwiet jifnih.

*(The Optimist Creed, mill-ktieb "Words of Comfort", ta' Daniel P. Cronin)*

## 5 IL-MARTRI TA' SPANJA

- *Aurelio De Vinalesa:* "Dejjem wettaqt dmiri bħala patri u bħala saċerdot. Għajtu kemm tifilħu: "Viva Kristu Re!"
- *Mambrogio DeBanaguacil:* "Il-martirju huwa grazzja

tas-Sinjur tagħna Ġesù."

- *Pedro De Benisa:* "Naħfrilkom ilkoll. Ma tafux x'ġid qegħdin tagħmluli."
- *Joaquin Dealbocacer:* "Jekk ma nerġgħux naraw lil xulxin fuq l-art... arrivederci fil-glorja tas-Sema."
- *Modesto De Albocacer:* " Qalb ħelwa ta' Ġesù, jiena nafda fik."
- *German De Carcagente:* " Naħfrilkom għax naf li se toqtluni. Jien ma għamilt deni lil ħadd. Jiġri minni dak li jrid Alla."
- *Maria Teresa Ferragud Roig:* "Uliedi la tibżgħux. Dan hu mument wieħed. U l-ġenna hi għal dejjem. Dejjem xtaqt nagħmel xi ħaġa għal Kristu. U issa taħsbu li ser nerġa lura?"

*(mill-ktieb "Padre Santo", Ġenova, "Furono assasinati per la loro fede in Cristo", ikkwotati fil-ħarġa ta' "Il Seme", Ħarifa, 2001)*

## 6 L-AKTAR ELEMENTI QAWWIJA FIL-ĦAJJA

- Il-ħadid qawwi ... imma n-nar jgħawġu;
- In-nar qawwi ... imma l-ilma jitfih;
- L-ilma qawwi ... imma s-sħab jevaporah;
- Is-sħab qawwi ... imma r-riħ ikeċċih;
- Il-biża' qawwi ... imma l-irqad jegħlbu;
- L-irqad qawwi ... iżda l-mewt tirbaħlu;
- Il-mewt qawwija ... imma l-eternità tegħlibha.

## 7 IL-FERĦ

Il-ferħ hu l-hena ta' l-imħabba;
Iżda biex tkun maħbub, trid tkun dħuli.
Biex tkun dħuli ... trid tkun twajjeb.
Biex tkun twajjeb ... trid tagħraf it-tjubija.
Biex tagħraf it-tjubija ... trid tħobb lil Alla u lill-proxxmu.

Il-ferħ timmoltiplikah xħin taqsmu!

## 8 L-INNU TA' L-IMĦABBA

Ma hemmx diffikultà hekk kbira
Li l-IMĦABBA ma tafx tirbaħha!

Ma hemmx mard hekk kiefer
Li l-IMĦABBA ma tafx tfejjaq!

Ma hemmx differenza hekk kbira
Li l-IMĦABBA ma tafx tħaddan!

Ma hemmx ħajt hekk qawwi
Li l-IMĦABBA ma tafx tfarrak!

Ma hemmx dnub hekk gravi
Li l-IMĦABBA ma tafx taħfer!



## 9 KIF GĦANDNA NAGĦTU KARITA'?

(1) B'intenzjoni retta u sinċiera li nogħġbu lil Alla u mhux li nfittxu t-tifħir min-nies.
(2) Bil-ħeffa u mhux tħalli mil-lum għal għada jew titnikker.
(3) Bil-ferħ u mhux kontra qalbek.
(4) Bl-umiltà b'tali mod li l-benefattur jifhem li hu aktar qed jirċievi milli qed jagħti.
(5) B'idejk miftuħa: skond ma wieħed ikun jista'.

## 10 WARA T-TBATIJA, L-GLORJA

Fi tmiem it-triq, ma hemmx triq ... imma d-destinazzjoni tagħha.
Fi tmiem it-telgħa, ma hemmx telgħa ... imma l-quċċata.
Fi tmiem il-lejl, ma hemmx lejl ... imma ż-żerniq.
Fi tmiem ix-xitwa, ma hemmx xitwa ... imma r-rebbiegħa.
Fi tmiem il-mewt, ma hemmx mewt ... imma l-ħajja.
Fi tmiem l-Avvent, ma hemmx Avvent ... imma l-Milied.
Fi tmiem it-tempesta, ma hemmx tempesta ... imma l-bnazzi.
Fi tmiem in-niket, ma hemmx niket ... imma t-tama.
Fi tmiem it-tbatija, ma hemmx tbatija ... imma l-glorja.
Fi tmiem il-prova, ma hemmx prova ... imma l-premju.

*Joseph Folliet*

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (64)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IT-TLETTAX-IL PARTI)*

## L-INFALLIBBILTÀ TAL-KNISJA

**L-infallibbiltà tal-Knisja tfisser li hija ma tistax tiżbalja fit-tagħlim dwar dak li għandhom jemmnu u dak li għandhom jagħmlu l-insara biex isalvaw.**

Verament li Alla biss huwa infallibbli minn natura tiegħu, iżda bi grazzja singulari tiegħu, huwa żamm ħielsa mill-iżball lil dawk li huwa qabbad sabiex f'ismu jgħallmu lill-bnedmin, u b'hekk li t-tagħlim tagħhom ma jitbiegħedx mill-verità.

Kristu huwa infallibbli, għaliex bħala Alla, ma jistax jiżbalja u x-xhieda tiegħu bħala Dak li ġie mibgħut fid-dinja minn Alla l-Missier, hija xhieda infallibbli u ta min joqgħod fuqha.

Il-Knisja li għandha l-garanzija tal-preżenza bla ma taqta' ta' Kristu li qal lill-Appostli, "Ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien" (*Mt.*28,20). Hija infallibbli hekk li l-Appostlu Missierna jsejħilha "kolonna u pedament tal-verità" (1 *Tim.*3,15) u l-fidi tagħha ma tistax tiġi nieqsa.

**Il-Knisja għandha sehem mill-infallibbiltà ta' Kristu, li fih jintwera l-attribut divin ta' l-infallibbiltà.** Din il-kariżma ta' l-infallibbiltà, mhix xi realtà astratta, iżda hija korollarju tal-missjoni li Kristu mar jafda lil Knisja, **biex tgħallem il-verità tiegħu u twassal il-messaġġ li l-insara għandhom jemmnu u jwettqu f'ħajjithom.**

L-infallibbiltà, mela hija l-kariżma li Kristu ta lil Knisja, li jgħamilha ħielsa minn kull żball fit-tagħlim tagħha, f'dak li jirrigwarda l-fidi u l-morali. Fi kliem ieħor hija għajnuna spiritwali u partikolari ta' l-Ispirtu s-Santu, sabiex il-Knisja tkun tista' tgħallem bla biża' li tiżbalja dak kollu li l-fidili, jeħtieġilhom jemmnu u jagħmlu ħalli jsalvaw.

Dan ifisser, li għandha tiġi eskluża l-possibbiltà li xi darba, it-twemmin, it-tagħlim u d-deċiżjonijiet dottrinali tagħha, rigward il-fidi u l-morali, ma jkunux jaqblu mal-Kelma t'Alla, li tinsab fl-Iskrittura u fit-Tradizzjoni. L-insara kollha, membri tagħha, allura huma obbligati li jemmnu, bħala veritajiet li Alla jridhom ikunu jafu, dak kollu li l-Knisja tgħallem u li jaċċettaw id-deċiżjonijiet dottrinali tagħha, malli jsiru jafu bihom.

Il-Knisja hija infallibbli fit-twemmin u fit-tagħlim, għalhekk ngħidu li hemm infallibbiltà:

(i) **Passiva;** li hija l-kariżma li biha l-membri kollha tal-Knisja, fidili u ragħajja ma jistgħux jiżbaljaw fit-twemmin reliġjuż tagħhom, mhux bħala individwi, iżda bħala ġemgħa lkoll flimkien.

(ii) **Attiva,** jiġifieri l-privileġġ li bih il-Knisja li tgħallem, ma tistax tiżbalja, meta tkun tgħallem materja tal-fidi jew tal-morali.

### *L-infallibbiltà fit-twemmin*

"Il-ġemgħa tal-fidili li għandhom l-unzjoni minn Alla l-Qaddis, ma tistax tiżbalja fit-twemmin. Hija turi din in-nota karatteristika permezz tas-sens sopranaturali tal-fidi tal-poplu kollu, meta l-fidili kollha "mill-isqfijiet sa l-inqas fost il-lajċi" (S. Wistin) jagħtu l-kunsens tagħhom fi ħwejjeġ ta' fidi u ta' morali. B'dan is-sens ta' fidi, li l-Ispirtu s-Santu jqajjem u jżomm ħaj, il-poplu ta'Alla, immexxi mill-maġisteru mqaddes u ħerqan li jisma' minnu, jilqa' l-kelma mhux bħala kelma ta' bniedem imma bħala kelma ta' Alla, kif tassew hi, il-kelma tal-fidi mogħtija darba lill-qaddisin, jintrabat magħha bis-sħiħ, jifhimha aktar fil-fond, u jgħixha f'ħajjtu kollha" (*Lumen Gentium*, 12).

*Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (n.889) jgħallimna li: **"Biex il-Knisja żżomm is-safa tal-fidi, mgħoddija lilha mill-Appostli, Kristu riedha taqsam miegħu, l-infallibbiltà tiegħu. Hu l-Verità. Permezz tas-sens sopranaturali tal-fidi, il-Poplu t'Alla, 'jintrabat mal-fidi b'mod li ma jonqos qatt minnha, immexxi mill-Maġisteru ħaj tal-Knisja."**

### *L-infallibbiltà fit-tagħlim*

Jekk għall-komunità ekkleżjali, biex tista' teżisti u tibqa' tiffunzjona, kien meħtieġ li jkun hemm awtorità li tmexxiha, daqshekk ieħor kien meħtieġ ukoll, li dik l-awtorità tkun infallibbli, għaliex b'din il-kundizzjoni biss kienet tkun tista' tilħaq il-għan li għalih ġiet imwaqqfa. **Mingħajr l-infallibbiltà it-tagħlim tal-Knisja maż-żmien kien ikun jista' jitħallat ma' xi fehmiet foloz, u b'hekk jisfa ta' ħsara kbira għall-fidi.**

Nafu li l-awtorità tal-Knisja għandha l-infallibbiltà fit-tagħlim, għax Kristu wiegħedha din il-kariżma u tahielha.

Il-papa u l-isqfijiet, bħala suċċessuri ta' l-Appostli għandhom il-missjoni u s-setgħa li jgħallmu lill-insara. Kristu qal lil Pietru: "Irgħa n-nagħaġ tiegħi" (*Ġw.*21,16); "jiena tlabt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa. Inti mbagħad, meta terġa' lura għas-sewwa, wettaq lil ħutek" (*Lq.*22,32). Fil-waqt li lill-Appostli Ġesù qalilhom "Morru għallmu" (*Mt.*25,19) dawk il-kelmiet jgħoddu mhux biss għall-Appostli, iżda wkoll għas-suċċessuri tagħhom, għax il-Knisja, skond ir-rieda tal-Fundatur tagħha għandha tibqa' sa l-aħħar taż-żmien. Mela l-papa u l-isqfijiet huma inkarigati biex jgħallmu lill-insara. Huma jifformaw dik li tissejjaħ l' "*Ecclesia docens*" jiġifieri l-Knisja li tgħallem. L-insara l-oħra għandhom id-dmir li jisimgħuhom u jobduhom u dawn jissejħu "il-Knisja li titgħallem". Dan id-dmir ta' l-insara, huwa pprovat mill-kliem li Kristu qal lir-ragħajja tal-Knisja: "Min jisma' lilkom jisma' lili" (*Ġw.*10,16) u "Jekk ħuk anqas mill-Knisja ma jkun irid jisma' żommu b'wieħed pagan u pubblikan" (*Mt.*18,17).

**Meta ngħidu li l-Knisja għandha l-infallibbiltà tat-tagħlim, nifhmu li fil-maġisteru tagħha hija ma tistax tiżbalja jew iddaħħal lill-oħrajn fl-iżball, f'materja ta' fidi jew morali. Dan ifisser li ma tistax titqarraq jew tqarraq b'ħaddieħor, fit-tagħlim li tagħti, l-anqas tista' tbiddel it-tagħlim ta' Kristu jew tieħu żball dwar it-tifsira vera ta' dak li għallem Ġesù, kif ukoll ta' dak li kkmandana jew ipprojbilna nagħmlu.**

**Iżda tajjeb li ninnotaw li l-infallibbiltà ma tfissirx ħelsien mill-ħtijiet, għax il-bnedmin li jiggvernaw il-Knisja huma kreaturi umani u jistgħu jaqgħu fid-dnub.**

Fl-Evanġelju għandna xhieda li Kristu ried li l-Knisja li huwa waqqaf ikollha l-kariżma tal-infallibbiltà. Difatti:

(i) Ġesù Kristu lill-Appostli qalilhom "morru għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien" (*Mt.*28,29). Jekk Kristu li huwa l-istess verità, hu dejjem mal-Knisja, kif tista' hija tgħallem l-iżball? San Pawl isemmi "d-dar t'Alla li hi l-Knisja ta' Alla l-ħaj"(I *Tim.*3,15) Din id-dar li bena Kristu, kienet tkun mibnija fuq ir-ramel u mhux fuq il-blat sod, kieku ma kellhiex il-wegħda tiegħu li jħarisha kontinwament mill-iżbalji u l-qerq.

(ii) Kristu lil Pietru qallu: "Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat ta' l-infern ma jegħlbuhiex" (*Mt.*16,18), iżda kieku l-Knisja kienet tista' tiżbalja u tinganna lill-insara fit-tagħlim tagħha, il-bibien ta' l-infern kienu jegħlbuhom, is-setgħat ta' l-infern huma l-qawwa tax-xitan u dak kollu li jagħmel biex igarraf id-dar t'Alla li hija l-Knisja; il-persekuzzjonijiet, skandli u żbalji.

*Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (n.890) jgħallem li **"Il-Maġisteru hu fid-dmir li jħares lil dan il-Poplu (t'Alla) minn kull tgħawwiġ u minn kull nuqqas u jiżguralu li jkun jista' jistqarr il-fidi vera, bla ebda żball. Il-Maġisteru għandu ukoll id-dmir pastorali li jgħasses biex il-Poplu t'Alla jibqa' jħaddan il-verità li tagħti l-ħelsien. Biex jaqdi dan id-dmir Kristu lir-ragħajja tahom il-kariżma ta' l-infallibbiltà f'dak li għandu x'jaqsam mal-fidi u mal-morali. It-tħaddim ta' din il-kariżma jista' jkollu ħafna suriet."**

Ladarba l-Knisja ġiet magħżula sabiex tigwida n-nies lejn il-ġenna, kien meħtieġ li hija tiġi mħarsa mill-iżbalji fit-tagħlim tagħha. Il-ħajja ta' dejjem hija mwegħda lil dawk li jisimgħu u jobdu lir-ragħajja tal-Knisja, waqt li dawk li ma jemmnux it-tagħlim tagħha huma kkundannati "Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat" (Mk.16,16).

**L-insara mela, fejn tidħol il-fidi u l-ħajja morali tagħhom, huma obbligati li jaċċettaw u jobdu l-Knisja doċenti. Iżda kienet tkun ħaġa assurda kieku din il-Knisja kienet fil-periklu li tiżbalja fit-tagħlim li tagħti u ma kelliex il-kariżma tal-infallibbiltà.**

Għalhekk in-natura tal-Knisja u d-divinità tal-fundatur tagħha jirikjiedu li hija tkun imħarsa minn kull possibbiltà li hija tgħallem dak li mhux veru.

***Is-suġġett u l-oġġett ta' l-infallibbiltà***

Għall-mistoqsija min fil-Knisja għandu l-infallibbiltà tat-tagħlim, jagħtina tweġiba l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n.891) fejn jgħid li **"Għandu din l-infallibbiltà, l-isqof ta' Ruma, bħala Kap tal-Kulleġġ ta' l-isqfijiet,** bis-saħħa ta' l-uffiċċju tiegħu, bħala l-ogħla ragħaj u għalliem ta' l-insara kollha, bid-dmir li jwettaq lil ħutu fil-fidi, meta b'att definitiv iħabbar xi duttrina tal-fidi jew tal-morali."

"L-infallibbiltà mwegħda lill-Knisja **tinsab ukoll fil-ġemgħa ta' l-isqfijiet,** meta jħaddmu l-ogħla maġisteru **f'għaqda mas-suċċessur ta' Pietru**, l-aktar f'Konċilju Ekumeniku."

Madanakollu, l-infallibbiltà mhix imwegħda lill-isqfijiet bħala singoli, jew lill kull wieħed minnhom, iżda **kollettivament** jiġifieri lilhom kollha flimkien, meta huma f'għaqda mal-Papa, hekk li l-Awtorità li tat-tagħlim fil-Knisja qegħda **fl-isqfijiet flimkien mal-Papa**.

Rigward l-oġġett ta' l-infallibbiltà, nistgħu ngħidu li "din tinfirex fuq dak kollu li jidħol fid-depożitu tar-Rivelazzjoni ta' Alla, u għalhekk iħaddan l-elementi kollha tad-duttrina, u l-elementi morali wkoll, li mingħajrhom il-veritajiet tal-fidi għas-salvazzjoni ma jistgħux ikunu mħarsa, mfissra u obduti" (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, n.2035).

Il-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi, fid-dikjarazzjoni tagħha "*Mysterium Ecclesiae*" tal-24 ta' Lulju 1973 , stqarret li **"Skond id-Duttrina Kattolika, l-infallibbiltà tal-maġisteru, tinkludi mhux biss id-depożitu tal-Fidi, iżda wkoll dawk l-elementi, li mingħajrhom id-depożitu tal-Fidi, ma jistax jiġi mħares u mfisser kif imiss" Fi kliem ieħor, mhux biss il-veritajiet li huma rivelati, iżda wkoll dawk li huma meħtieġa biex titħares ir-Rivelazzjoni.**

Il-Knisja ma tgħallimx tagħlim ġdid, iżda ħafna drabi tagħmel espliċitu u tfisser b'mod iktar ċar dak li qabel kien impliċitu fir-Rivelazzjoni.

Dan it-tagħlim dwar l-infallibbiltà fil-Knisja, il-Kompendju tal-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (n.185) jiġbru fi ftit kliem: "Infallibbiltà titħaddem meta l-Isqof ta' Ruma , bis-saħħa ta' l-uffiċċju tiegħu bħala l-ogħla ragħaj tal-Knisja, jew il-Kulleġġ tal-Isqfijiet f'għaqda mal-Papa, l-aktar f'Konċilju Ekumeniku, iħabbar **b'att definittiv** xi duttrina tal-fidi jew tal-morali, u wkoll meta l-Papa u l-Isqfijiet, fil-Maġisteru Ordinarju tagħhom, jaqblu li **jipproponu xi duttrina bħala definittiva.** Kull fidil irid jilqa' bl-ubbidjenza tal-fidi dan it-tagħlim."

*(jissokta)*




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Id-Disa' Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-KARRETTUNI (1)*

**Il-karrettun hu mezz ta' trasport antik li dam jaqdina għal mijiet ta' snin. Iżda minkejja li f'Għawdex għandna ħafna *"cart ruts"* preistoriċi (kanali tal-karrettuni jew kalati, kif jissejħu dawn ir-raded jew raddi), m'hux maħsub li dawn saru b'xi karrettuni tar-roti miġbuda minn bhima. Ir-raġunijiet huma tnejn: 1) Ma jeżistux il-marki li tħalli l-bhima bejn iż-żewġ kalati u, 2) f'ċerti liwjiet karrettun bir-roti ma jaħdimx f'dawn il-kalati u jeħel. Mela, il-*cart ruts* preistoriċi ma sarux minn xi karrettun bir-roti kif nafuh aħna.**

### *Daħlu f'Għawdex żmien twil ilu*

Iżda, b'dana kollu, il-karrettuni daħlu f'Għawdex żmien twil ilu u dan nistgħu nippruvawh billi ngħidu li taħt il-għalqa magħrufa bħala "Tal-Lampa" fi Triq it-Tiġrija, sa ftit ilu Triq ir-Repubblika, u issa Triq Fortunatu Mizzi, ir-Rabat, Għawdex (fejn illum hemm il-kappella ta' Dun Raymond) kienu jeżistu raded tal-karrettuni differenti mill-kalati preistoriċi, li żgur saru fiż-żmien meta minflok din il-għalqa kien hemm triq. Minn hawn kienu jgħaddu l-karrettuni li kienu jġorru l-merkanzija bejn l-Imġarr u r-Rabat. Iżda minn dati storiċi nafu li t-triq l-antika kienet diġà ntradmet bil-ħamrija u saret għalqa fis-sena 1536 għaliex f'din l-istess sena n-nobbli Ġanni Soria kien waqqaf il-benefizzju magħruf bħala "Tal-Lampa", kif baqgħet magħrufa l-għalqa, biex ir-rettur bil-flus li jdaħħal jixgħel kull nhar ta' Sibt u fil-festi l-lampa quddiem ix-xbieha tal-Madonna tas-Solidad, imsejħa wkoll tas-Sabbat fin-niċċa tagħha taħt il-mina ta' ġewwa tal-Gran Kastell.

Għaliex ġara dan il-każ? Jista' jkun li f'Għawdex ġie żmien li n-nies ma kenitx tuża t-triq minħabba tnaqqis drastiku fil-popolazzjoni, aktarx fi żmien il-Għarab. Snin milwiema kienu jniżżlu kwantitajiet ta' ħamrija u radmu t-triq. B'hekk il-mogħdija ġiet spustjata iżjed lejn it-tramuntana jew kif inhi llum, għalkemm biż-żmien din il-mogħdija reġgħet twessgħet biex saret triq.

Minn dan kollu wieħed jista' jikkonkludi li fl-antik, fil-medjuevu jew qabel, f'Għawdex kien hawn karrettuni. Iżda jista' jkun ukoll li żmien bi żmien dawn inqatgħu minn gżiritna u, imbagħad, reġgħu daħlu wara. Lanqas ma nistgħu ngħidu jekk dawk il-karrettuni l-antiki, l-aktar ir-roti tagħhom, kinux kif nafuhom aħna llum jew xorta oħra. Dari kienu jeżistu roti mingħajr imgħażel, injam biss u jkunu mwaħħlin f'vaguni jew karrijiet kbar miġbuda anki minn gniedes u barrin.

Min kien jaħdimhom il-karrettuni? Ma nafux jekk fl-antik kienx hawn mastrudaxxi tal-karrettuni f'Għawdex jew f'Malta. Jekk ma kienx hawn, il-karrettuni kienu jinġiebu minn Sqallija jew xi pajjiż ieħor. Dan seta' jiġri faċilment fi żmien ir-Rumani. Meta s-sengħa daħlet Malta, il-karrettuni kienu jinġiebu minn Malta.

### *Mastrudaxxi tal-karrettuni f'Għawdex*

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, sewwa sew fis-sena 1909, kien ġie Għawdex l-ewwel mastrudaxxa tal-karrettuni li nafu bih, ċertu Nikol Magri li kien Tuneżin miżżewweġ waħda mix-Xewkija. Barra minn dan, kien hawn ukoll Grezzju Rotin li kien mastrudaxxa tal-karrettuni l-Munxar u xi ieħor ir-Rabat. L-aħwa Ċikku u Toni Farrugia, ħaddieda mir-Rabat, kienu jwaħħlu ċ-ċrieki fir-roti tal-karrettuni u dan ix-xogħol niftakruhom jagħmluh f'biċċa għalqa li kellhom kif tħalli l-*Pax Flour Mills* fi Triq it-Tiġrija 'l isfel (illum Triq Fortunatu Mizzi), magħrufa wkoll bħala l-Magna tad-Dqiq ta' l-Erbgħa (illum l-*Arkadia*). Dan ix-xogħol waqfu jagħmluh f'nofs is-snin ħamsin. Illum f'Għawdex ma fadal ħadd li jagħmel il-karrettuni jew li jwaħħal iċ-ċrieki. Karrettuni qodma qegħdin jinxtraw biex iżejnu bihom, jew bir-roti tagħhom, vilel, ristoranti u postijiet oħra turistiċi u ta' divertiment.

Meta ġie Għawdex, Nikol Magri mar joqgħod ix-Xewkija wara li kien ilu żmien jaħdem iż-Żurrieq, Malta. Fi gżiritna beda jaħdem il-karrettuni fil-mitħna ottagonali tax-Xewkija.



Għal dan ix-xogħol Nikola kien ġab miegħu minn Tuneż diversi għodod li bħalhom ma kienx hawn f'dawn il-gżejjer.

*Magna ta' l-Ikkargar*
Hekk kienet tissejjaħ dik il-biċċa għodda li kienet iċċekken iċ-ċirku biex jistrinġi r-rota.

Kellu wkoll magna oħra biex il-virga dritta tagħmilha tonda skond il-qies tar-rota. Il-forġa tiegħu kienet la antika, bil-minfaħ, mhux bil-mutur u bil-fan.

Naturalment kellu wkoll l-inkwina u diversi għodod oħra tal-ħaddieda u tal-mastrudaxxi, u għodod li jintużaw biss għax-xogħol tal-karrettuni.

Biex jittronja kellu rota kbira li taħdem bil-ħabel u bl-imradd u waqt li tnejn min-nies idawru, l-ieħor jittronja l-injam u jagħtih il-forma tax-xogħol li jrid.

*Familja ta' inġenji*
Il-karrettun hu membru, biex ngħidu hekk, ta' familja ta' inġenji li jintużaw għall-ġarr tan-nies u/jew tal-merkanzija. X'uħud minn dawn l-inġenji għandhom ukoll użu ieħor partikolari bħalma għad naraw.

L-inġenji li għandna f'moħħna huma dawn:

1. Il-karru: a) Karru tan-nar, b) Karru tal-gwerra, c) Karru armat, d) Karru trijonfali, e) Karru tal-mejtin (b'żiemel wieħed), f) Karru tal-Mejtin (b'żewġ żwiemel jew iżjed, parilja), ġ) Karru tal-mejtin (tat-tfal), g) Karru tal-mejtin (tal-foqra).
2. Il-karrella.
3. Il-karretta.
4. Il-karrettun.
5. Il-karrozza: a) Karrozza taż-żwiemel, b) Karrozza tan-nar, ċ) Karrozza mill-kbar.

L-aħħar tnejn ħadu isimhom mill-karrozza oriġinali taż-żwiemel.

6. Il-karrozzella: Karrozzella tas-saċerdot.
7. Il-karrozzin.
8. Il-karrozzun.

Ninnutaw li dawn il-kelmiet huma kollha mnisslin mill-kelma "karru" u, għalhekk, fil-kitba l-erre doppja tagħmel aktar sens minn erre waħda bħalma jitlissnu x'uħud minn dawn il-kelmiet.

*Tipi ta' karrettuni*
Hemm diversi tipi ta' karrettuni. Għandna:

**1. Il-karrettun ta' l-idejn**
Dan ikun karrettun żgħir li wieħed jista' jimbuttah quddiemu jew jiġbdu warajh. Aktarx jintuża għall-ġarr ta' l-armar tal-festi jew biex il-bejjiegħa jieħdu l-affarijiet fuq il-monti, kif ukoll għall-ġarr ta' oġġetti żgħar oħra.

**2. Il-karrettun tal-ħmar/a**
Ismu miegħu, karrettun li jinġarr minn dan l-annimal. Ma jkunx kbir ħafna, ħlief f'xi eċċezzjonijiet.

**3. Il-karrettun tal-bagħal/bagħla**
Dan ikun karrettun aktarx b'saħħtu għall-ġarr tal-merkanzija jew prodotti tal-biedja billi l-bgħula huma annimali b'saħħithom u addattati ferm għal dan it-tip ta' xogħol.

**4. Il-karrettun tad-dwieb u/jew taż-żwiemel**
Dan il-karrettun ikun jerġa' akbar minn dak tal-bgħula u jintuża wkoll għax-xogħol.

**5. Il-karrettun tax-xogħol**
Il-karrettuni li semmejna: tal-ħmar/a, bgħula, dwieb u żwiemel huma kollha karrettuni tax-xogħol. Naturalment il-piż tat-tagħbija jkun addattat skond il-karrettun u l-annimal li jiġbdu warajh.

**6. Il-karrettun tal-ġebel**
Dan ikun karrettun kbir tqil u li bih dari kienu jġorru l-ġebel tal-bini. L-injam tiegħu u r-roti kienu jkunu maħduma ħoxnin biex jifilħu għall-istrapazz.

**7. Il-karrettun tal-molol jew tat-tnejn**
Dan kien karrettun magħmul bil-molol li dari kien użat għad-divertiment u għall-passatemp.

**8. Il-karrettun tal-loġoġ**
Dan kien ikun karrettun li kien ikollu żewġ parafangi jew ġwienaħ fuq ir-roti biex fix-xitwa jilqgħu t-tajn. Dan kien jintuża wkoll biex il-familji jmorru l-baħar u l-festi bih.

**9. Ix-xarretta**
Din kienet tkun bħal karrettun, imma bla dlajja', u jkollha bħal qoffa ta' l-injam fejn tqiegħed saqajk.

**10. Is-serkin**
Dan ikun bħal karrettun żgħir tal-ħadid u bir-roti bħal *bicycle*, bla dlajja' u jista' jirkeb fuqu sewwieq wieħed biss. Użat l-aktar għat-tiġrijiet taż-żwiemel.

**11. Il-kaless**
Dan kien ikun bħal karrozza b'erba' roti u jinġibed minn żewġ żwiemel (parilja). Kien użat l-aktar mis-sinjuri.

*(jissokta)*

TIEQA FUQ L-AMBJENT (4)

# Ġmiel il-Flora fir-Rebbiegħa



*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

Matul is-sajf ta' ġranet b'xemx taqli l-ankri l-kampanja f'Għawdex, bħal kull parti oħra fil-gżejjer Maltin, tkun arida u niexfa qoxqox, għajr għal ftit inħawi, bħall-Wied tal-Lunzjata, li jibqgħu jħaddru s-sena kollha. L-ilma! Hu kollox! Għax ftit jiem wara li l-ewwel xita ssaqqi l-għoljiet, il-widien u l-ħbula tar-raba' fil-ħarifa, l-kampanja f'Għawdex tinbidel bħal-lejl min-nhar. Fejn kienet tiddomina n-nixfa, issa l-ħdura fil-kampanja tibda tieħu r-ruħ. U aktar ma tibda dieħla x-xitwa, il-ħdura fil-kampanja aktar tkompli tinxtered ma' kull rokna f'Għawdex.

Lanqas tkun għada m'għaddiet ix-xitwa meta din il-ħdura tibda tissarraf f'kuluri l-ġmiel tagħhom; il-ġmiel tal-flora fir-rebbiegħa. Il-biċċa l-kbira tal-pjanti slavaġ iwarrdu f'dan l-istaġun; u minn dawn hemm ħafna. Il-kampanja f'Għawdex tibda tixgħel bil-kuluri ta' numru kbir ta' speċi komuni ta' flora, bl-isfar joħloq twapet kbar fl-għelieqi mhux mgħoddija. Fost dawk li huma l-iżjed komuni li jwarrdu bl-isfar fir-rebbiegħa nsibu **l-Ħaxixa Ingliża**, imxerrda ma kullimkien speċjalment fl-għelieqi; **il-Lellux** li jikber bil-gzuz mal-ġnub tat-toroq fil-kampanja u fuq art mħarbta, kif ukoll il-Ferla, il-ġgant qalb il-fjuri l-oħra, li tikber anke żewġ metri għolja fil-widien, mal-ġnub tal-għoljiet u anke fix-xagħri. Hawn fil-blat tax-xagħri jinstabu wkoll il-**Kubrita ta' l-Irdum** u t-**Tengħud tas-Siġra** miksijin bil-fjuri żgħar sofor.

L-aħmar u r-roża ukoll jiddominaw f'diversi fjuri ta' pjanti slavaġ li jwarrdu fir-rebbiegħa. Fl-imgħoddi meta l-bidwi Għawdxi kien jiżra' **s-Silla**, biex ikollu għalf biżżejjed għall-bhejjem matul ix-xitwa, din kienet tħammar il-biċċa l-kbira tal-kampanja, speċjalment fil-ħbula tar-raba bagħli mtarraġ mal-ġnub tal-għoljiet. Dan iż-żmien **is-Silla** ftit li xejn għada tinżara'. Madankollu llum f'diversi nħawi **s-Silla** titkattar fis-salvaġġ weħida u titqies bħalha parti mill-flora ta' Għawdex. Qalb il-blat xagħri l-aħmar tal-**Beżżul il-Baqra** u r-roża ta' **Lsien l-Għasfur** jiffurmaw twapet żgħar fil-ħamrija ta' qalb il-blat u flimkien ma' **Sieq il-Ħamiema** u l-**Fiġġiela Ħamra**, jagħtu pinzellata mill-isbaħ lil diversi nħawi tal-gżira. Il-**Papoċċi Ħamra** ukoll iżżid fil-ħmura tal-kampanja speċjalmanet qalb il-blat u fil-ħitan tat-trejqiet fil-kampanja

Il-fjuri żgħar vjola tal-**Fjurdulis Salvaġġ** tistħajlu ġawhar imxerred qalb il-blat. Il-ward tagħha, li jikber baxx ma' l-art, jiftaħ kmieni wara nofsinhar u jerġa' jagħlaq fil-għaxija. Fix-xagħri u f'art moxa jwarrdu wkoll numru ta' speċi ta' **Orkidi**, fosthom l-**Orkida Piramidali**, l-**Orkida tat-Tikek**, **in-Naħla**, **id-Dubbiena**, u **ż-Żunżana**. Dawn ta' l-aħħar



*Silla - xitla b'weraq li jinqasam f'ħafna weraq żgħar ġej għat-tond u bi fjuri sbieħ ħomor skuri u jleqqu. Fl-imgħoddi kienet tinżera' fir-raba bagħli għall-għalf tal-bhejjem u llum tikber fis-salvaġġ. Komuni.*



*Ferla - tagħmel umbrellel bi fjuri rqaq sofor skuri fuq zokk li ġieli jogħla sa żewġ metri. Il-weraq kbar ħafna ffurmati minn mijiet ta' friegħi rqaq qishom ħjut lixxi u jleqqu. Tikber qalb il-blat u f'art mħarbta. Komuni ħafna.*



*Berwieq - xitla b'weraq twil li tikber l-żjed fl-isteppa tal-blat, iżda tinstab kważi fl-ambjenti kollha. Il-fjuri bojod b'vina ħamranija fin-nofs jiftħu fuq ħafna friegħi li jikbru fuq zokk twil. Komuni ħafna.*



*Lsien l-Għasfur - fjuri żgħar b'dijametru ta' xi 2 ċm u b'ħames petali roża jgħajtu, maqsumin fi tnejn qishom għaxar petali. Komuni.*



*Silla tal-Mogħoż - il-fjuri għandhom il-forma tas-Silla, iżda huma iżgħar u għandhom kulur vjola. Il-weraq ħodor skuri. Komuni ħafna.*



*Ġiżi ta' Malta - xitla b'ħafna weraq imlaħħam, bajdani għax għandu kisja ta' suf. Tikber fuq il-blat mal-kosta. Fjuri vjola ċari. Rari f'Malta, iżda hija aktar komuni f'Għawdex.*



*Tengħud tas-Siġra - arbuxell b'ħafna friegħi li jikber fix-xagħri u fil-blat tal-ġnub tal-widien. Jogħla sa żewġ metri, b'forma emisferika. Il-fjuri jiffurmaw bukketti żgħar sofor. Għall-aħħar tar-rebbiegħa l-arbuxell isir ħamrani u wara jinża' għal kollox mill-weraq. Frekwenti.*



*Ħannewija - Il-fjuri, bojod bil-brakti vjola, jikbru ffullati matul zokk li ġieli jogħla sa metru. Tikber fil-makkja ġeneralment f'postijiet kennija. Għandha weraq kbir, ileqq u lixx, li ispira il-motiv ornamentali, speċjalment fil-kaptelli tal-kolonni Korinzi. Fis-sajf meta l-fjuri jinxfu ż-żerriegħa tixpakka b'ħoss qisu sparatura ta' pistola. Komuni.*

magħrufin b'dan l-isem għax il-fjura għandha forma ta' insett. Anke l-pjanta nazzjonali, **Widnet il-Baħar**, tibda twarrad għall-aħħar tar-rebbiegħa, bi fjuri vjola jixbhu kemxejn lil dawk tax-xewk. F'Għawdex din tikber biss fuq xfar il-blat għoli fin-nofsinhar tal-gżira, l-iżjed fl-inħawi Ta Ċenċ u x-Xlendi.

Il-fjuri bojod ukoll huma komuni f'ħafna speċi ta' flora li jwarrdu fir-rebbiegħa. Fost dawn insibu l-**Buttuniera**, b'bukketti folti ta' fjuri rqaq, li tikber kważi kullimkien; il-**Ħalib it-Tajr** bi fjuri kemxejn kbar li jfuħu, li jikber fix-xagħri u f'art moxa; u d-**Denb il-Ħaruf** li ġeneralment issibu jikber f'art moxa jew f'art imħarbta. Mill-banda l-oħra pjanti bi fjuri kaħlanin m'humiex daqstant komuni. Fost dawn l-iżjed li jinstabu mxerrda huma il-Fidloqqom u l-Ħarira Kaħla, it-tnejn bi fjuri żgħar, iżda t-tnejn jagħtu kontribut għall-ġmiel il-flora fir-rebbiegħa.

***Riferenzi:***


Borg, J.J., Lanfranco, E. u Sultana, J. 2007. *Nature in Gozo.* BirdLife Malta, Malta.

Lanfranco, E.1995. Il-Flora. F'Sultana, J. (editur). *Il-Flora u l-Fawna ta' Malta.* Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, Malta.

Lanfranco, E. u Lanfranco, G. 2003. *Il-Flora Maltija.* PIN, Malta.

*Ilħna mill-Bogħod fil-Qrib (4)*



# Bro. Mario Zammit minn Manado fl-Indoneżja

Jien issa qiegħed fit-tielet sena tiegħi hawn fl-Indoneżja. Propjament ma kontx jien li għażilt li niġi hawn għax lanqas kont naf li għandna l-*Brothers* jaħdmu fl-Indoneżja. Jien kont offrejt l-għajnuna tiegħi fir-Reġjun tal-Kongregazzjoni tagħna, magħruf bħala PARC (*Pacific Asia Region Conference*) u mbagħad ġejt mitlub jekk naċċettax li mmur naħdem fl-Università f'Manado fejn hemm bżonn il-*Brothers*. Jien aċċettajt.

### *Minn Arċipelagu għall-ieħor*

Mill-arċipelagu Malti, bit-tliet gżejjer sbieħ tagħna, sibt ruħi ngħix fuq gżira oħra fl-arċipelagu Indoneżjan magħmul minn 17,000 gżira. F'sitt elef minnhom jgħixu n-nies. L-Indoneżja hija pajjiż enormi. Biżżejjed ngħid li, biex immur bl-ajruplan, minn Manado sal-belt kapitali, Jakarta, qisni sejjer minn Malta sa Londra. Il-popolazzjoni hi ta' aktar minn 245miljun. Hu l-akbar pajjiż b'maġġoranza tal-popolazzjoni Musulmana fid-dinja, għalkemm uffiċjalment mhux Stat Islamiku. Tlieta fil-mija biss ta' l-Indoneżjani huma kattoliċi, għalkemm il-kattoliċiżmu hu wieħed mis-sitt reliġjonijiet magħrufa mill-istat fil-Kostituzzjoni. Hu stmat li hawn xi 737 lingwa li għadhom jintużaw fil-pajjiż. Għalmin bħali jkun ġej minn Malta, fatt interessanti hu li tiltaqa' ma' ħafna kliem li ovvjament huma mill-istess għeruq bħall-Malti li jixhdu l-influwenza Għarbija permezz ta' l-Islam.



Il-motto tal-pajjiż, *Bhinneka tunggal ika* - "Ħafna, imma wieħed" – jirrifletti l-enormità tal-pajjiż fid-diversi komponenti tiegħu: etniċità, reliġjon u lingwa.

### *Ħidma fl-Edukazzjoni*

Manado, fejn qiegħed inwettaq il-ħidma tiegħi, hija l-belt kapitali ta' Sulawesi ta' Fuq. Sulawesi, ir-raba' l-akbar gżira fl-Indoneżja, hija eċċezzjoni mill-kumplament tal-pajjiż, għaliex hawn sebgħin fil-mija tan-nies huma nsara. Dan hu fatt li lilna, l-*Brothers*, it-tnejn li aħna, jagħmlilna kuraġġ. Barra minn hekk, Manado hi belt sabiħa, mibnija madwar bajja u mdawra bil-muntanji. L-ecoturiżmu hu l-akbar attrazzjoni; speċjalment minħabba l-"ġonna tal-koral" li huma fost l-isbaħ fid-dinja u jiġbdu *scuba divers* minn kullimkien.

Ix-xogħol tagħna l-*Brothers* hawnhekk hu li ngħallmu, fil-każ tiegħi l-lingwa Ingliża, u li ngħinu fil-ministeru pastorali kemm fost l-istaff ta' Università u kemm fost l-istudenti. Il-biċċa l-kbira ta' l-istudenti huma nsara u minorità minnhom huma kattoliċi; fost l-istudenti tagħna hemm ukoll xi ftit li huma Musulmani u xi ftit li huma Buddisti. Aspett importanti tal-ħidna tagħna hu li ngħinu biex f'din l-università jikber l-ispirtu nisrani, speċjalment bil-karatteristiċi ta' l-ispiritwalità u pedagoġija Lasalljana. B'mod partikolari aħna nanimaw grupp ta' staff u ieħor ta' studenti li mbagħad nistennew li huma jservu bħala ħmira fl-għaġna sħiħa ta' l-università. Nieħu gost ngħid li numru ta' membri ta' dawn iż-żewġ gruppi huma veru eżempju ta' mġiba professjonali u nisranija. Dawn il-gruppi jħaddnu fihom membri minn kull reliġjon preżenti fl-università.

### *Ħafna knejjes u sehem attiv fil-liturġija*

Il-Kristjaneżmu u r-reliġjożità, f'dawn l-inħawi, huma qawwijin ħafna u n-nies jagħtu xhieda li huma mkabbrin ħafna bir-reliġjon tagħhom għaliex juru twemminhom f'kollox u kullimkien. Jekk naħsbu li f'Malta għandna ħafna knejjes, immorru mqarrqin għaliex in-numru ta'




knejjes li hawn f'din il-belt, jitfiħ lil tagħna; qisu kull 'ministru pastorali' għandu l-knisja tiegħu. Fil-Milied, u speċjalment fil-Għid, it-triqat jimtlew bid-dwal u bi slaleb kbar li jdumu hemm minn sena għall-oħra. Qisu, n-nies ta' Manado jridu juru l-ħin kollu li hawn differenti mill-kumplament tal-pajjiż!

Aħna fl-università jkollna l-quddies kuljum, imma nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd immorru l-parroċċa. Il-parteċipazzjoni tan-nies fil-liturġija hija ta' l-iskantament: il-quddiesa ddum dejjem kważi sagħtejn, kulħadd ikanta u jieħu sehem. Ħaġa ta' l-għaġeb kif kulħadd qisu jaf ħafna kant tal-knisja bl-amment. In-nies ukoll qishom għandhom don speċjali għall-mużika u kważi kull ġimgħa tkun mara jew raġel differenti li jmexxu l-kant. Jipparteċipaw ukoll ħafna korijiet b'repertorji ta' kant polifoniku ta' livell veru għoli. Għandhom ħafna innijiet reliġjuzi sbieħ, u niskanta meta kultant ikantaw xi quddiesa Gregorjana u kulħadd ikanta! Evidentement il-Knisja għadha toffri ħafna mill-okkażjonijiet kulturali u soċjali lill-poplu, kif kien jiġri darba f'pajjiżna. Però, l-kultura mgħaġġla u ta' aljenazzjoni dieħla ġmielha speċjalment qalb iż-żgħażagħ.

Il-prinċipju ta' l-ugwaljanza fost ir-reliġjonijiet fil-pajjiż għadu 'l bogħod mill-perfezzjoni, u f'ċerti nħawi tal-pajjiż spiss isiru atti ta' intolleranza qawwija minn gruppi Musulmani lejn reliġjonijiet oħra. Iżda f'din il-parti tal-pajjiż fejn qegħdin aħna, għall-grazzja t'Alla din is-sitwazzjoni ta' preġudizzju ma teżistix; hawn kulħadd jgħix flimkien b'tolleranza kbira. Kultant jiġini d-daħk, jew almenu tbissima, meta nisma' l-*loudspeakers* fuq il-knejjes mhux biss jikkompetu imma jiddominaw lil dawk fuq il-moskea.

### *Missjunarji fl-Asja Mbiegħda*

Ma nafx jekk hux jien l-uniku Malti, żgur Għawdxi!, li naħdem fil-missjoni tal-Knisja fl-Indoneżja; sa fejn naf jien żgur hekk f'Sulawesi. Għandi l-impressjoni li ftit li xejn hawn missjunarji Maltin u Għawdxin fl-Asja Mbiegħda. Għalhekk, aktarx li l-ftit li jeżistu huma minsijin meta niġu għat-talb u għajnuna oħra. Id-djoċesi fejn naħdem jien jidher li għandha numru sabiħ ta' qassisin u sorijiet, kważi kollha indiġeni, għalkemm ma ssibx aktar minn żewġ qassisin f'kull parroċċa. Iżda jien persważ li djoċesijiet oħrajn għandhom nuqqas u jieħdu gost b'missjunarji barranin. Inżid ngħid malajr, li l-problema ta' viża biex wieħed jaħdem fl-Indoneżja mhix faċli u naf li l-Konferenza Episkopali lokali bħal ingħalqilha l-bieb għall-viża speċjali għall-missjunarji. Il-viża tiegħi hija waħda "professjonali" mhux bħala missjunarju. Forsi, almenu, d-Djoċesi ta' Għawdex tista' taddotta lill-Knisja fl-Indoneżja u fl-Asja Mbiegħda bħala intenzjoni speċjali fit-talb għall-missjoni fil-parroċċi.




gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

*Għawdex Qabel ir-Ritratti (4)* — *minn* JOHN CREMONA

# *Xeni ta' qabel id-dilluvju... Possibbli?*



VUE EN DISTANCE DE TOUTE LA CONSTRUCTION DU TEMPLE.

Ma jistax jonqos li f'din is-sensiela ma nitkellmux ta' sikwit dwar il-Ġgantija, teżor uniku li ħallewlna b'wirt missirijietna. Dan mhux biss minħabba li l-Ġgantija hija post importanti iżda wkoll għaliex ħafna viżitaturi li żaru lil Għawdex baqgħu mpressjonati b'din l-istruttura u ħallew diversi tpinġijiet u stampi tagħha.

Persunaġġ li żar it-Tempji tal-Ġgantija ftit wara li ġew imnaddfin kien Luigi Mazzara li fl-1827 ippubblika ktieb f'Pariġi bit-titlu *"Temple ante-diluvien dit des Geants decouvert dans l'Ile de Calipso aujourd'hui Gozo pres de Malte"* F' dan il-ktieb, li huwa rarissmu, Mazzara ppubblika tmien veduti tal-Ġgantija flimkien ma' veduta tal-Ġebla tal-Ġeneral, waħda ta' l-Għar ta' Kalypso kif ukoll oħra ta' Għawdex meħuda mill-Mellieħa.

Il-litografija li qiegħed nirriproduċi turi l-faċċata ta' quddiem tat-tempji tal-Ġgantija li kienu għadhom kif ġew imnaddfa u hija x'aktarx l-ewwel rappreżentazzjoni tal-faċċata tat-tempji li għandna. Jidher ukoll grupp ta' nies, possibbilment il-grupp li akkumpanja lil Mazzara fiż-żjara tiegħu lit-Tempji tal-Ġgantija. Jidher li huma barranin għax jikkuntrastaw ma' l-ilbies ta' nies Għawdxin li jidher fi stampi oħra.

Li huwa interessanti dwar dan l-awtur huwa l-fatt li tant kien konvint mill-qedem ta' dawn it-tempji li qal li kienu jeżistu saħansitra qabel sar id-dilluvju. Naturalment din hija ipotesi żbaljata iżda turi li l-awtur għaraf li dawn it-tempji kienu eqdem minn kull struttura oħra mibnija mill-bniedem li kienet magħrufa. Fil-ktieb tiegħu, Mazzara jagħmel ħafna ipotesijiet biex jasal għaż-żmien meta nbena t-tempju. Huwa kien tal-fehma li meta nbniet il-Ġgantija, Malta, Għawdex u Kemmuna kienu biċċa art waħda u nfirdu biss wara li sar id-dilluvju. Huwa jirraġuna li għalkemm l-ilmijiet tad-dilluvju baqgħu fuq wiċċ id-dinja għal 375 ġurnata, dan ma kienx biżżejjed biex strutturi kbar bħall-Ġgantija jiġu meqruda, iżda kienu l-fattur ewlieni biex ġie depożitat ħafna materjal li għatta parti kbira mit-tempji. Għalkemm illum nafu li dan m'huwiex minnu, madanakollu kien korrett meta qal li l-Ġgantija nbniet aktar minn elf sena qabel il-piramidi ta' l-Eġittu.

Wara li jagħmel l-argumenti tiegħu kollha, Mazzara jgħid li *"dawn ma kinux frott ta' l-immaġinazzjoni jew ta' spirtu eżaltat,, lanqas ix-xewqa għas-sopranaturali li ġiegħlu lill-awtur ipoġġi fuq quddiem nett fl-istorja tad-dinja l-oriġini ta' dawn it-tempji"*.

Il-litografija li hija ntitolata *'Vue en distance de toute la construction du temple'* għandha qies ta' 287mm x 190mm. Ġiet magħmula litografija minn Isidore Laurent Deroy fuq disinn meħud fuq il-post minn Mazzara nnifsu.

Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 163
Riċerka ta' Joseph Bezzina
© 2008

# Żewġ tagħbijiet armamenti għal Għawdex

**Id-dokument numru mija tlieta u sittin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar l-ispiża għall-ġarr ta' żewġ tagħbijiet ta' armamenti u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħhom mill-Belt Valletta għall-port ta' l-Imġarr. L-ispiża tinsab reġistrata fil-għaxar volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530-1798), manetta (1707-1708), folji 46 (NAG, UG, *Acta*, 10 (1707-1708) f. 52).**

Din hi traskrizzjoni tad-dokument:

*A Signor Giacomo Magro e Signor Simone Dandalona, Scudi quindici, Tarì cinque, e Grani dieci, per haver portato dalla marina della Valletta al Scalo del Migiarro con i loro brigantine respettivamente l'infrascritta robbe, cioè: Tarì 4 per due ceppi grandi di canone; tarì 2 per due ceppi piccoli, tarì 2 per quattro rote grandi; tarì 2 per più rote piccolo; tarì 6 per quattro ceppi di canone di vascello; tarì 3 per cento palle; tarì 2 per uno quintale di piccole palle; tarì 1, grani 10 per 24 barili pieni di polvere; tarì 11 per 500 granate; tarì 3 per tre fusi di ferro, tarì 3 per nolo di 22 piccole rote di carrettoni di vasselli; tarì 2 grani 10 per libano et asti; tarì 4 per lampioni e ferri; tarì 4 per una gumina vecchia; tarì 1 per ferro vecchio havuto della torre Garza; et tarì 2 per alcuni attrezzi et armi portati alla torre Dwejra, li 13 febbraro 1708, Sc 15 Tarì 5, Grani 10.*



Tliet mit sena ilu l-Università għamlet dawra mat-torrijiet u l-fortizzi tal-gżira biex tara x'kien hemm nieqes ħalli tkun tista' tfornihom b'dak kollu meħtieġ. Dan jidher mid-dokument li ppubblikajna qabel u minn dak ta' din id-darba.

Fi Frar 1708, l-Università kriet żewġ brigantini – wieħed ta' Ġakbu Magro, l-ieħor ta' Xmun Dandalona, biex tkun tista' ġġorr dak kollu meħtieġ mill-Port il-Kbir għal Għawdex. Il-brigantin kien bastiment tal-qlugħ bi gverta waħda u pont wieħed, bi tnejn jew tliet arbli bil-pniener, li jġorr il-merkanzija.

L-ispiża telgħet b'kollox is-somma ta' 15-il skut, 5 irbgħajja; u 10 habbiet (kważi €3). Din l-ispiża kienet tinkludi kemm il-kiri taż-żewġ brigantini, kif ukoll il-ġarr ta' l-armamenti mix-xatt tal-Belt għal fuq il-brigantini, il-vjaġġ bil-baħar, u l-ġarr tagħhom mill-ġdid għal fuq il-moll fil-port ta' l-Imġarr.

Il-lista tal-ħwejjeġ li nġiebu hija ċertament ta' interess:

- żewġ karrijiet (Għawdex ġie li jingħad, *il-ħmar*) ta' żewġ kanuni kbar;
- żewġ karrijiet ta' żewġ kanuni żgħar;
- erba' roti kbar (aktarx tal-ħadid) ta' dawn il-karrijiet;
- numru mhux speċifikat ta' roti oħra iżgħar;
- erba' karrijiet ta' kanuni li jintużaw fuq il-bċejjeċ tal-baħar;
- mit balla;
- tunnellata balal żgħar;
- erbgħa u għoxrin barmil mimlija porvli;
- ħames mit granata;
- tliet fusien tal-ħadid (aktarx fusien tal-karrijiet);
- tnejn u għoxrin roti żgħar għall-karrijiet tal-kanuni tal-bċejjeċ tal-baħar;
- fallakki tal-Libanu u serratizzi ta' l-injam;
- lanterni, msejħin *lampjuni* fid-dokument, u ħadid ieħor li bih dawn il-lanterni kienu jitwaħħlu mal-ħajt;
- *gumina* mhux ġdida - *gumina* hu terminu maritmu-militari u jirreferi għall-ħabel l-oħxon li miegħu kienet tkun marbuta l-ankra, allura kull ħabel oħxon ħafna;
- ħadid qadim li nġab mit-Torri Garza; u
- bċejjeċ oħra u armamenti għat-torri tad-Dwejra.

Dan kollu juri biċ-ċar li l-Università riedet li tkun imħejjija għal kull ma sata' jiġri; riedet tkun ippreparata tajjeb ħalli tiddefendi lill-Għawdxin mill-għadu.

Passiġġata Biblika - 35

*"Għollu bit-tifħir lill-Mulej, Alla tagħna, inxteħtu quddiem mirfes riġlejh,għax hu qaddis!" (Salm 99:5)*

# L-ARKA TAL-PATT

**minn Fr. Charles Buttigieg**

***Kif kienet***

L-arka kienet ix-xbieha tal-preżenza t'Alla meta Alla kien jiltaqa' mal-poplu tiegħu u meta l-poplu kien qed jiġġerra fid-deżert, liema poplu Alla għamel miegħu patt partikulari. Kienet magħrufa bħala l-arka tax-xhieda (bil-Lhudi: '*aron ha-edut*') jew l-arka tal-patt ('*aron habberit*').

L-arka kienet kaxxa ta' l-injam tal-akaċja jew tal-gazzi (injam tajjeb ħafna mil-Libanu, mis-siġar *'Acacia farnesiana'* li huma fost l-ikbar u l-għoljin u li l-injam tagħhom ma kienx imur bis-susa). Kienet miksija kollha kemm hi bid-deheb fin (ara Eżodu 25:13). Kienet erba' piedi twila u wiesa' żewġ piedi u nofs u fonda żewġ piedi u nofs ukoll (125cm x 75cm x 75cm). Fl-arka kien hemm biċċiet tal-Liġi ta' Mosè jiġifieri t-twavel tal-liġi tas-Sinaj (ara Dewteronomju 10:2), il-bastun ta' Aronne li minnha kien ħareġ il-ward (ara Numri 17:25) u bieqja tad-deheb bil-manna (ara Lhud 9:4).

Fuqha kellha għatu tad-deheb (bil-Lhudi: *'kapporeth'*; bil-Latin: *'propitiatorium'*, u bil-Grieg: *'hilasterion'*) li kien il-propizjatorju jew il-post jew aħjar is-siġġu tal-ħniena ta' Alla. L-għatu kellu fuqu żewġ kerubini kbar tad-deheb mastizz li kienu jservu bħala tron lil Alla. Il-kelma ebrajka *'kapporeth'* ġejja mill-verb lhudi *'kipper'* li tfisser litteralment 'timsaħ', jew 'taħfer', 'tneħħi għal kollox' u mhux tgħatti biss id-dnub. Fil-Malti l-verb 'ħafer' għandu l-istess għeruq semitiċi. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-arka mela kienet tassew il-post sagru tal-preżenza t'Alla, fuq kollox il-post fejn jinħafru d-dnubiet tal-poplu, eżattament dak li kien jiċċelebra l-poplu Lhudi f'Jum il-Maħfra.

Fil-ktieb tal-Eżodu għandna deskrizzjoni dettaljata ta' din l-arka tal-patt: "Besalel għamel l-arka ta' l-injam tal-gazzi, żewġt idriegħ u nofs it-tul, u driegħ u nofs il-wisa', u driegħ u nofs l-għoli tagħha. U ksieha b'deheb fin minn ġewwa u minn barra, u għamlilha dawra tad-deheb. U dewweb id-deheb u għamlilha erba' ħolqiet għal-erba' saqajn tagħha u żewġ holqiet ghal naħa, u żewġ ħolqiet għal naħa oħra. U għamel lasti tal-gazzi u ksiehom bid-deheb. U daħħal il-lasti fil-ħolqiet fil-ġnub tal-arka biex iġorruha bihom. U għamel għatu tad-deheb fin, żewġt idriegħ u nofs twil, driegħ u nofs wiesa. Għamel ukoll żewġ kerubini tad-deheb, tad-deheb mastizz għamilhom wieħed kull naħa fiż-żewġt itruf ta' l-għatu. Il-kerubini għamilhom wieħed fuq din in-naħa, u l-ieħor in-naħa l-oħra; biċċa waħda ma' l-għatu għamel il-kerubini fuq iż-żewġ naħat. Il-kerubini kienu bi ġwenħajhom miftuħa 'l fuq u jgħattu bi ġwenħajhom l-għatu, u jħarsu lejn xulxin, u wiċċhom lejn l-għatu." (37:1-9). Mela biex nifhmu, l-arka kienet tikkonsisti f'kaxxa, u għatu bil-kerubini fuqu u żewġ lasti biex iġorruha.

Bħalma diġà għedna din l-arka kienet miksija kollha kemm hi bid-deheb mill-iktar fin u l-għatu tagħha u l-kerubini magħmula mid-deheb mastizz. Id-deheb huwa meqjus bħala metall ta' valur imprezzabbli u li ma jintemmx (ara Proverbji 3:14), u għalhekk marbut ħafna ma' l-adorazzjoni lil Alla (ara Apokalissi 1:12). L-arka kienu jġorruha biss il-Leviti: "Ħadd ma jista' jġorr l-arka ta' Alla ħlief il-Leviti: għax lilhom għażel il-Mulej biex iġorru l-arka tal-Mulej, u jservuh għal dejjem" (1 Kronaki 15:2).

Meta l-poplu kien jieqaf fid-deżert, huwa kien ipoġġi din l-arka fit-tabernaklu li kienet it-tinda (bil-Lhudi: *'ha-mixkan'*, bil-Latin: *'tabernaculum'*): "Kull meta Mosè kien jidħol fit-tinda kienet tinżel kolonna ta' sħab, u tieqaf fil-bieb u titkellem ma' Mosè" (Eżodu 33:9). Din it-tinda tal-laqgħa jew tal-patt kienet il-post fejn Alla jiltaqa' mal-poplu tiegħu.

***L-Arka bħala pedistall lil Alla***

Litteralment il-kelma ebrajka għall-pedistall hija *'ken'* u nsibuha darbtejn biss fl-Antik Testment, u d-darbtejn li huma fil-kapitlu 7 tal-Ewwel Ktieb tas-Slaten fil-vers 29 u 31 kif naqraw tajjeb fl-ewwel vers: "Fuq il-panewwijiet bejn it-tilari kien hemm imnaqqxin iljuni, baqar u kerubini; u fuq it-tilari, taħt u fuq l-iljuni, il-baqar u l-kerubini, kien hemm imxebilkin girlandi tal-ward". Iżda l-kelma l-iktar frekwenti li nsibu fil-bibbja u li tfisser tajjeb b'dak li nifhmu aħna b'pedistall hija l-kelma 'mirfes', bil-Lhudi: *'hadom'*; bil-Grieg: *'hypopodion'* u bl-Ingliż: *'resting-place'* jew *'footstool'* (ara Salm 99:5).

L-arka tal-patt kienet tassew isservi bħala 'mirfes' jew 'pedistall' lil Alla u fuq kollox meqjusa bħala t-tron tiegħu: "Għollu bit-tifħir lill-Mulej, Alla tagħna, inxteħtu quddiem mirfes riġlejh, għax hu qaddis!" (Salm 99:5). Anke s-Sultan David isejjaħ l-arka bħala l-pedistall tal-Mulej: "Is-Sultan David qam fuq riġlejh u qal: 'Isimgħu, intom ħuti u l-poplu tiegħi! Jien kont bi ħsiebni nibni dar għall-mistrieħ ta' l-arka tal-patt tal-Mulej u l-mirfes ta' riġlejn Alla tagħna, u kont lestejt kollox għall-bini" (1 Kronaki 28:2).

Il-propizjatorju jew l-għatu tal-arka jirrappreżenta l-lok qaddis bħal tron viżibbli tal-preżenza inviżibbli. Alla eżattament kellu t-tron tiegħu fuq iż-żewġ kerubini, bla ma kien jidher. Iż-żewġ kerubini kienu jilqgħu lil Alla fuq il-ġwejnħajn tagħhom għaliex huma dejjem għas-servizz tiegħu. Il-kerubini kienu meqjusa ukoll bħala l-ħarriesa tal-oġġetti



sagri bħalma kienet l-arka u dejjem jistennew sabiex jaqdu lil Alla (ara Salm 18:9-10; u 80:2) Fil-fatt, fil-ktieb tal-Ġenesi naraw il-kerubini jieħdu ħsieb is-siġra tal-ħajja.

Dan il-ħsieb tal-arka bħala l-'mirfes' ta' Alla nsibuh ħmistax-il darba fl-Antik Testment: "Dan igħid il-Mulej: 'Is-smewwiet it-tron tiegħi, l-art mirfes riġlejja! X'dar tistgħu tibnuli? Fejn hu l-post tal-misrieħ tiegħi?" (Iżaija 66:1). L-arka għalhekk hija meqjusa l-mirfes tar-riġlejn Alla: "Ħa nidħlu fil-għamara tiegħu, ninxteħtu quddiem il-mirfes ta' riġlejh!" (Salm 132:7, ara ukoll Lhud 9:5). Kienet meqjusa bħala l-post fejn Alla jserraħ sieqú: "il-poplu bagħat iġib minn Silo l-arka tal-patt tal-Mulej ta' l-eżerċti li qiegħed fuq il-kerubini...." (1 Samwel 4:4). Hija l-post fejn Alla tassew jgħammar għax iserraħ il-preżenza tiegħu fiha.

***Konklużjoni***

Il-qalb tagħna miksija bid-deheb tas-safā u tal-imħabba għandha tkun dak il-post sagru fejn tassew jgħammar Alla. Irridu naħdmu biex il-qalb tagħna, il-ħajja tagħna tkun tassew 'il-pedistall veru' li ġġorr lil Alla f'ħajjitna u li nuruh u nagħtuh lil oħrajn. Dan huwa s-sens reliġjuż tal-purċissjonijiet li nagħmlu bl-istatwi tal-qaddisin fil-festi tagħna; liema mixja ta' talb trid tfakkarna fil-mixja tagħna sabiex inkunu xhieda awtentiċi ta' Kristu matul ħajjitna sakemm naslu fis-Sema, fil-glorja ta' dejjem.

*Biblijografija*


LURKER, M., *Dizionario delle Immagini e dei Simboli Biblici*, Cinisello Balsamo (Milano) 1990.

PILCH, J.J., *The Cultural Dictionary of the Bible*, Collegeville (MA) 1999.

SCOTT, J.M., *On Earth as in Heaven: The Restoration of Sacred Time and Sacred Space in the Book of Jubilees*, Supplements to the Journal for the Study of Judaism 91, Leiden 2005.

STACKHOUSE, M., *Covenant and Commitments*, Westminster 1997.



HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GĦAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*


# IL-Kunsill Lokali tal-Munxar: Servizz u Viżjoni

**Jikteb Joseph Sultana, Sindku tal-Munxar**

Il-Kunsill il-ġdid tal-Munxar ġie elett is-sena l-oħra u dan il-Kunsill immexxi minni bħala Sindku flimkien mal-Kunsilliera beda l-ħidma tiegħu għat-tliet snin li ġejjin. Filwaqt li ser inkomplu nibnu u nsaħħu dak li bdejna f'leġiżlaturi preċedenti, dan il-Kunsill ser jilqa' l-isfidi ġodda u l-impenn li l-lokalitajiet tal-Munxar u x-Xlendi ser ipoġġulu quddiemu. Bħal snin oħra ser inkunu qrib ir-residenti tagħna, nisimgħu u nilqgħu kull ilment jew suġġeriment li jsir. Dan jista' jsir biss jekk bejn il-Kunsill u r-residenti jkun hemm komunikazzjoni diretta bħalma dejjem kien hemm u konvint li ser jibqa' jkun hemm.

***Il-proġett tal-"playingfield"***

Il-ħidma tal-Kunsill għal din il-leġiżlatura ser tkun iffokata sabiex l-ewwel u qabel kollox jitlesta l-Proġett tal-*Playingfield* u toroq tal-madwar. L-ewwel fazi ta' dan il-proġett tlestiet f'Marzu ta' l-2007 u din kienet tikkonsisti fil-bini tal-Latrini Pubbliċi, l-*multi-purpose room* u ż-żona tal-madwar. Qabel ma stajna nagħtu bidu għat-tieni fażi kellhom jitwessgħu partijiet minn Triqat Santa Domenika u Profs Aquilina. Matul l-andament tax-xogħol inqalgħu xi problemi tekniċi li ma kellniex kontroll fuqhom u allura dan ix-xogħol ħa xi ftit aktar fit-tul milli kien maħsub. Tajna bidu għax-xogħol fuq it-tieni fażi ta' dan il-proġett u diġà tlestiet il-ġibja u nbena l-ħajt li jilqa' l-parti ta' triq li saret ġdida fi Triq Santa Domenika. Il-problemi ma jonqsu qatt u x-xogħol kellu jerġa' jieqaf sabiex nagħtu ċans lill-Enemalta ħalli jgħaddu *cables* ġodda mir-Rabat sal-Munxar. Fil-jiem li ġejjin ser jitkompla x-xogħol fuq bini ta' *culvert* taħt il-*playingfield* u jibda jitpoġġa l-wiċċ tal-*playingfield.* Imbagħad irridu naħsbu għal tagħmir, fanali u bankijiet li ser jitqegħdu fil-*playingfield.* Il-bini mill-ġdid ta' bankini fi Triq Santa Domenika, Triq Profs Aquilina u Triq Madonna tal-Karmnu miexi b'ritmu tajjeb. Permezz ta' dawn ix-xogħlijiet qed isiru modifikazzjonijiet fil-linji tat-toroq sabiex innaqqsu l-periklu mit-toroq tagħna.



*Parti mill-ewwel fażi tal-Playingfield, bankini ġodda u toroq tal-madwar.*

***Dehra ġdida lill-Pjazza tar-raħal***

Wara li jitlesta dan il-proġett inkunu nistgħu nibdew niffokaw fuq il-proġett tal-Pjazza. Proġett li ser jagħti dehra ġdida lil Pjazza tar-raħal tagħna bil-bini ta' bankini ġodda u *traffic management* aħjar minn dak eżistenti. Minkejja li aħna konxji li dan il-proġett huwa importanti ħafna sabiex nagħmlu l-pjazza tar-raħal tagħna isbaħ u nnaqqsu l-periklu kontinwu tat-traffiku, ix-xogħol irid isir fażi wara l-oħra.

***Ix-Xlendi: proġett komprensiv***

Il-Kunsill huwa responsabbli wkoll mix-Xlendi, post turistiku li miegħu iġorr sfidi kbar. Mar-rebbiegħa l-Kunsill jibda jaħseb sabiex nagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq *railings*, bankijiet, fanali u dawk il-partijiet kollha li jiġu




*Latrini Pubbliċi fix-Xlendi*



*Cruise liner fix-Xlendi*

affettwati mill-elementi. Is-sena l-oħra lestejna l-proġett ta' bini mill-ġdid tal-Latrini Pubbliċi u *showers* għall-użu tal-pubbliku. B'għajnuna ta' fondi speċjali mill-MEPA sar pavimentar ġdid f'parti mis-*seafront*. Qabbadna inġinier sabiex iħejjilna rapport fuq id-dawl li hemm mal-kosta, fil-*parking* u f'xi toroq ewlenin tax-Xlendi sabiex wara nkunu nistgħu nagħtu bidu għat-titjib fis-sistema tad-dawl. Proġett li jirrikjedi ammont kbir ta' fondi huwa dak tal-Mitħna Sotterranja ta' Emerġenza fix-Xlendi. Fuq dan il-proġett il-Kunsill qed naħdmu flimkien ma' entitajiet oħra sabiex inkunu nistgħu nikkonvertuh f'mużew biex jitgawda minn dawk li jżuru x-Xlendi.

Waħda mill-prijoritajiet tal-Kunsill għall-Munxar u x-Xlendi hija li naħdmu sabiex it-toroq li għandna inżommuhom fi stat tajjeb u nadif. Rigward it-triq prinċipali ta' bejn ir-Rabat u x-Xlendi, il-Kunsill ser ikompli jagħmel pressjoni fuq l-awtoritajiet sabiex isir il-bini mill-ġdid ta' din it-triq. Il-*Malta Tourism Authority* issottomettiet applikazzjoni sabiex isir it-tkabbir tal-bajja tax-Xlendi. Żgur li meta jasal iż-żmien u jitwettqu dawn iż-żewġ proġetti l-aċċessibbiltà għax-Xlendi ser titjieb u t-tkabbir tal-bajja ser jattira aktar nies tal-lokal u turisti. Applikazzjoni oħra li qed nistennew li tiġi approvata hija li jsiru l-faċilitajiet neċessarji sabiex *cruiseliners* żgħar jibdew jorbtu barra fix-Xlendi. Jekk jibdew jieqfu l-*cruiseliners* żgur li dawn ser jagħtu spinta lill-ekonomija lokali u ta' pajjiżna.

Il-MEPA kienet approvat il-permess tat-taħmil ta' parti mill-wied bejn il-Munxar u x-Xlendi. Dan il-proġett huwa importanti ħafna minħabba l-periklu li jinħoloq fit-toroq tal-madwar kull meta tagħmel ix-xita. Dan il-proġett mistenni li jinħadem bejn il-Kunsill u l-Ministeru għal Għawdex. Naħseb kulħadd jifhem li ċerti proġetti kbar ma jistgħux jitwettqu mill-fondi tal-Kunsill biss. Nixtieq nieħu l-okkażjoni wkoll sabiex nirringrazzja lill-Ministru għal Għawdex għaliex dejjem sibna l-appoġġ meħtieġ għall-proġetti kbar li wettaqna jew li qed inwettqu għall-ġid tal-lokalitajiet tagħna.

***Inizjattivi kulturali***

Minbarra li l-Kunsill huwa responsabbli mill-proġetti infrastrutturali, matul is-sena norganizzaw diversi ħarġiet u attivitajiet kulturali. Ngħinu lill-għaqdiet fil-lokalità sabiex jorganizzaw attivitajiet fir-raħal fosthom dawk sportivi. Dan għaliex aħna nemmnu li permezz tal-għajnuna li nagħtu lil dawn l-għaqdiet inkunu qed inbegħdu lil uliedna mill-perikli li dejjem qed jiżdiedu madwarna. Minbarra dan, ser naħdmu aktar sabiex norganizzaw aktar korsijiet edukattivi u informattivi għal kulħadd.

Attività partikolari u kull ma jmur dejjem qed tieħu l-importanza tagħha hija l-attività ta' Jum il-Munxar li taħbat fit-12 ta' Diċembru. Is-sena l-oħra, għall-ewwel darba ngħata Ġieħ il-Munxar. Fl-okkażjoni speċjali tal-50 Sena Parroċċa intgħażlu tliet persuni li ġew ippremjati t-tlieta għall-ħidma tagħhom b'risq il-parroċċa matul dawn is-snin.

Permezz tal-*website* informattiva tagħna nżommu lir-residenti nfurmati b'dak kollu li jkun iseħħ fil-lokalitajiet tagħna kif ukoll inżommu lil qrabatna emigranti viċin tar-raħal tagħna. Minbarra l-informazzjoni jkunu jistgħu jsegwu b'mod dirett jew repetizzjonijiet ta' l-attivitajiet li norganizzaw. Il-*website* tagħna hija mod kif nagħmlu reklam lil pajjiżna mat-turisti sabiex inħajruhom mhux biss iżuru lill-gżira Għawdxija imma jagħżlu lil-lokalitajiet tagħna bħala destinazzjoni tagħhom.

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lil dawk kollha li għat-tielet darba konsekuttiva wrew l-fiduċja tagħhom fija u reġgħu eleġewni Sindku. Is-Sindku kif ukoll il-kunsilliera eletti qegħdin hemm sabiex flimkien naħdmu biex intejbu l-lokalitajiet tagħna f'kull qasam possibbli.

**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar jew bl-email lill-Gozo Press *gozopress@onvol.net.*

**GITI GĦAS-SAJF 2008**
BIL-KUMDITA' TA' HOTEL WAĦDA F'KULL GITA
2 - 9 t'Awissu
GERMANJA U SVIZZERA
*******
20 - 26 t'Awissu
LOURDES - SPANJA
*******
28 t'Awissu - 4 ta' Settembru
ITALJA TA' FUQ - AUSTRIA
PMC TOURS
Dettalji mill-Aġenzija John Portelli Ent.
Pjazza Indipendenza-Victoria Tel.21561212/3
jew PMC TOURS-Victoria Tel.21551004-79021033

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# Kelina Xerri (1920 - 1962)

Twieldet fl-20 ta' Mejju 1920 f'Ħaż-Żabbar, Malta. Ftit nafu dwar it-tfulija tagħha iżda kien f'dan iż-żmien li saret midħla tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija. Billi fl-ewwel żmien ta' ħajjitha, il-familja tagħha kienet toqgħod Malta, kellha x-xorti li tattendi għall-konferenzi li kien jagħti San Ġorġ Preca. Wara l-familja tagħha ġiet toqgħod ġewwa l-Qala. Meta kibret ħasset li l-Mulej qiegħed isejħilha biex timxi warajh, billi ssir membru ta' din is-Soċjetà, magħrufa mill-poplu bħala l-Museum.

L-ewwelnett hija qdiet il-missjoni tagħha fl-għajnuna li kienet tagħti d-dar. Kellha ħafna x'tagħmel billi ħutha l-bniet kienu miżżewġin kif ukoll kellhom żewġ studenti jistudjaw għas-saċerdozju, li huma Mons. Lawrenz Xerri u ħuh Dun Karm. Kienet tħobb ħafna s-sengħa tal-ħjata.

It-tieninett serviet lil Alla fit-tagħlim tad-duttrina. Kienet konvinta minn dak li tant kien jisħaq fuqu San Ġorġ Preca: li t-tagħlim huwa l-għajn ta' kull ġid. Kienet tieħu paċenzja kbira bit-tfal u meta ma kienx hemm post fejn isir it-tagħlim, għal sajf sħiħ offriet darha biex isir it-tagħlim. Dan swielha ta' sagrifiċċju kbir. Barra mill-katekiżmu, malli jkun ser joqrob il-Milied, kienet tħejji xi rigali għat-tfal. Kienet sikwit tgħid li: "Ġesù jħobbhom ħafna lit-tfal."

Kienet Soċja li ħafna persuni qrib tagħha kellhom fiduċja fiha. Min jaf kemm għenet persuni biex turihom kif jirranġaw xi ħwejjeġ u xogħol tan-*knitting*! U dan kienet tagħmlu mingħajr ebda ħlas. Mhux hekk biss, tant kienet tispira fiduċja, li bosta persuni kienu jiftħu qalbhom magħha, peress li kienu konvinti li dak li tisma' ser iżżommu għaliha biss. Hija kienet tfarraġ u ssabbar lil kulħadd u permezz tat-tbissima tagħha kienet tnissel ferħ.

Kienet tieħu kollox bis-sabar u tgergira qatt ma ħarġet minn fommha. Tant kienet imħeġġa sabiex Ġesù jsir magħruf u maħbub, li kienet tmur il-knisja fil-5.00 am u tibqa' hemm sas-7.00 am jiġifieri sa l-aħħar quddiesa, u kien ikollha madwar 20 tifel fejnha. Kienet tgħallimhom it-talb ta' ringrazzjament u dan kienet tagħmlu aktar minn darba, peress li xi tfal kienu jiġu aktar tard. Kienet konvinta sa l-aħħar mill-kelmiet ta' Kristu: "Ħalluhom it-tfal jiġu għandi u la żżommuhomx, għax ta' min hu bħalhom hi s-saltna ta' Alla" (Lq, 18, 16).

Żgur li dan ma kienx attiviżmu, iżda frott ta' l-intimità li kellha ma' Ġesù. Huwa kien iċ-ċentru ta' ħajjitha u qalbha ma kienet marbuta ma' xejn ħlief miegħu. Meta l-familja tagħha bnew dar ġdida u marru joqogħdu fiha, kien hemm persuna li għamlitilha r-rimarka li għandhom post ġdid. Iżda hija weġbitha li qalbha ma kinitx marbuta miegħu. Ma ninsewx li kienet bniedma ta' talb profond u dejjem għexet fil-preżenza ta' Alla.

Kellha mħabba lejn Ġesù Sagramentat. Tqarbina ma fallietha qatt u nhar l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar kienet tgħaddi nofstanhar il-knisja għarkupptejha. Darba l-Kappillan Dun Ġużepp Vella rrimarkalha biex tmur xi waqfa d-dar. Iżda fil-pront weġbitu li jekk tmur id-dar, tinqala' xi ħaġa u hekk ma kenitx tkun tista' tkompli l-adorazzjoni.

Kellha mħabba kbira lejn is-saċerdoti, tant li kienet tirranġa l-ħwejjeġ tal-knisja. Ma nistgħux ninsew l-għajnuna li tat liż-żewġ ħutha sakemm waslu għall-ordinazzjoni. Meta qaddes ħuha Dun Karm, niżlet għarkupptejha u qalet: "Grazzi, Sinjur Alla, il-missjoni tiegħi jien komplejtha, għaliex kelli x-xorti nara lil tnejn minn ħuti jaslu fejn ridthom Int. Issa jiena kuntenta li mmut, meta trid, ibgħat għalija, ikun dak li trid Int." U l-Mulej sema' talbha, għax sitt xhur wara mietet.

Kelina baqgħet taqdi d-dmirijiet tagħha kollha sa l-aħħar jum ta' ħajjitha. Infatti fl-aħħar jum ta' ħajjitha, għalkemm bid-deni, marret il-knisja xorta waħda. Iżda matul il-lejl ma raqditx u ħassitha ma tiflaħx. Imbagħad fil-5.00 a.m. tal-15 ta' Frar 1962, jiġifieri fl-istess sena li fiha miet San Ġorġ Preca, ingħaqdet mal-Mulej. Kellha biss 41 sena.

Għalkemm ma għexitx ħajja twila, bil-għajnuna tagħha xorta waħda rnexxielha tkun ta' servizz għall-proxxmu u taħdem sabiex tinxtered is-saltna ta' Alla.

*(Ħajr lil Ċetta Magro ta' l-intervista li għamiltilha dwar Kelina Xerri fis-16 ta' Novembru 2007.)*

***Angelo Xuereb***


## AVVIŻ IMPORTANTI GĦALL-ABBONATI TAGĦNA

Din hi l-aħħar ħarġa ta' ***"Il-Ħajja f'Għawdex"*** li qed tintbagħat lill-abbonati kollha tas-sena l-oħra. Jekk għadek ma ħallastx l-abbonament għal din is-sena, titlifx aktar żmien... u titlifx rivista bħal din!

**IMLA L-FORMOLA LI HEMM FIL-QOXRA U IBGĦATHA MALAJR...**

## APPREZZAMENT (1)

# Mons. Anton Grech Vella



Nhar it-Tnejn 25 ta' Frar 2008, il-Parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria, tilfet lil Mons. Anton Grech Vella, wieħed mill-benefatturi kbar tagħha li ddedika ħajtu biex jara l-knisja Bażilika ta' San Ġorġ Martri mżejna b'tant opri sbieħ li llum tissejjaħ *"The Golden Church"*. Xemx u xita, bard jew sħana, lil dan is-saċerdot ħabrieki, immankabilment kont tarah ta' kuljum fi Pjazza San Ġorġ jew fi dħul Triq is-Suq bilqiegħda wara xi mejda b'xi nkwadru jew xi biċċa deheb jorganizza lotteriji u jiġbor fondi biex ikompli jlibbes kif inhu xieraq it-tempju t'Alla ddedikat lill-Martri ta' Lydda fil-qalba tal-Belt Victoria.

Dun Anton, kif kien jafu kulħadd, twieled fit-30 ta' Settembru 1917 u ġie ordnat saċerdot fl-1 t'Awissu 1943 mill-Isqof Mikiel Gonzi ftit xhur biss qabel dan ta' l-aħħar kien inħatar Arċisqof ta' Malta. Għadda l-ewwel snin tiegħu bħala kappillan tal-kor tal-Knisja Katidrali u wara, sagristan maġġur fil-knisja ta' San Ġorġ fejn tgħammed, trabba u kiber. Kien il-prokuratur per eċċellenza għal għadd kbir ta' snin u bil-ħidma tiegħu l-knisja ta' San Ġorġ inbidlet bħal lejl min-nhar. Għal xi snin għallem ukoll fis-Seminarju Minuri u kien attiv f'numru ta' għaqdiet kattoliċi, kif ukoll kappillan ta' l-isptar fejn kien il-ħabib ta' bosta morda u moribondi. Ħabib tiegħi midħla tiegħu sewwa żied jgħidli li dan is-saċerdot kien konfessur imfittex u l-għarbiel tiegħu kien wisq fin.

Għall-ħidma tiegħu f'San Ġorġ, il-Papa Pawlu VI kien ħatru Kamrier Sigriet Sopranumerarju u l-Isqof Mons. Nikol Cauchi għażlu Teżorier u t-Tielet Dinjitarju fil-Kapitlu tal-Kanonċi fil-Bażilika ta' San Ġorġ li tant ħabb u stinka għaliha.

Għall-bidu kien jgħix fid-dar tiegħu faċċata tal-Librerija Pubblika, u mbagħad mar jgħix fi Triq Palma Victoria, u meta saħħtu bdiet tnin, ittieħed fir-residenza ARKA f'Għajnsielem. Saru ħafna sforzi biex jinġab fil-kumpless sabiħ li nsibu mal-Bażilika ta' San Ġorġ biex b'hekk jibqa' qrib niesu u ħbiebu u ta' l-ambjent fejn għex, iżda dawn ma tawx il-frott mixtieq, u Dun Anton għalaq għajnejh għal din id-dinja sbiħ it-Tnejn 25 ta' Frar 2008 fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Dun Anton ħalliena iżda żgur li kull darba li aħna mmiddu riġlejna mill-bieb 'l ġewwa tal-Bażilika ta' San Ġorġ, ma nistgħux ma niftakrux fih għax għadd kbir ta' opri hawn ġewwa jgħajtu ismu.

Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem, u San Ġorġ, nitolbok ħudu issa fi ħdanek fit-tgawdija eterna.

***Kav. Joe M. Attard***


**RAYMOND CEFAI**

***TAL-KELBA LTD.***

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

*APPREZZAMENT (2)*

# Mons. Salvino Scicluna, J.C.U.



Il-ġieħ li jistħoqq lil Mons. Salvino Scicluna (magħruf popolarment bħala Dun Lino) ingħatalu diġà b'mod xieraq mill-Knisja kollha ta' Għawdex. Fil-Katidral għall-quddiesa funebri sollenni, ippreseduta mill-isqof emeritus Mons. .Nikol Cauchi, ikkonċelebraw saċerdoti minn kull parroċċa. Il-preżenza ta' għadd kbir ta' l-fidili minn organizzazzjonijiet lajċi fil-korteo tal-funeral tiegħu hija bla dubju l-isbaħ xhieda tar-rispett li kien igawdi. Kienet ġemgħa li ħanqet kull rokna tul it-triq minn Triq ir-Repubblika sal-pjazza tal-Katidral.

Mons. Salvinu Scicluna kien tassew il-qassis li qeda dmiru fis-skiet. Bla daqq ta' trombi wassal lil Kristu kullimkien. Fir-Rabat u fl-irħula ta' Għawdex kollha. Permezz ta' l-Ewkaristija u permezz tal-qrar. Bkieh tassew kulħadd, l-iktar il-penitenti tiegħu mir-Rabat u x-Xewkija.

Ma jinsihx min kien jafu. La fir-Rabat fejn għal dawn l-aħħar snin kuljum kien iqaddes fil-knisja ta' San Franġisk, u lanqas f'Marsalforn fejn Dun Lino kien jgħix u fejn fil-klabb tal-Menqa kien jiltaqa' ma' tobba, artisti, awturi, politikanti u nies oħra minn kull taqsima tas-soċjetà. Victor Apap wieħed minnhom. Kittieb magħruf tal-Malti, ħabib tiegħu, li kien jiġi apposta minn Malta biex jaqsam miegħu uħud minn dawn l-isbaħ mumenti tiegħu. U hekk ukoll f'Ruma fejn l-għadd ta' Maltin u Għawdxin li kienu jgħixu f'dik il-belt dejjem sabu fih il-*padre spirituale* tagħhom.

Bniedem ta' fehmiet żonqrija u qassis ta' prinċipji sodi mibnija fuq it-tagħlim tal-Knisja. L-uffiċċju tiegħu fil-*Vicariato di Roma* kien ħolqa ta' imħallfin ekkleżjastiċi jiddiskutu każijiet u problemi li ta' kuljum kienu jħabbtu wiċċhom magħhom. L-għerf tiegħu kien sorsi ta' ispirazzjoni għalihom. Għajn ta' dehen u tarka ta' kuraġġ.

Monsinjur Scicluna kellu l-edukazzjoni sekondarja tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex. Kif kien iħobb jgħid, kienu l-isbaħ snin ta' formazzjoni tiegħu nisranija. Taħt il-Ministru Dun Kelment u ma' surmastrijiet bħal Mons. Andrea Vella, Mons. G. Grima u Mons. E. Mercieca kien tgħallem l-iskola ta' Kristu. Kienet l-għaxqa tiegħu dan l-aħħar jiftakar fi ħbiebu l-istudenti, sħabu tal-kamerata, fosthom Ġużeppi Mercieca u Nikol Cauchi, illum it-tnejn isqfijiet emeriti ta' pajjiżna.

Mons. Scicluna ordna saċerdot fl-1955 u ftit wara l-ewwel quddiesa tiegħu f'San Ġorġ, mar Ruma fejn serva fil-parroċċa ta' San Saturnino. Fost il-personalitajiet li laqa' jispikka l-Qdusija Tiegħu, il-Papa Pawlu VI. Wara li temm l-istudji tiegħu fl-*Università Pontificia Gregoriana* mnejn iggradwa Duttur fid-*Diritto Canonico*, ingħaqad mal-*Vicariato di Roma* bħala *Judex*, fejn mexxa b'suċċess l-istadji preliminarji f'kawżi tal-qaddisin. Fost dawn il-kawżi hemm ta' Madre M. Elisabeth Hesselblad, fundatriċi ta' l-Ordni Monastika tas-sorijiet ta' Santa Briġida, u tal-Kardinal Henry Newmann.

Minkejja 'l bogħod Mons. Scicluna baqa' dejjem marbut ma' pajjiżu. Fiċ-ċelebrazzjonijiet sollenni taċ-ċentinarju tad-Djoċesi Għawdxija fl-1964 l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace ħatru segretarju tal-Kardinal Traglia, li ġie għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet bħala rappreżentant tal-Papa. Għal l-40 sena li dam f'Ruma żamm kuntatt kontinwu ma' l-isqfijiet tiegħu, l-iktar mal-Kurjiet tagħhom f'Malta u f'Għawdex, mnejn sħabu, imħallfin, dejjem sabu l-pariri tiegħu nixxiegħa ta' għerf.

Mons. Scicluna rtira mill-kariga li kellu ta' *Judex* fl-1992 u ġie lura pajjiżu ftit wara. Baqa' saċerdot ta' Kristu dejjem u ħabb dejjem lil Sidtna Marija mill-fond ta' qalbu. Lilhom sab jistennewh fis-Sema u magħhom ukoll lill-mamà u lill-papà tiegħu li tant kien iqim u jgħożż.

Mulej agħtih il-mistrieħ ta' dejjem!

***Pawlu Mizzi***

PLAY - FORUM (1)

# Ma' Mewġ il-Ħajja



***F'din il-ħarġa ser nagħtu bidu għal sensiela ġdida ta' djalogi drammatiċi dwar problemi ta' żmienna, miktuba mill-mibki u qatt minsi MONS. SALV BORG.***

## L-Anzjani fil-Familja ... problema żejda?

*Tonina:* Ċikk...Ara x'ser ngħidlek!... Trid tiddeċiedi, fhimt?

*Ċikku:* Jiena kieku lest li niddeċiedi... Iżda l-biċċa mhix daqshekk ħafifa.

*Tonina:* U għaliex mhix daqshekk ħafifa?

*Ċikku:* Għax mhix daqshekk ħafifa... Għax dan mhux kif taqbad u tfassal f'moħħok int.

*Tonina:* Ċikk, jien lili ddaħħakni!...

*Ċikku:* Indaħħkek biex? Sa fejn naf jien ma għidt l-ebda ċajta biex noqgħod indaħħkek!

*Tonina:* Xi ċajta jonqos tgħidli dalgħodu, min jisimgħek!... Ċikk... ma għandix moħħ iċ-ċajt.

*Ċikku:* Imma int lilek min jasal qatt biex jifhmek?... Għidli min?... Jien stess għidtlek li ma kellix f'moħħi noqgħod indaħħkek, imbagħad tiġi int u tgħidli biex ma ndaħħkikx... Jien jew miġnun... jew inkella qed nagħmilha ma' l-imġienen!

*Tonina:* Naħseb li ta' l-ewwel jgħodd għalik... Iva Ċikk... Int bniedem miġnun!

*Ċikku:* Din isbaħ mill-oħra!.. U dan kif wasalt għal din il-konklużjoni?

*Tonina:* Huwa li ma kontx miġnun kont ser tidħol biex iżżomm lil missierek hawnhekk magħna...

*Ċikku:* X'fiha b'daqshekk?... Mhux missieri hu?

*Tonina:* Anke Vanġela oħtok u Ġanni ħuk l-għażiż, dawk ukoll għandhom missier bħalek... Rajthomx kif ħaslu idejhom minnu.

*Ċikku:* Dawk ma setgħux iżommuh huma!

*Tonina:* U Ċikku tiegħi seta', rajtux!

*Ċikku:* Dawk ma għandhomx wisgħa f'darhom. It-tnejn joqogħdu ġo flat żgħir. Bilkemm għandhom fejn iraqqdu lil uliedhom.

*Tonina:* U aħna għall-grazzja t'Alla, għandna *palazzo*, hux hekk?

*Ċikku:* Palazz ma għandniex... iżda dejjem kellna fejn inżommuh fuq wiċċ l-idejn!

*Tonina:* Imma Tonina ssajjar, taħsel u tara kif iddawwar ir-rota tal-ħajja.

*Ċikku:* Min jisimgħek jaħseb li dan missieri qed joħloqlok ħafna *trouble*!

*Tonina:* Eżatt!... Iva Ċikk, missierek ħlief *trouble* ma jagħmilx. U billi ngħidlu biex ma joqgħodx ipejjep il-pipa hawn ġew, iżda jekk irid joħroġ ipejjipha barra fil-bitħa... Lil min tgħid: donnu biex jinkini, iżjed ipejjep hawn ġew, u mhux biss tafx... Iżda mbagħad arah inaddaf il-pipa mit-tabakk maħruq u jqegħdu fejn ġie ġie.

*Ċikku:* Tonina; int qatt ma ħmilt li missieri jiġi hawnhekk magħna. Li kien għalik konna nitfgħuh f'dar ta' l-anzjani u nħalluh jitqadded hemm ġew.

*Tonina:* Int min qallek li jien qatt ma ħmiltu lil missierek!... Jiena taf xi stennejt, li l-għeżież ħutek joffru lilhom infushom huma wkoll, u hekk konna ngħadduh ġimgħa kull wieħed. Hekk ta' l-inqas konna nitwikkew bih kull tliet ġimgħat.



*Ċikku:* Imma kemm taf tweġġa' b'ilsienek!... Issa ma tarax li minhix ser inħalli lil missieri jiġi trattat qisu xi biċċa gradenza... u noqogħdu nġorruh minn hawn għal hemm.

*Tonina:* X'fiha b'daqshekk!?... Ara li kieku kienet għadha ħajja ommi, hekk kont nagħmel. Kont niftiehem ma' ħuti u nżommuha ftit kull wieħed.

*Ċikku:* Imma issa qed tgħid hekk, Tonina. Issa li ommok mietet. Meta kienet għadha ħajja, ġmielek kont ħallejtha f'darha... Timmumja weħidha. Ma qbadtx u ġibtha hawn jew inkella ftehimt ma' ħutek biex iżżommuha ftit kull wieħed.

*Tonina:* Jiena naf li int qed tgħidli hekk biex tweġġagħni, Ċikk. Iżda m'intix ser tibdilli fehmti. Ċikk... Ser ikollok tiddeċiedi: jew jiena jew missierek!

*Ċikku:* Tonina..........

*Tonina:* Tonina xejn!... Naħseb li kellimtek ċar. Illum trid tagħtini tweġiba... Jew vi jew vo... Fhimt?

*Ċikku:* Kemm taf tkun ingrata, Tonina... Dak missieri. Din id-dar li qegħdin fiha hija tiegħu. Tahielna biex ngħixu fiha.

*Tonina:* Imma xorta waħda ma kitibilekx fit-testment li għadu kif għamel!

*Ċikku:* U ma hemmx ħuti l-oħra?

*Tonina:* Waqa' l-ass!... Iżda minkejja li dawk ħutek, aħna tqannejna bih.

*Ċikku:* Min jisimgħek jaħseb li dan missieri qisu xi wieħed ta' barra minn hawn.

*Tonina:* Dik il-kelma eżatta, Ċikk : wieħed ta' barra minn hawn. Dejjem riedha tgħaddi tiegħu.... Tiegħu biss tajjeb. Aħna ma neżistux. Aħna qegħdin hawn għall-kumpanija... Biex nieħdu ħsiebu, insajrulu. U hu kullimkien tiegħu.

*Ċikku:* Tgħaġġibhiex!...

*Tonina:* M'inhix qed ngħaġġibha!... Mank programm fuq it-TV ma nista' nara bil-kwiet. Araħ igerger, jeqred... Imbagħad xi ngħidu għall-egoiżmu li għandu?... Hu biss jeżisti, aħna le!... Aħna m'aħniex hawn!!

*Ċikku:* Issa jiena għandi wiċċ... Għandi stonku u nqalftu 'l barra?... Issa ma tarax!

*Tonina:* Ċikk: Għandek wiċċ u għandek stonku... ara kif tagħmel. Eħlisni minnu.

*Ċikku:* Imma nerġa' ngħidlek: għaliex tridni neħilsek minnu?

*Tonina:* Le... Ma tafx għaliex?... Fejn hi l-privatezza tagħna? Għaliex kull kelma li ngħidu bejnietna, ikun irid jindaħal u jrid jgħid tiegħu.

*Ċikku:* Dak għax iħobbna!

*Tonina:* M'għandix bżonn imħabba ta' din ix-xorta... Issa xbajt sal- ponta ta' mnieħri.

*Ċikku:* Imma Tonina kemm tiflaħ tkun kiefra miegħi u miegħu?

*Tonina:* Għalik, veru jiddispjaċini... Ma jixraqlekx dan kollu. Iżda għalih ma nħoss l-ebda sogħba... Ċikk ... Issa f'idejk: jew jien... jew hu!!

*Ċikku:* Imma għaliex... Għaliex Mulej... Għaliex kellu jiġrili dan kollu?













*Ibża' għal Saħħtek*

# L-Abbuż mill-Alkoħol



*minn* DR MARIO SALIBA MD MMCFD

**Figuri minn stħarriġ li sar madwar l-Ewropa, il-*European School Survey Project* (ESPD) 1995 - 1999, juri li n-numru ta' tfal li għadhom jattendu l-iskola ġa qegħdin jesperimentaw bl-alkoħol. Mhux biss hekk, imma komparata ma' pajjiżi oħra, Malta tinsab minn quddiem f'dan ir-rigward. Għalhekk huwa ovvju li għandna problema fost it-*teenagers* Maltin u Għawdxin. Huwa fatt ta' tħassib li l-użu tal-alkoħol f'pajjiżna qed jiżdied konsiderevolment. Iż-żminijiet jinbidlu, u dak li qabel kien konsidrat bħala xi ħaġa ta' l-okkażjoni waqt xi festin ta' tieġ jew magħmudija llum sar regola ta' kull *weekend.* Il-*parties* saru komuni, mhemmx għalfejn jasal xi *birthday* biex jiġu organizzati. Waqt dawn il-*parties* l-użu tal-alkoħol huwa sfrenat. Anke tfajliet taħt l-età qegħdin jixorbu l-alkoħol. Dan qed isir b'mod speċjali f'postijiet mhux pubbliċi bħal *farm houses* fejn dawn jinkrew għall-*weekends* u hemm isiru l-festini bejn iż-żgħażagħ.**

Hemm ħafna raġunijiet għaliex ġejna f'din is-sitwazzjoni. Ħafna żgħażagħ għandhom l-ideja żbaljata li l-alkoħol ma jagħmilx ħsara bħad-drogi. Nies esperti f'dan il-qasam jgħidu li x-xorb jista' jwassal għad-drogi. Żgħażagħ li jixorbu regolari għandhom ċans ta' 22 darba iktar li jibdew jieħdu d-drogi. Il-rabta bejn l-alkoħol u d-drogi hija xjentifikament ipprovata (Keith Hellawell).

Kemm trid tixrob biex teċċedi l-limitu? L-irġiel għandhom il-metaboliżmu daqsxejn differenti minn tan-nisa. Għalhekk jistgħu jittolleraw ftit iktar ammont ta' alkoħol minn nisa. Imma taħsbux li dan l-ammont huwa ħafna. Skond l-Istitut Nazzjonali tal-Abbuż tal-Alkoħol Amerikan, il-limitu għan-nisa huwa ta' *drink* kuljum jew 7 *drinks* fil-ġimgħa u għall-irġiel huwa d-doppju, żewġ *drinks* kuljum u 14 fil-ġimgħa. Hawn irridu noqgħodu attenti mid-daqs tad-*drink* jew mill-kobor tal-flixkun jew bott tal-birra. Dawn iridu jkunu ta' daqs normali.

Kif wera s-*survey* li semmejna, t-tfal tagħna jkunu ġa daqu l-alkoħol meta jkollhom bejn il-11 u l-15. Dan minħabba li t-tfal illum jiżviluppaw qabel, jagħmluha mal-ħbieb qabel u jrabbu ċerta libertà minn kmieni fil-ħajja. Ġeneralment huma jsibu ħafna okkażjonijiet mal-ħbieb speċjalment fil-*weekends* fejn ikunu jistgħu jixorbu. Il-liġi f'Malta għadha ma nbidlitx u żgħażagħ ta' 16 jistgħu jixtru *drinks* alkoħoliċi. Kważi fil pajjiżi kollha Ewropej l-età hija ta' 18. Meta jkunu fi grupp iħossuhom iktar siguri u hija ħaġa naturali li meta tkun fil-kumpanija tixrob iktar. Normalment jixorbu biex iħossuhom iktar ferħana, iżda jiġri li jaqbżu l-limitu u jispiċċaw fis-sakra. Meta mbagħad ikunu taħt l-effett ta' l-alkoħol jitilfu kull kontroll fuqhom infushom u jispiċċaw jagħmlu affarijiet li wara jiddispjaċihom li għamluhom. Mhux l-ewwel darba li kont xhud ta' żgħażagħ li jidħlu fid-Dipartiment ta' l-Emerġenza f'sakra ma jarawx art u maħsula b'dak li jkunu għadhom kemm immettew. Iċ-ċans li jweġġgħu minħabba xi waqa' jew ħabta huwa kbir u każijiet ta' din ix-xorta huma komuni fil-*weekends* fl-isptarijiet u l-polikliniċi tagħna.

Din nistgħu nsejħulha l-kultura jew il-moda ġdida tax-xorb. Bħala poplu Mediterranju aħna nies li nħobbu l-kumpanija u l-festi. F'kull belt u raħal jiċċelebraw xi żewġ festi u għal kull ħaġa ta' xejn kulħadd jixrob, jew għax rebaħ it-tim tal-futbol jew għax rebaħ iż-żiemel, ecc. Barra minn hekk ix-xorb waqt it-tiġijiet huwa xi ħaġa ta' l-għaġeb. Forsi dak li jkun jipprofitta ruħu mill-okkażjoni. Aħna ma nafux nieħdu gost b'xulxin billi nixorbu grokk jew tnejn, iżda rridu nibdew nitbellħu u ngħidu l-ħmerijiet biex forsi jwaqqfuna mix-xorb.

Raġuni oħra għaliex it-tfal tagħna jidraw jixorbu minn kmieni hija l-ammont ta' xorb alkoħoliku li jinsab fid-djar tagħna. Min ma jżommx flixkun whisky jew inbid











id-dar? Ħafna tfal jaraw lill-ġenituri tagħhom jixorbu l-inbid id-dar speċjalment meta l-istess nbid ikun magħmul id-dar stess. Hemm min jixrob fixkun nbid kuljum u minn għalih li ma jixrobx għax iħalltu bil-luminata. L-eżempju għandu jibda mid-dar u l-ewwel pass għandu jiġi minna l-kbar u ma nidrawx nixorbu ta' kuljum fid-dar. Tazza nbid tajba tagħmel il-ġid liċ-ċirkolazzjoni tad-demm u din għandna neħduha b'dan l-iskop u mhux biex sempliċiment nixorbu għax għandna d-drawwa. Biss jekk nixorbu iżjed minn tazza kuljum, ħsara lil saħħitna nkunu nagħmlu. Aħna ma nistgħux ngħidu lill-uliedna tixorbux, u nibqgħu ta' kuljum inlegilgu speċjalment f'ħinijiet mhux waqt l-ikel. Uliedna jidħku bina u meta jkollhom l-okkażjoni jixorbu huma ukoll. Irridu nieqfu aħna u nitkellmu ma' uliedna dwar dan is-suġġett fil-miftuħ u ma nkunux ipokriti. Għandna jkollna sens ta' kontroll fuqna nfusna biex uliedna jidraw jikkontrollow huma ukoll. Ir-riċerka turi li jista' jkun hemm xi element ta' ġenetika jekk dak li jkun ikollux tendenza għax-xorb iktar minn ħaddieħor, imma ħadd ma jitwieled sakranazz u l-ambjent li nkunu trabbejna fih jinfluwenza ħafna d-drawwiet tagħna u l-mod kif ngħixu.

Bla dubju ta' xejn l-użu ta' l-alkoħol f'pajjiżna qiegħed jiżdied. Sedqa, l-aġenzija governattiva, u f'Għawdex l-OASI qegħdin jagħmlu xogħol tajjeb f'dan ir-rigward permezz ta' fuljetti informattivi u attraenti, *slots* fuq it-televiżjoni u importanti ħafna kampanja qawwija fl-iskejjel anke primarji bħala privenzjoni, kif ukoll programmi ta' detossifikazzjoni għal dawk li jixtiequ jieqfu mix-xorb. L-abbuż mill-alkoħol huwa meqjus bħala marda kronika li taffettwa lill-moħħ u lill-ġisem u anke tista' twassal għall-mewt minħabba kumplikazzjonijiet fil-fwied u fil-moħħ. Meta jkun membru fil-familja li jixrob, il-familja kollha tbati u tkun affettwata. Meta l-membru jkun wieħed mill-ġenituri, l-problema tkun ikbar għax il-familja tbati aktar.

Mingħajr ma nidħlu f'argumenti nistgħu ngħidu li kemm il-fattur ġenetiku u kemm dak ambjentali bħal problemi fil-familja, stress u fatturi soċjali huma importanti u kollha flimkien iwasslu biex dak li jkun jispiċċa dipendenti fuq l-alkoħol bħal ma jispiċċaw dawk li jabbużaw mill-kalmanti, sigaretti u drogi. Kif għidna ħadd ma jitwieled sakranazz u lanqas issir hekk f'daqqa. Ħafna drabi l-ftit ta' kuljum iwassal għall-iktar u bil-ftit il-ftit tidħol id-drawwa u ssir vizzju jew marda. Nistgħu nibdew billi ta' spiss naċċettaw meta joffrulna nixorbu. Jista' ukoll minħabba t-tip ta' xogħol jew laqgħat soċjali li ta' spiss ikollna, x-xorb isir ħaġa ta' kuljum. Għall-ewwel nistgħu nieqfu mingħajr diffikultà, iżda jiġri li wara ċertu żmien ikun diffiċli biex nieqfu u nsiru dipendenti fiżikament u psikoloġikament.

Min-naħa l-oħra l-"moda ġdida" fost iż-żgħażagħ tagħna tax-xorb eċċessiv fil-*weekends* jew *bing drinking* hija tendenza differenti li żgur m'għandhiex fatturi ġenetiċi. Il-konsegwenzi qed ikunu kbar kemm fuq is-saħħa personali taż-żgħażagħ kif ukoll fuq is-soċjetà. Żdiedu n-numru ta' inċidenti tat-traffiku speċjalment fil-*weekends* kawża tax-xorb żejjed u żdiedu n-numru ta' ġranet ta' xogħol u skola mitlufa minħabba l-effetti tax-xorb fil-*weekends* u r-*rave parties* u dawk privati li qed ikunu organizzati f'dawn l-aħħar żminijiet b'detriment għaż-żgħażagħ tagħna. Malta żgħira u l-ħsara iktar tidher milli f'pajjiżi kbar. Il-konsegwenzi fuq iż-żgħażagħ tagħna jinħassu iktar. Jiena ta' l-opinjoni li għandna nkunu stretti fuq dawn l-affarijiet u l-liġijiet għandhom l-ewwelnett jinbidlu biex ikunu konformi ma' ta' barra u jkunu nfurzati mingħajr riżerva. Dan għax l-isfruttament taż-żgħażagħ waqt dawn l-attivitajiet jilħaq l-aqwa tiegħu. Iż-żgħażagħ għandhom jagħrfu japprezzaw iktar is-saħħa u s-sbuħija tal-ħajja mingħajr alkoħol u drogi.

**MIX-XENA SPORTIVA** *minn* **Joe Bajada**



# *Victoria Hotspurs jirbħu t-Tazza ta' Jum Il-Ħelsien għall-ewwel darba*

*Victoria Hotspurs* b'gowl f'kull taqsima rnexxielhom iniżżlu isimhom fuq din it-tazza għall-ewwel darba, suċċess miksub kontra l-*holders Nadur Youngsters* f'din l-ewwel dehra tagħhom fil-finali. F'din is-sittax-il edizzjoni, huma lagħbu tajjeb u ma wrew l-ebda biża' ta' inferjorità mill-avversarji, konxji wkoll li huma anke taw telfa liċ-*champions* fit-tieni *round* tal-kampjonat Onvol tal-ewwel diviżjoni. Huma lagħbu b'mod kollettiv fejn għarfu jikkontrollaw tajjeb kważi kull sitwazzjoni li sabu ruħhom fiha. Nadur forsi ftit ħasbu li ser ifallu dan l-unur biex ikomplu jżidu mal-unuri numerużi tagħhom. Huma fallew milli jiksbu d-*draw* meta naqsu li jiskurjaw *penalty* u biex jikkomplikaw l-affarijiet għalihom kellhom jilgħabu għall-aħħar nofs siegħa bi *player* inqas.



Nadur ħarġu fuq l-attakk fejn wara żewġ minuti Joseph Portelli naqas li jikkonnetja l-kross mill-lemin ta' A. Portelli. F'iktar insistenza tal-*holders,* konklużjoni ta' Chris Camilleri fil-11 il-minuta spiċċat ftit barra. *Hotspurs* wieġbu fl-14 il-minuta meta kien Xuereb li salva f'żewġ attentati konklużjoni ta' Daniel Farrugia minn tarf il-kaxxa. Fid-19 il-minuta *Hotspurs* irnexxielhom jiftħu l-iskor meta pass ta' John Paul Grima lejn **RICCARDO SAVERINO** li żmarka tajjeb u waħdu quddiem Xuereb ma falliex b'xutt fil-baxx. Nadur wettqu reazzjoni fejn fid-29 minuta Grima salva fuq Chris Camilleri. Mbagħad huma kellhom gowl ta' Joseph Portelli mħassar għal *offside* tal-istess *player* minn suġġeriment ta' A. Portelli wara azzjoni ta' *freekick* ta' Simoncic. Il-*Youngsters* komplew jinsistu fejn fl-34 minuta Grima jsalva għal *corner* tentattiv angulat ta' Joseph Portelli. Minuta biss wara, *freekick* ta' Chris Camilleri spiċċa ftit barra. L-azzjonijiet ta' Nadur issoktaw fejn Grima kellu jisraq il-ballun minn fuq ras Nkwankwo biex evita l-periklu. Fis-37 minuta suġġeriment ta' Simoncic, bi Chris Camilleri jfalli b'ċentimetri l-konklużjoni tiegħu. Erba' minuti wara *freekick* tal-istess Camilleri mar ftit għoli. Fuq in-naħa l-oħra fit-43 minuta Xuereb jimblokka fl-għoli l-kross insidjuż mill-lemin ta' Marvin Buttigieg. Minuta fuq il-ħin regolamentari Nadur ġew mogħtija *penalty* għal *hands* ta'John Paul Grima fuq tentattiv ta' Anthony Portelli, iżda mill-ħdax il-metru Eric Nkwankwo ra x-xutt iplejsjat tiegħu mblukkat fil-baxx minn Mark Grima. F'risposta Rabtija, tliet minuti fuq il-ħin Jason Portelli mpenja lil Xuereb bi *freekick* dirett.



Wara 3 minuti tat-tieni taqsima minn *corner* ta' Saverino, Jason Portelli xeħet ftit għoli. Fuq in-naħa l-oħra żewġ minuti wara, Grima salva mingħajr wisq diffikultà t-tentattiv ta' Hili. Fid-9 minuta *Hotspurs* irnexxielhom jirduppjaw. *Freekick* ta' Jason Portelli, Saverino wara li kkontrolla fejn anke qabeż lil *goalkeeper* Xuereb u mill-pass qasir tiegħu, **NOEL BORG** b'xutt fuq il-ġirja tefa' ġewwa mill-viċin. Fil-15-il minuta Nadur spiċċaw jilgħabu bi player inqas meta tkeċċielhom Dejan Odevic wara li ddobba t-tieni karta safra. Hawn Nadur dehru iktar konfużi minkejja li kellhom risposta fid-29 minuta permezz ta' Joseph Portelli li falla bi ftit b'xutt minn tarf il-kaxxa. *Hotspurs* hawn komplew jikkontrollaw tajjeb. Fl-40 minuta Peter Buttigieg evita *goal* ieħor meta bir-ras tajjar minn fuq il-linja l-*corner* ta' Jason Portelli. Din il-finali kienet ikkontrollata b'awtorità minn Saviour Tanti.

Fi tmiem il-finali, Vincent Grech, president tal-Kumitat Nazzjonali u Popolari fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, assistit minn Joe Cordina, president tal-GFA, ppreżenta t-Tazza Jum Il-Ħelsien lil Michael Vella, *captain* tar-Rabtin fost il-ferħ tas-*supporters* tagħhom li raw dan l-ewwel suċċess staġjonali tagħhom.



# Imkejjen Għawdxin

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit*





## 9. IS-SHAĦAR TA' VILLA RUNDLE

*Il-ġnien ta' Villa Rundle ġmiel is-seħer,*
*Imkennen b'għata jħaddar tal-ballut,*
*U s-siġar kbar tal-palm qishom suldati,*
*Għassiesa ħiemda.*

*Iċ-ċanet twapet kollha lwien imfewħa,*
*Imberfla bl-aħdar, f'nofshom bl-awrikarji*
*Qishom pożati f'nofs xi tavolina,*
*Dritti bħax-xemgħa.*





*Passaġġi u mogħdijiet ilkoll imżejna,*
*Bis-siġar taż-żebbuġ, u oħrajn tal-ġandar,*
*Xi ftit siġar ta' Ġuda u oleandri,*
*Jew ta' l-akaċja.*

*Fil-ġnub taċ-ċanet, żewġ siġriet iħaddru*
*Tar-rand ifuħ, fin-nofs tal-ġewż li jinżgħu*
*Mill-weraq qisu swaba', u f'xi passaġġi*
*Oħrajn tal-ficus.*





*Is-sħaħar moħbijin qalb il-lantana,*
*Jilagħbu noli u jistaħbew fil-felċi,*
*Jilbsu l-papoċċi sbieħ ta' l-antirrhinum,*
*Bojod u sofor.*

*U ta' kull sena s-sħaħar jagħmlu festa,*
*F'jiem ir-rebbiegħa, jilbsu lbies imlewwen,*
*Jilbsu ta' pensjierini u ċinerarji,*
*Ġawhar ilellex.*

# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Lynda Caton Roseblade*

## KULURI U BENNA TAL-KAMPANJA GĦAWDXIJA





*In-nibbiet ġdid jitmattar ġol-ħamrija*
*u l-ward li jidħak bejn il-weraq tari;*
*festuni n-nwar li jżejnu zkuk għarwiena,*
*xtieli ħosbiena jibku nida safi,*
*għakrux li jtawwal għonqu biex jiskopri*
*u brimba tinseġ velu f'kantuniera;*
*naħal kurjuż jittawwal ġo kull warda*
*w għasfur storbjuż li jaħseb li l-ġnien tiegħu;*
*raba' li jgħolli wiċċu lejn sem' ikħal*
*u xemx tħares kuntenta fuq xogħol għaqli.*

(Carm C. Cachia, "Għodwa tar-Rebbiegħa")

